# GWIDI GĦAL PRATTIKA TAJBA

**skont il-**

***Konvenzjoni ta' The Hague tal-25 ta' Ottubru tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri***

# PARTI VI
# L-ARTIKOLU 13(1)(b)

Ippubblikat minn
**Il-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat – HCCH**
**Il-Bureau Permanenti**
Churchillplein 6b  2517 JW The Hague  In-Netherlands

+31 70 363 3303
+31 70 360 4867

secretariat@hcch.net
www.hcch.net

## Kelmtejn ta' qabel

Fl-okkażjoni tal-40 anniversarju mill-konklużjoni tal-*Konvenzjoni ta' The Hague tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri*, huwa l-pjaċir kbir tiegħi li nippreżenta l-Parti VI tal-Gwida għal Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-1980 tal-HCCH dwar il-Ħtif ta' wild minuri, li tittratta dispożizzjoni kruċjali tal-Konvenzjoni: l-Artikolu 13(1)(b) (l-eċċezzjoni ta' riskju gravi ta' ħsara).

Din il-pubblikazzjoni għandha l-għan li tipprovdi gwida lill-imħallfin, lill-Awtoritajiet Ċentrali, lill-avukati u lil prattikanti oħra li jaħdmu fil-qasam tad-dritt internazzjonali tal-familja u li huma ffaċċjati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-1980 dwar il-Ħtif ta' wild minuri. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi waħda mill-eċċezzjonijiet għar-ritorn fil-pront tal-wild minuri skont il-Konvenzjoni. Iż-żieda fl-użu f'dawn l-aħħar snin ta' din id-difiża f'kawżi ta' ħtif ta' wild minuri, u t-tħassib dejjem jikber fost il-komunità ta' esperti li applikazzjoni skorretta ta' din id-dispożizzjoni tikkomprometti l-bilanċ delikat li ntlaħaq mill-Konvenzjoni dwar il-Ħtif ta' wild minuri, qanqlu lill-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Politika, il-korp regolatorju tal-HCCH, biex jagħti l-kompitu lill-Bureau Permanenti, bl-għajnuna ta' Grupp ta' Ħidma magħmul minn firxa wiesgħa ta' esperti nazzjonali, li jiżviluppa Gwida għal Prattika Tajba dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni.

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lil dawk kollha li kkontribwew għall-iżvilupp u l-iffinalizzar ta' din il-Gwida. L-ewwel nett, nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lill-ħafna membri tal-Grupp ta' Ħidma (lista sħiħa ta' membri disponibbli fil-Gwida), u, b'mod partikolari, lill-Onorevoli Diana Bryant li ppresjediet il-Grupp ta' Ħidma sa mill-ewwel laqgħa tiegħu fl-2013. Il-gwida esperta, l-impenn mingħajr riżervi u l-paċenzja tal-Imħallef Bryant kienu strumentali fit-tlestija b'suċċess ta' din il-Gwida. Ir-ringrazzjament sinċier tiegħi jmur ukoll għall-persunal u ħafna interns tal-Bureau Permanenti li suċċessivament kienu involuti fil-proġett. Skont il-prattika soda u ppruvata tal-HCCH, din il-Gwida għall-Prattika Tajba ġiet ippreżentata lill-Membri tagħha għall-approvazzjoni. Il-fatt li ġiet approvata mit-83 Membru (il-membri kollha ta' dak iż-żmien) tal-HCCH ċertament isaħħaħ il-valur awtorevoli ta' din il-Gwida bħala sors sekondarju ta' informazzjoni dwar l-operazzjoni tal-Konvenzjoni.

Huwa kruċjali li l-professjonisti kollha, kemm jekk jittrattaw każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' wild minuri fuq bażi regolari, jekk mhux ta' kuljum, kif ukoll darba f'ħajjithom, ikunu mgħammra bl-għodod meħtieġa biex jgħinu lit-tfal u lill-familji li jinqabdu f'dawn is-sitwazzjonijiet kritiċi ħafna. B'din il-pubblikazzjoni, huwa ttamat li l-professjonisti, b'mod partikolari l-imħallfin, issa jkollhom tali għodda biex tgħinhom fl-analiżi delikata tal-eċċezzjoni tar-riskju gravi ta' ħsara. Huwa kruċjali li jkunu f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjoni informata u fil-pront dwar ir-ritorn tal-wild minuri. L-Awtoritajiet Ċentrali u prattikanti oħra se jsibu wkoll gwida utli biex tgħinhom jittrattaw każijiet fejn tkun tqajmet id-difiża tal-Artikolu 13(1)(b). Id-deċiżjonijiet imsemmija fil-Gwida, li kollha kemm huma jistgħu jiġu aċċessati fuq INCADAT, il-bażi tad-*data* internazzjonali dwar il-ħtif ta' wild minuri tal-HCCH, ser jipprovdu lill-qarrejja b'aktar eżempji konkreti ta' kif ġiet applikata d-dispożizzjoni f'kawża speċifika.

F'dan l-isfond, ninsab konvint li din il-pubblikazzjoni importanti se tikkontribwixxi għall-operazzjoni msaħħa u għal applikazzjoni aktar uniformi tal-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni dwar il-Ħtif ta' wild minuri, fl-interess tat-tfal u tal-familji madwar id-dinja.

Christophe Bernasconi | *Segretarju Ġenerali*

## Werrej


**GLOSSARJU .......... 8**
**INTRODUZZJONI** .......... 13
**I. L-Artikolu 13(1)(b) bħala parti mill-qafas tal-Konvenzjoni tal-1980** .......... 19
**1. Il-prinċipju: ir-ritorn tal-wild minuri** .......... 21
a. L-iskop u l-kunċetti sottostanti tal-Konvenzjoni .......... 21
i. It-tneħħija jew iż-żamma hija illegali meta tikser id-drittijiet ta' kustodja .......... 21
ii. It-tneħħija jew iż-żamma illegali hija ta' ħsara għall-wild minuri .......... 22
iii. L-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiddeċiedu dwar il-kustodja u l-aċċess .......... 22
b. Deċiżjoni dwar ir-ritorn: Mhix determinazzjoni tal-kustodja .......... 22
c. Proċeduri sommarji ta' ritorn .......... 23
d. Kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti .......... 23
e. Dmir li jiġi ordnat ir-ritorn tal-wild minuri minnufih .......... 23
f. Eċċezzjonijiet limitati għad-dmir li jiġi ordnat ir-ritorn minnufih .......... 24
g. Interpretazzjoni restrittiva tal-eċċezzjonijiet .......... 25
**2. L-Artikolu 13(1)(b) – fehim tal-eċċezzjoni tar-riskju gravi** .......... 26
a. Tliet tipi ta' "riskju gravi" .......... 26
b. Riskju gravi għall-wild minuri .......... 26
c. Il-livell ta' "riskju gravi" .......... 27
d. Eċċezzjoni ta' riskju gravi "li tħares 'il quddiem" .......... 27
**II. L-Artikolu 13(1)(b) fil-prattika** .......... 29
**1. Il-kunsiderazzjoni tal-eċċezzjoni tar-riskju gravi** .......... 31
a. Analiżi pass pass .......... 31
b. Miżuri protettivi .......... 34
c. Arranġamenti prattiċi .......... 36
d. Regoli proċedurali u ta' prova .......... 36
i. L-oneru tal-prova .......... 36
ii. Il-limitazzjoni tal-informazzjoni u tal-evidenza għall-kwistjoni tar-ritorn .......... 37
iii. L-ammissibbiltà ta' informazzjoni dwar l-isfond soċjali tal-wild minuri .......... 37

iv. Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors għar-ritorn u d-dokumenti mehmuża ... 37

**2. Eżempji ta' affermazzjonijiet li jistgħu jitqajmu taħt l-Artikolu 13(1)(b)** ... 37

a. Il-vjolenza domestika kontra l-wild minuri u/jew il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri ... 38

b. Żvantaġġi ekonomiċi jew ta' żvilupp għall-wild minuri mar-ritorn ... 41

c. Riskji assoċjati maċ-ċirkostanzi fl-Istat tar-residenza abitwali ... 43

d. Riskji assoċjati mas-saħħa tal-wild minuri ... 44

e. Is-separazzjoni tal-wild minuri mill-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri, meta l-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jirritorna lejn l-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri ... 45

i. Prosekuzzjoni kriminali kontra l-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri minħabba tneħħija jew żamma illegali ... 46

ii. Kwistjonijiet ta' immigrazzjoni ffaċċjati mill-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri ... 48

iii. In-nuqqas ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja fl-Istat tar-residenza abitwali ... 48

iv. Raġunijiet mediċi jew familjari li jirrigwardaw lill-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri ... 49

v. Rifjut inekwivoku ta' ritorn ... 51

f. Separazzjoni mill-aħwa tal-wild minuri ... 51

**III. Prattika tajba għall-qrati fil-kawżi taħt l-Artikolu 13(1)(b)** ... 53

**1. Prinċipju ġenerali: ġestjoni effettiva tal-kawżi** ... 55

**2. Prattiki tajbin ta' ġestjoni tal-kawżi** ... 56

a. Identifikazzjoni bikrija tal-kwistjonijiet rilevanti ... 56

b. Soluzzjoni bonarja ... 56

c. Il-parteċipazzjoni tal-partijiet fil-proċedimenti ... 57

d. Il-parteċipazzjoni tal-wild minuri fil-proċedimenti ... 58

e. Evidenza ... 59

f. Perizja ... 60

g. Assistenza minn Awtoritajiet Ċentrali u komunikazzjonijiet ġudizzjarja diretti ... 61

**IV. Prattika Tajba għall-Awtoritajiet Ċentrali fil-kawżi taħt l-Artikolu 13(1)(b)** ... 63

**1. Dmirijiet ġenerali tal-Awtoritajiet Ċentrali – kooperazzjoni u għoti ta' informazzjoni** ... 65

2. Rwol limitat tal-Awtoritajiet Ċentrali rigward l-eċċezzjoni ta’ riskju gravi ........ 65
3. Prattika tajba għall-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti........ 66
4. Prattika tajba għall-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest ........ 67

V. Riżorsi utli ........ 69
1. Ir-Rapport ta’ Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980........ 71
2. Il-Proċedimenti tal-Erbatax-il Sessjoni (1980)........ 71
3. Il-Bażi tad-Data dwar il-Ħtif Internazzjonali ta’ wild minuri (INCADAT) ........ 71
4. Il-Gwidi għal Prattika Tajba ppubblikati mill-HCCH........ 72
5. In-Network Internazzjonali tal-Imħallfin ta’ The Hague (IHNJ)........ 72
6. The Judges’ Newsletter on International Child Protection........ 73
7. Dokumenti mħejjija mill-awtoritajiet nazzjonali........ 73

Indiċi tal-ġurisprudenza ċċitata........ 75



# GLOSSARJU

**Kawża taħt l-Artikolu 13(1)(b):**

It-terminu "kawża taħt l-Artikolu 13(1)(b)" jintuża f'din il-Gwida biex jirreferi għal kawża ta' ħtif internazzjonali ta' wild minuri għar-ritorn ta' wild jew ulied minuri li titressaq taħt il-Konvenzjoni tal-1980 u li fiha tkun tqajmet l-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b).

**Il-ġestjoni tal-kawżi:**

Din tiddeskrivi l-proċess li permezz tiegħu l-qorti tissorvelja l-iżvolġiment tal-kawża b'mod partikolari biex tiżgura li l-kawża tkun lesta biex tinstema' minnufih u li ma jkunx hemm dewmien bla bżonn fil-proċedimenti.

**Abbuż ta' wild minuri:**

"Abbuż ta' wild minuri", skont id-definizzjoni użata fil-ġurisdizzjoni rilevanti, jirreferi għal tipi ta' negliġenza fiżika, emozzjonali jew psikoloġika, maltrattament jew molestja sesswali ta' wild minuri, li tipikament jirriżultaw minn azzjonijiet jew nuqqas ta' azzjoni minn ġenitur jew minn persuna oħra.

**Komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti:**

Il-komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti jirreferu għall-komunikazzjonijiet dwar kawża speċifika li jsiru bejn l-imħallfin li quddiemhom jitressqu l-proċeduri u li jinsabu f'ġurisdizzjonijiet differenti[1].

**Vjolenza domestika u vjolenza fil-familja:**

It-terminu "vjolenza domestika" jew "vjolenza fil-familja" jista' jinkludi, skont id-definizzjoni użata fil-ġurisdizzjoni rilevanti, firxa ta' mġiba abbużiva fil-familja, inklużi, pereżempju, tipi ta' abbuż fiżiku, emozzjonali, psikoloġiku, sesswali u finanzjarju. Din tista' tkun diretta lejn il-wild minuri ("abbuż ta' wild minuri") u/jew lejn is-sieħeb (xi drabi imsejjaħ "abbuż tal-konjuġi" jew "vjolenza fuq is-sieħeb intimu") u/jew lejn membri oħrajn tal-familja.

**Vjolenza fil-familja:**

Ara hawn fuq taħt "Vjolenza domestika u vjolenza fil-familja".

**Riskju gravi:**

Għall-finijiet ta' din il-Gwida, "riskju gravi" għall-wild minuri jirreferi għar-riskju gravi li r-ritorn tal-wild minuri jesponih għal ħsara fiżika jew psikoloġika jew inkella jqiegħdu f'sitwazzjoni intollerabbli.

---

1 Ara *Direct Judicial Communications – Emerging Guidance regarding the development of the International Hague Network of Judges and General Principles for Judicial Communications, including commonly accepted safeguards for Direct Judicial Communications in specific cases, within the context of the International Hague Network of Judges*, The Hague, 2013, p. 12 (minn hawn 'il quddiem, il-"Gwida Emerġenti dwar il-Komunikazzjonijiet Ġudizzjarji") (disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-HCCH fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction" u mbagħad "Direct Judicial Communications").

**Eċċezzjoni ta' riskju gravi:**

Għall-finijiet ta' din il-Gwida, it-terminu "eċċezzjoni ta' riskju gravi" jirreferi għall-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-1980, inklużi t-tliet tipi ta' riskju gravi, l-esponiment tal-wild minuri għal ħsara fiżika, l-esponiment tal-wild minuri għal ħsara psikoloġika, jew it-tqegħid tal-wild minuri f'sitwazzjoni intollerabbli[2].

**Network Internazzjonali tal-Imħallfin ta' The Hague:**

In-Network Internazzjonali tal-Imħallfin ta' The Hague (International Hague Network of Judges, IHNJ) huwa network ta' mħallfin li jispeċjalizza fi kwistjonijiet tal-familja li ġie stabbilit mill-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (HCCH) biex jiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-imħallfin fil-livell internazzjonali u biex jgħin fl-operazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tal-1980.

**Ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini:**

It-terminu "ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini" jiddeskrivi lill-persuna, lill-istituzzjoni jew lill-korp li jsostnu li wild minuri tneħħa jew inżamm illegalment f'Parti Kontraenti oħra, bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja skont il-Konvenzjoni tal-1980.

**Elenkar:**

"Elenkar" jirreferi għall-proċedura ta' tqegħid ta' kawża fl-iskeda tas-smigħ tal-qorti.

**Ordnijiet mera:**

L-ordnijiet mera huma ordnijiet identiċi jew simili li jingħataw mill-qrati kemm fl-Istat rikjest kif ukoll fl-Istati rikjedenti, li huma disponibbli biss f'ċerti sistemi legali u ġurisdizzjonijiet. Kull ordni hija eżegwibbli u effettiva fl-Istat fejn inħarġet.

**Arranġamenti prattiċi:**

L-arranġamenti prattiċi huma arranġamenti li qorti tista' tistabbilixxi bħala parti mill-ordni ta' ritorn biex tiffaċilita u timplimenta r-ritorn tal-wild minuri. L-arranġamenti prattiċi mhumiex maħsuba biex jindirizzaw riskju gravi u għandhom jiġu distinti minn miżuri protettivi.

**Miżuri protettivi:**

Għall-finijiet ta' din il-Gwida, it-terminu għandu jinftiehem b'mod wiesa' bħala miżuri disponibbli biex jiġi indirizzat riskju gravi.

**Stat rikjest:**

L-Istat fejn ittieħed il-wild minuri jew fejn il-wild minuri jkun qiegħed jinżamm. Dan huwa l-Istat li fih iseħħu l-proċedimenti ta' ritorn[3].

---

2 Ara t-Taqsima I.2 ta' din il-Gwida.

3 Ara l-Artikoli 11(2), (12(3), 13(1), 14, 17, 20 u 24 tal-Konvenzjoni tal-1980.

**Stat rikjedenti:**

L-Istat li l-Awtorità Ċentrali tiegħu, jew li minnu individwu jkun ippreżenta rikors għar-ritorn tal-wild minuri, u b'hekk jitlob ir-ritorn tal-wild minuri skont il-Konvenzjoni tal-1980. Normalment dan ikun l-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri qabel it-tneħħija jew iż-żamma tal-wild minuri[4].

**Proċedimenti ta' ritorn:**

Il-kunċett ta' "proċedimenti ta' ritorn" jirreferi għal proċedimenti skont il-Konvenzjoni tal-1980 għar-ritorn ta' wild jew ulied minuri li jsiru quddiem l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Parti Kontraenti li fiha l-wild minuri jkun tneħħa jew fejn il-wild minuri jkun qed jinżamm ("Stat rikjest")[5].
Skont il-ġurisdizzjoni, il-proċedimenti ta' ritorn jistgħu jiġu ppreżentati mill-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini, minn avukat li jirrappreżenta lill-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini, mill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest u/jew minn istituzzjoni pubblika bħal, pereżempju, prosekutur pubbliku.

**Drittijiet ta' kustodja:**

Il-kunċett ta' "drittijiet ta' kustodja" kif użat f'din il-Gwida jirreferi għad-definizzjoni awtonoma tiegħu kif previst fl-Artikolu 5(a) tal-Konvenzjoni tal-1980 u jinkludi "drittijiet relatati mat-tħaris tal-persuna tal-wild minuri u, b'mod partikolari, id-dritt li jiġi ddeterminat il-post tar-residenza tal-wild minuri".

**Rappreżentant separat għall-wild minuri:**

Persuna jew korp maħturin jew approvati mill-qorti biex jirrappreżentaw lill-wild minuri fil-proċedimenti ta' ritorn fosthom, iżda mhux biss, Avukat tat-Tfal Indipendenti u rappreżentant legali għall-wild minuri.

**Il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri:**

Il-persuna li allegatament neħħiet illegalment wild minuri mill-Istat tar-residenza abitwali tiegħu u ħaditu f'Parti Kontraenti oħra jew li żammet wild minuri illegalment f'Parti Kontraenti oħra.

---

4 Ara l-Artikolu 9 ("l-Awtorità Ċentrali rikjedenti") u l-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni tal-1980.

5 Ara l-Artikolu 12(1) tal-Konvenzjoni tal-1980.

**Impenn:**

"Impenn" hija wegħda volontarja, impenn jew assigurazzjoni mogħtija lil qorti minn persuna fiżika, ġeneralment, il-persuna li titħalla fil-pajjiż ta' oriġini, biex tagħmel, jew ma tagħmilx, ċerti affarijiet. Il-qrati f'ċerti ġurisdizzjonijiet jaċċettaw, jew saħansitra jirrikjedu, impenji mill-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini b'rabta mar-ritorn ta' wild minuri. Impenn formalment mogħti lil qorti fil-ġurisdizzjoni rikjesta fil-kuntest ta' proċedimenti ta' ritorn jista' jkun jew jista' ma jkunx eżegwibbli fl-Istat li fih il-wild minuri jkun se jiġi rritornat[6].

[6] Din il-Gwida tadotta d-definizzjoni ta' "impenji" kif prevista fil-*Guide to Good Practice under the 1980 Hague Child Abduction Convention: Part I – Central Authority Practice*, Bristol, Family Law (Jordan Publishing), 2003 (minn hawn 'il quddiem, il-"Gwida għal Prattika Tajba dwar il-Prattika tal-Awtoritajiet Ċentrali") (disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-HCCH fuq < www.hcch.net > taħt "Publications").



# INTRODUZZJONI

1. Din il-Gwida għall-Prattika Tajba tindirizza **l-Artikolu 13(1)(b)** tal-*Konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri* (minn hawn 'il quddiem, il-"Konvenzjoni tal-1980" jew sempliċement "il-Konvenzjoni"),[7] magħruf ukoll bħala l-"**eċċezzjoni ta' riskju gravi**".[8]

2. L-Artikolu 13(1)(b)[9] jipprovdi:

> "[1] Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu [12] preċedenti, l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat rikjest mhijiex marbuta li tordna r-ritorn tal-wild minuri jekk il-persuna, l-istituzzjoni jew korp ieħor li jopponu r-ritorn tiegħu jistabbilixxu li:
> [...]
> *b)* hemm riskju gravi li r-ritorn tal-wild minuri ser jesponih għal ħsara fiżika jew psikoloġika, jew inkella ser iqiegħed lill-wild minuri f'sitwazzjoni intollerabbli."

3. L-għan ta' din il-Gwida huwa li tippromwovi, fuq livell globali, l-applikazzjoni xierqa u konsistenti tal-eċċezzjoni tar-riskju gravi f'konformità mat-termini u l-iskop tal-Konvenzjoni tal-1980, b'kont meħud ta' għodod ta' interpretazzjoni bħar-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni,[10] kif ukoll Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet passati tal-Kummissjoni Speċjali,[11] u Gwidi għal Prattika Tajba dwar il-Konvenzjoni tal-1980 eżistenti. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, il-Gwida toffri informazzjoni u gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni ta' riskju gravi, u tikkondividi l-prattika tajba meħuda minn diversi ġurisdizzjonijiet.

4. Din il-Gwida hija maqsuma f'ħames Taqsimiet. It-Taqsima I tippreżenta l-Artikolu 13(1)(b) bħala parti mill-qafas tal-Konvenzjoni tal-1980. It-Taqsima II telabora dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b) fil-prattika.

---

7 Din il-Gwida hija l-Parti VI f'sensiela ta' *Guides to Good Practice under the 1980 Convention* ippubblikati mill-HCCH, ara t-Taqsima V.4 hawn taħt. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor, referenza għall- "Gwida" f'dan id-dokument hija referenza għal din il-Gwida partikolari (il-Parti VI tas-sensiela).

8 Ara, *supra*, "Riskju gravi" u "Eċċezzjoni ta' riskju gravi" fil-Glossarju.

9 Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, referenza għal artikolu fit-test jew f'nota f'qiegħ il-paġna ta' din il-Gwida hija referenza għal artikolu tal-Konvenzjoni tal-1980.

10 Ara E. Pérez-Vera, "Explanatory Report on the 1980 Hague Child Abduction Convention" ( (minn hawn 'il quddiem, ir-"Rapport ta' Spjegazzjoni"), f'*Actes et documents de la Quatorzième session (1980)*, Volum III, *Child abduction*, The Hague, Imprimerie Nationale, 1982, pp. 426-473 (disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-HCCH, ara l-indirizz indikat fin-nota 2). Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni li, fost affarijiet oħra, jipprovdi informazzjoni dwar il-ħidma preparatorja u ċ-ċirkostanzi tal-konklużjoni tal-Konvenzjoni, jista' jintuża bħala mezz supplimentari ta' interpretazzjoni tal-Konvenzjoni. Ara l-*Konvenzjoni ta' Vjenna tat-23 ta' Mejju 1969 dwar il-Liġi tat-Trattati*, l-Artikoli 31-32.

11 Il-Kummissjonijiet Speċjali jitwaqqfu mill-HCCH u jitlaqqgħu mis-Segretarju Ġenerali tagħha biex jiżviluppaw u jinnegozjaw Konvenzjonijiet ġodda tal-HCCH, jew biex jirrieżaminaw l-operazzjoni prattika ta' Konvenzjonijiet eżistenti tal-HCCH. Il-Kummissjoni Speċjali hija magħmula minn esperti maħtura mill-Membri tal-HCCH u mill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. Jistgħu jattendu għaliha rappreżentanti ta' Stati interessati oħra (b'mod partikolari dawk li esprimew l-interess tagħhom li jingħaqdu mal-Konvenzjoni lill-Bureau Permanenti) u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti fil-kapaċità ta' osservaturi. Il-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet ("K & R") adottati mill-Kummissjoni Speċjali għandhom rwol importanti fl-interpretazzjoni uniformi u fl-operazzjoni prattika tal-Konvenzjoni.

It-Taqsima III tipprovdi gwida operazzjonali u prattika tajba maħsuba biex tgħin lill-qrati[12] aditi bi proċedimenti ta’ ritorn, fil-funzjoni tagħhom li jiġġestixxu l-proċess b’ħeffa u b’mod effiċjenti u li jevalwaw l-eċċezzjoni ta’ riskju gravi meta din titqajjem quddiemhom. It-Taqsima IV fiha informazzjoni dwar ir-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali maħtura skont il-Konvenzjoni,[13] biex tgħinhom jittrattaw il-kawżi li jidħlu u li joħorġu li fihom tkun tqajmet l-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b). It-Taqsima V tippreżenta riżorsi utli. Għalkemm il-Gwida hija primarjament maħsuba għall-qrati u għall-Awtoritajiet Ċentrali, din tista’ tassisti wkoll lill-avukati u lil istituzzjonijiet/korpi oħra.

5. Għalkemm il-Gwida tiffoka fuq l-Artikolu 13(1)(b), issir referenza għal dispożizzjonijiet oħra tal-Konvenzjoni tal-1980 u għal strumenti internazzjonali oħra sa fejn dawn jista’ jkollhom rwol fl-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu. B’mod partikolari, fejn tkun fis-seħħ bejn il-Partijiet Kontraenti, il-*Konvenzjoni ta' The Hague tad-19 ta’ Ottubru 1996 fuq il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, Rikonoxximent, Infurzar u Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal* (minn hawn ’il quddiem, il-“Konvenzjoni tal-1996”), tista’ tkun ta’ benefiċċju għal tfal li huma soġġetti għal ħtif internazzjonali ta’ wild minuri billi tissupplimenta u ssaħħaħ il-Konvenzjoni tal-1980 f’diversi aspetti importanti.[14] Is-sit web tal-HCCH (<www.hcch.net >) fih informazzjoni aġġornata dwar jekk Stat involut f’kawża taħt l-Artikolu 13(1)(b) huwiex ukoll Parti għall-Konvenzjoni tal-1996 (taħt “Protection of Children”, imbagħad “Status table”).

6. Ir-rilevanza kontinwa tal-Konvenzjoni tal-1980 b’appoġġ għad-drittijiet tal-wild minuri hija evidenti mill-iżviluppi fil-qafas legali internazzjonali li seħħew wara l-adozzjoni tagħha.[15] L-Istati Partijiet għall-*Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989* (minn hawn ’il quddiem, il-“UNCRC”), pereżempju, għandhom obbligi fir-rigward ta’ kwistjonijiet bħall-parteċipazzjoni tal-wild minuri fi proċedimenti ta’ ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980, inkluż fejn titqajjem l-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b).[16]

---

12 Referenza għal “qorti” f’din il-Gwida hija referenza għall-awtorità kompetenti ġudizzjarja jew amministrattiva adita bil-proċedimenti għar-ritorn ta’ wild minuri skont il-Konvenzjoni tal-1980 (l-Artikolu 11).

13 Ara l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tal-1980.

14 Ara, pereżempju, l-Artikoli 7 u 50 tal-Konvenzjoni tal-1996. Għal aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni possibbli tal-Konvenzjoni tal-1996 f’kawżi ta’ ħtif internazzjonali ta’ wild minuri, ara, *pereżempju*, il-*Practical Handbook on the Operation of the 1996 Child Protection Convention* , ippubblikat mill-HCCH, The Hague, 2014 (minn hawn ’il quddiem, il-“Manwal Prattiku dwar il-Konvenzjoni tal-1996”), disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH (ara l-indirizz indikat fin-nota 2), il-Kapitolu 13, it-Taqsima A. Ara wkoll N. Lowe u M. Nicholls, *The 1996 Convention on the Protection of Children* , Jordan Publishing, 2012, il-Kapitolu 7.

15 Ara *Office of the Children’s Lawyer* vs *Balev*, 2018 SCC 16, Il-Qorti Suprema tal-Kanada, il-Kanada [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/CA 1389] fil-paragrafu 34, fejn il-Qorti sostniet li kemm il-Konvenzjoni tal-1980 kif ukoll il-UNCRC ifittxu “li jipproteġu l-aħjar interessi tal-wild minuri”, “li jipproteġu l-identità tal-wild minuri u r-relazzjonijiet familjari”, u “li jipprevjenu t-trasferiment u ż-żamma illegali tal-wild minuri”, u li ż-żewġ Konvenzjonijiet “jaċċettaw il-prinċipju li wild minuri li jkun matur biżżejjed għandu jkollu vuċi dwar fejn għandu jgħix kif diskuss hawn taħt b’rabta mal-Artikolu 13(2) tal-Konvenzjoni ta' The Hague”.

16 Ara, pereżempju, l-Artikolu 12 tal-UNCRC.

Il-Konvenzjoni tal-1980 tappoġġa d-dritt tal-wild minuri li jiġu informati dwar il-proċess u l-konsegwenzi tal-proċedimenti ta' ritorn, u li jesprimu l-fehmiet tagħhom fi proċedimenti ta' ritorn. Jekk il-wild minuri jkollu età u maturità xierqa, il-fehmiet tiegħu għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

7. Għalkemm tindirizza l-kwistjonijiet ta' interpretazzjoni minn perspettiva ġenerali, il-Gwida **mhijiex maħsuba** biex tidderieġi l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b) f'kawżi individwali. Din tibqa' "kwistjoni esklużiva tal-awtorità kompetenti biex tiddeċiedi dwar ir-ritorn",[17] b'kunsiderazzjoni dovuta għall-fatti partikolari ta' kull kawża individwali. Huwa magħruf sew li l-kawżi taħt il-Konvenzjoni tal-1980 huma speċifiċi ħafna fil-fatti, u l-qrati, l-Awtoritajiet Ċentrali u oħrajn huma mħeġġa jżommu dan f'moħħhom meta jikkonsultaw din il-Gwida.

8. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi enfasizzat li m'hemm xejn f'din il-Gwida li jista' jiġi interpretat bħala li jorbot lill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980 (u għal kwalunkwe Konvenzjoni oħra tal-HCCH) u lill-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet oħrajn tagħhom. Il-prattika tajba deskritta f'din il-Gwida hija purament konsultattiva fin-natura tagħha, u hija soġġetta għal-liġijiet u l-proċeduri rilevanti, inklużi d-differenzi minħabba t-tradizzjoni legali. Barra minn hekk, il-Gwida mhijiex maħsuba biex tiddeskrivi l-pożizzjoni legali fil-Partijiet Kontraenti kollha u, skont kif meħtieġ, fiha biss referenzi limitati għall-ġurisprudenza nazzjonali u d-dritt komparattiv. Fl-aħħar nett, għandu jinftiehem li l-kawżi li ssir referenza għalihom huma maħsuba biex jipprovdu eżempji ta' kif xi qrati ttrattaw affermazzjonijiet ta' riskju gravi,[18] u mhux biex jipprovdu struzzjonijiet stretti jew preċiżi lill-imħallfin jew lil oħrajn li jużaw din il-Gwida. Ir-referenza għall-ġurisprudenza ssir sabiex jiġu spjegati kwistjonijiet speċifiċi diskussi fil-parti rilevanti tal-Gwida, irrispettivament mid-deċiżjoni li tkun ittieħdet f'dik il-kawża partikolari. Id-deċiżjonijiet kollha msemmija f'din il-Gwida huma disponibbli fuq INCADAT[19] bit-test sħiħ tad-deċiżjoni fil-lingwa oriġinali tagħha, kif ukoll sommarju tagħha bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bl-Ispanjol, b'kombinazzjoni ta' tnejn minn dawn il-lingwi, jew bit-tlieta li huma. F'din il-Gwida qed jiġu offruti sommarji qosra tal-kwistjonijiet rilevanti sabiex tingħata indikazzjoni fil-qosor dwar ir-rilevanza tal-ġurisprudenza. Għandu jiġi nnotat li ġurisprudenza aktar reċenti tista' taqleb jew temenda deċiżjonijiet preċedenti. Il-qarrejja tal-Gwida għandhom jivverifikaw, fuq INCADAT jew minn sorsi oħra, jekk hemmx ġurisprudenza aktar reċenti dwar l-aspett speċifiku tal-Artikolu 13(1)(b) li hija rilevanti għall-kawża inkwistjoni.

9. Il-Partijiet Kontraenti kollha huma mħeġġa jirrieżaminaw l-prattiki tagħhom stess fl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b) u, fejn xieraq u fattibbli, biex itejbuhom.

---

17 "Conclusions and Recommendations of Part I and Part II of the Special Commission on the practical operation of the 1980 Child Abduction Convention and the 1996 Child Protection Convention and a Report of Part II of the meeting" , il-paragrafu 62 kif ukoll "Conclusions and Recommendations and Report of Part I of the Sixth Meeting of the Special Commission on the practical operation of the 1980 Hague Child Abduction Convention and the 1996 Hague Child Protection Convention (1-10 June 2011)" , K & R Nru 13 (dawn iż-żewġ dokumenti huma disponibbli fis-sit web tal-HCCH fi < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" imbagħad "Special Commission meetings on the practical operation of the Convention" u "Previous Special Commission meetings").

18 Ara, *supra*, "Riskju gravi" fil-Glossarju.

19 Il-Bażi tad-*Data* tal-HCCH dwar il-Ħtif Internazzjonali ta' Tfal. Ara t-Taqsima V ta' din il-Gwida.

10. L-HCCH tixtieq tirringrazzja lil ħafna esperti li l-għarfien u l-esperjenza tagħhom ikkontribwew għal dan id-dokument, u, b'mod partikolari, lill-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-iżvilupp tal-Gwida, ippresedut mill-Onorevoli Diana Bryant (l-Awstralja), u magħmul minn imħallfin, uffiċjali tal-gvern (pereżempju, persunal tal-Awtoritajiet Ċentrali), esperti akkademiċi/transdixxiplinari u professjonisti privati minn diversi ġurisdizzjonijiet.[20]

[20] L-esperti li ġejjin kienu involuti fl-abbozzar ta' din il-Gwida fl-istadji kollha jew f'partijiet minnhom: Mħallfin: L-Onorevoli Diana Bryant (l-Awstralja), il-President tal-Grupp ta' Ħidma, l-Onorevoli Queeny Au-Yeung (iċ-Ċina, RAS ta' Hong Kong), l-Imħallef María Lilián Bendahan Silvera (l-Urugwaj), l-Imħallef Oscar Gregorio Cervera Rivero (il-Messiku), l-Onorevoli Jacques Chamberland (il-Kanada), l-Onorevoli Bebe Pui Ying Chu (China, RAS ta' Hong Kong), l-Imħallef Martina Erb-Klünemann (il-Ġermanja), l-Imħallef Yetkin Ergün (it-Turkija), l-Imħallef Francisco Javier Forcada Miranda (Spanja), l-Onorevoli Ramona Gonzalez (l-Istati Uniti tal-Amerka), ir-Right Honourable Lady Hale (ir-Renju Unit), l-Imħallef Katsuya Kusano (il-Ġappun), l-Imħallef Torunn Kvisberg (in-Norveġja), il-Lord Justice Moylan (ir-Renju Unit), l-Imħallef Annette Olland (in-Netherlands), l-Imħallef Tomoko Sawamura (il-Ġappun), l-Imħallef Belinda Van Heerden (irtirata) (l-Afrika t'Isfel), l-Imħallef Hironori Wanami (il-Ġappun); Uffiċjali tal-gvern: Is-Sa Aline Albuquerque (il-Brażil), is-Sur Hatice Seval Arslan (it-Turkija), Is-Sa Frauke Bachler (il-Ġermanja), Is-Sa Gonca Gülfem Bozdag (it-Turkija), is-Sa Natália Camba Martins (il-Brażil), Is-Sa Marie-Alice Esterhazy (Franza), is-Sa Victoria Granillo Ocampo (l-Arġentina), Is-Sa Juhee Han (ir-Repubblika tal-Korea), is-Sur Christian Höhn (il-Ġermanja), is-Sa Emmanuelle Jacques (il-Kanada), Is-Sa Leslie Kaufman (Iżrael), is-Sur Luiz Otávio Ortigão de Sampaio (il-Brażil), is-Sur Francisco George Lima Beserra (il-Brażil), is-Sa Tuskasa Murata (il-Ġappun), is-Sa Jocelyne Palenne (Franza), is-Sa Marie Riendeau (il-Kanada), s-Sa Andrea Schulz (il-Ġermanja), is-Sa Petunia Itumeleng Seabi-Mathope (l-Afrika t'Isfel), is-Sur Agris Skudra (il-Latvja), is-Sur Daniel Trecca (l-Urugwaj), is-Sa Kumiko Tsukada (il-Ġappun), is-Sur Yuta Yamasaki (il-Ġappun), is-Sur Juan Francisco Zarricueta Baeza (iċ-Ċilì); Esperti akkademiċi/transdixxiplinari u prattikanti privati: Is-Sur Nicholas Bala (il-Kanada), is-Sur Stephen Cullen (l-Istati Uniti tal-Amerka), is-Sa Mikon Otani (il-Ġappun), is-Sa Heidi Simoni (l-Iżvizzera), is-Sa Zenoba Du Toit (l-Afrika t'Isfel).

# I

# L-Artikolu 13(1)(b) bħala parti mill-qafas tal-Konvenzjoni tal-1980

## 1. Il-prinċipju: ir-ritorn tal-wild minuri

### a. L-iskop u l-kunċetti sottostanti tal-Konvenzjoni

11. Skont il-Preambolu tagħha, il-Konvenzjoni ġiet konkluża "sabiex tipproteġi lit-tfal internazzjonalment mill-effetti dannużi tat-tneħħija jew taż-żamma illegali tagħhom u biex tistabbilixxi proċeduri bl-għan li jiġi ggarantit ir-ritorn immedjat tagħhom fl-Istat tar-residenza abitwali tagħhom, kif ukoll biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet ta' aċċess". Dawn l-iskopijiet huma riflessi wkoll fl-Artikolu 1[21].

12. Il-Konvenzjoni hija bbażata fuq il-kunċetti relatati li ġejjin.

#### i. *It-tneħħija jew iż-żamma hija illegali meta tikser id-drittijiet ta' kustodja*

13. L-ewwel kunċett sottostanti huwa li t-tneħħija jew iż-żamma ta' wild minuri hija illegali meta tikser id-drittijiet ta' kustodja[22]. Ġenitur li jaqsam id-drittijiet ta' kustodja jew li ma għandux id-drittijiet ta' kustodja għandu għalhekk ifittex u jikseb il-kunsens minn kwalunkwe persuna oħra, normalment il-ġenitur l-ieħor, istituzzjoni jew korp li għandhom id-drittijiet ta' kustodja[23] jew, jekk dan mhux possibbli, permess mill-qorti, qabel ma jneħħi lill-wild minuri jew iżommu fi Stat ieħor.

---

[21] L-Artikolu 1 jaqra kif ġej:

L-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni huma –

a) li jiġi żgurat ir-ritorn immedjat ta' wild minuri mneħħija jew miżmuma illegalment f'xi Stat Kontraenti; u

b) li jiġu żgurati li d-drittijiet ta' kustodja u ta' aċċess skont il-liġi ta' Stat Kontraenti jkunu rrispettati b'mod effettiv fl-Istati Kontraenti l-oħra.

[22] L-Artikolu 3 jipprovdi li t-tneħħija jew iż-żamma ta' wild minuri għandha titqies li hija illegali meta –

a) isseħħ bi ksur ta' drittijiet ta' kustodja, vestiti f'persuna, istituzzjoni jew korp ieħor, individwalment jew b'mod konġunt, mid-dritt tal-Istat fejn il-wild minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma tiegħu; u

b) dawn id-drittijiet kienu eżerċitati effettivament individwalment jew b'mod konġunt, fil-mument tat-tneħħija jew taż-żamma, jew kienu jkunu hekk eżerċitati li kieku ma seħħewx dawn l-avvenimenti.

Id-drittijiet ta' kustodja jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari mill-operat tal-liġi jew bis-saħħa ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva, jew bis-saħħa ta' ftehim li jkollu effett legali skont il-liġi ta' dan l-Istat. F'xi ġurisdizzjonijiet, l-istabbiliment tad-drittijiet ta' kustodja jista' jinkludi li titqies is-setgħa ta' ġenitur li jirrifjuta t-tneħħija tal-wild minuri minn dik il-ġurisdizzjoni ("drittijiet *ne exeat*"). Ara d-deċiżjoni f'*Abbott* vs *Abbott*, 130 S. Ct. 1983 (2010), is-17 ta' Mejju 2010, il-Qorti Suprema, (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/Uf 1029] f'p. 3, fejn il-Qorti, li kienet qiegħda tiddiskuti l-fehma tagħha dwar il-Konvenzjoni tal-1980 fis-Sillabu, sabet li l-opinjoni tagħha hija "informata sostanzjalment ukoll bil-fehmiet ta' stati kontraenti bħalu dwar il-kwistjoni", li "d-drittijiet *ne exeat* huma drittijiet ta' kustodja skont it-tifsira tal-Konvenzjoni".

[23] Ara, *supra*, "Drittijiet ta' kustodja" fil-Glossarju.

paragrafu 15 hawn fuq).

### *ii. It-tneħħija jew iż-żamma illegali hija ta' ħsara għall-wild minuri*

14. It-tieni kunċett sottostanti huwa li t-tneħħija jew iż-żamma illegali ta' wild minuri hija ta' periklu għall-benesseri tal-wild minuri[24] u li, ħlief għall-eċċezzjonijiet limitati previsti fil-Konvenzjoni, ikun fl-aħjar interessi tal-wild minuri li jirritorna lejn l-Istat tar-residenza abitwali.

### *iii. L-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiddeċiedu dwar il-kustodja u l-aċċess*

15. It-tielet kunċett sottostanti huwa li, bħala regola, il-qrati tal-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiddeterminaw il-merti ta' tilwima dwar il-kustodja (li tipikament tinvolvi evalwazzjoni komprensiva tal-"aħjar interessi") peress li, fost l-oħrajn, ġeneralment ikollhom aċċess iktar komplut u ffaċilitat għall-informazzjoni u għall-evidenza rilevanti biex jaslu għal dawn id-determinazzjonijiet. Għaldaqstant, ir-ritorn ta' wild minuri mneħħi jew miżmum illegalment lejn l-Istat tar-residenza abitwali tiegħu mhux biss jirrestawra l-*istatus quo ante*, iżda jippermetti s-soluzzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni relatata mal-kustodja tal-wild minuri, jew mal-aċċess għalih, inkluża l-possibbiltà ta' rilokazzjoni tal-wild minuri lejn Stat ieħor, mill-qorti li hija fl-aħjar pożizzjoni biex tevalwa b'mod effettiv l-aħjar interessi tal-wild minuri[25]. Dan it-tielet kunċett sottostanti huwa bbażat fuq korteżija internazzjonali, li jirrikjedi li l-Partijiet Kontraenti

> "[...] ikunu konvinti li jappartjenu, minkejja d-differenzi tagħhom, għall-istess komunità legali li fiha l-awtoritajiet ta' kull Stat jirrikonoxxu li l-awtoritajiet ta' wieħed minnhom, dawk tar-residenza abitwali tal-wild minuri, huma fil-prinċipju fl-aħjar pożizzjoni biex jiddeċiedu dwar kwistjonijiet ta' kustodja u aċċess."[26]

## b. Deċiżjoni dwar ir-ritorn: Mhix determinazzjoni tal-kustodja

16. L-iskop imsemmi hawn fuq tal-Konvenzjoni u l-kunċetti sottostanti jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-Konvenzjoni, li tittratta esklużivament ir-ritorn immedjat ta' wild minuri mneħħija jew miżmuma illegalment lejn l-Istat tar-residenza abitwali tagħhom,[27] soġġett biss għall-eċċezzjonijiet limitati previsti mill-Konvenzjoni[28]. B'hekk, id-drittijiet tal-kustodja eżistenti fl-Istat tar-residenza abitwali jkunu rrispettati fil-Partijiet Kontraenti l-oħra. Meta tittratta r-ritorn immedjat ta' wild minuri, *il-Konvenzjoni ma tittrattax il-merti tal-kustodja u tal-aċċess*, li huma rriżervati għall-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali (ara l-paragrafu 15 hawn fuq).

---

24 Ara l-Preambolu tal-Konvenzjoni tal-1980.

25 L-Artikolu 16 isaħħaħ l-applikazzjoni ta' dan il-kunċett billi b'mod speċifiku jipprevjeni deċiżjoni fuq il-merti ta' drittijiet ta' kustodja milli tittieħed fl-Istat fejn il-wild minuri jkun tneħħa jew li fih ikun inżamm. L-Artikolu 19 jistipula wkoll li "deċiżjoni dwar ir-ritorn tal-wild minuri ma għandhiex titqies bħala determinazzjoni tal-merti ta' xi kwistjoni ta' kustodja".

26 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni (*op. cit.* nota 10), il-paragrafi 34 u 41.

27 L-Artikolu 21 li jittratta d-drittijiet ta' aċċess mhuwiex is-suġġett ta' din il-Gwida partikolari.

28 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni (*op. cit.* fin-nota 10), il-paragrafu 35.

### c. Proċeduri sommarji ta' ritorn

17. Biex timplimenta l-iskop tagħha, il-Konvenzjoni tipprovdi għal proċess sommarju li jippermetti l-preżentazzjoni ta' rikors għar-ritorn, normalment minn jew f'isem il-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini ("proċedimenti ta' ritorn")[29]. Dan ir-rikors isir quddiem il-qorti jew l-awtorità kompetenti tal-"Istat Kontraenti fejn jinsab il-wild minuri" (l-Artikolu 12(1)), jiġifieri, fl-"Istat rikjest",[30] f'konformità mal-proċeduri u l-prattiki interni tiegħu. Għal dan l-iskop, il-qorti għandha tuża l-aktar proċeduri rapidi disponibbli (l-Artikoli 2 u 11)[31].

### d. Kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti

18. Biex timplimenta l-iskop tagħha u tappoġġja l-operazzjoni xierqa tagħha, il-Konvenzjoni toħloq ukoll sistema ta' kooperazzjoni mill-qrib fost l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi tal-Partijiet Kontraenti[32]. Dan isir permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali[33] nnominati f'kull waħda mill-Partijiet Kontraenti u li d-dmirijiet tagħhom huma deskritti prinċipalment fl-Artikolu 7. L-informazzjoni dwar id-dmirijiet tal-Awtoritajiet Ċentrali f'kawżi fejn titqajjem l-eċċezzjoni ta' riskju gravi u prattika tajba relatata huma ppreżentati fit-Taqsima IV tal-Gwida. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja tista' tiġi ffaċilitata permezz tal-IHNJ[34].

### e. Dmir li jiġi ordnat ir-ritorn tal-wild minuri minnufih

19. Meta wild minuri jkun tneħħa jew ikun qiegħed jiġi miżmum illegalment fi Stat Kontraenti li ma jkunx l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tiegħu skont l-Artikolu 3, il-qorti jew l-awtorità kompetenti li tkun qed tisma' r-rikors għar-ritorn għandha d-dmir li tordna r-ritorn tal-wild minuri minnufih (l-Artikolu 12(1))[35].

---

29 Ara, *supra*, "Proċedimenti ta' ritorn" fil-Glossarju.

30 Ara, *supra*, "Stat rikjest" fil-Glossarju.

31 Ara l-Artikolu 2. L-Istati Kontraenti huma mitluba, "fi kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna s-suġġett tal-Konvenzjoni, li jużaw il-proċeduri l-aktar rapidi disponibbli fil-liġi tagħhom stess", ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni (*op. cit.* nota 10), il-paragrafu 63.

32 *Ibid.*, il-paragrafu 35.

33 Il-lista tal-Awtoritajiet Ċentrali nnominati u d-dettalji ta' kuntatt tagħhom huma disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction" imbagħad "Authorities".

34 Il-lista tal-membri maħtura tal-IHNJ hija disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH fuq < www.hcch.net >, taħt "Child Abduction" u mbagħad "The International Hague Network of Judges".

35 Ara wkoll l-Artikolu 1(a). Barra minn hekk, l-Artikolu 18 isaħħaħ id-dmir li jiġi żgurat ir-ritorn fil-pront, billi jiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-Konvenzjoni ("ir-Ritorn tal-wild minuri") ma jillimitawx is-setgħa tal-qorti jew tal-awtorità kompetenti li tordna r-ritorn tal-wild minuri fi kwalunkwe ħin. Dan jawtorizza lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti adita bil-proċedimenti ta' ritorn sabiex tordna r-ritorn tal-wild minuri billi tinvoka dispożizzjonijiet oħra aktar favorevoli biex jinkiseb dan l-għan, pereżempju, billi tirrikonoxxi u teżegwixxi ordni ta' kustodja maħruġa fl-Istat rikjedenti, b'mod partikolari taħt il-Konvenzjoni tal-1996, ara, *infra*, il-paragrafi 47-48.

20. Il-Konvenzjoni ma tispeċifikax lil *min* għandu jiġi rritornat il-wild minuri. B'mod partikolari, ma teħtieġx ir-ritorn tal-wild minuri fil-kustodja ta' *ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini*. Il-Konvenzjoni lanqas ma tispeċifika f'liema post fl-Istat tar-residenza abitwali l-wild minuri għandu jiġi rritornat. Din il-flessibbiltà hija intenzjonata u ssaħħaħ il-kunċett sottostanti li l-kwistjoni ta' min se jieħu ħsieb il-wild minuri mar-ritorn tiegħu għandha tiġi ddeterminata mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti fl-Istat tar-residenza abitwali skont il-liġi li tirregola d-drittijiet ta' kustodja, inkluża kwalunkwe ordni li tista' tapplika bejn il-ġenituri jew persuni oħra interessati[36].

21. Id-dmir li l-wild minuri jiġi rritornat *minnufih* huwa msaħħaħ mill-Artikolu 11 li jirrikjedi li l-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġixxu malajr kemm jista' jkun fi proċedimenti għar-ritorn ta' wild minuri u li, jekk ma titteħidx deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat mill-bidu tal-proċedimenti, hemm dritt li tintalab dikjarazzjoni tar-raġunijiet għad-dewmien.[37] Hemm "aspett doppju" ta' dan id-dmir: "l-ewwel nett, l-użu tal-aktar proċeduri rapidi magħrufa fis-sistema legali tagħhom[[38]]; it-tieni nett, ir-rikorsi għandhom jingħataw trattament prijoritarju, sa fejn hu possibbli".[39]

22. Id-dmir li tittieħed azzjoni rapida ma jfissirx li l-qorti għandha tinjora l-evalwazzjoni xierqa tal-kwistjonijiet, inkluż fejn tiġi affermata l-eċċezzjoni ta' riskju gravi. Madankollu, dan jeħtieġ li l-qorti tiġbor biss informazzjoni u/jew evidenza li hija rilevanti biżżejjed għall-kwistjonijiet, u teżamina tali informazzjoni u evidenza, inkluż xi drabi opinjonijiet esperti jew perizji, b'mod iffokat u rapidu ħafna.

### f. Eċċezzjonijiet limitati għad-dmir li jiġi ordnat ir-ritorn minnufih

23. Il-Konvenzjoni tipprovdi għal ftit eċċezzjonijiet għall-prinċipju tar-ritorn tal-wild minuri. Jekk u meta dawn l-eċċezzjonijiet jitqajmu u jiġu stabbiliti b'suċċess, il-qorti tal-Istat rikjest "ma tkunx marbuta li tordna r-ritorn tal-wild minuri" lejn l-Istat tar-residenza abitwali, fi kliem ieħor, il-qorti tista' mbagħad teżerċita d-diskrezzjoni li ma tordnax ir-ritorn tal-wild minuri.

---

36 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni (*op. cit.* nota 10), il-paragrafu 110.

37 Fir-rigward tad-dmir li tittieħed azzjoni rapida, ara l-*Guide to Good Practice under the 1980 Hague Child Abduction Convention: Part II – Implementing Measures* , Bristol, Family Law (Jordan Publishing), 2003 (minn hawn 'il quddiem il-"Gwida għal Prattika Tajba dwar il-Miżuri ta' Implimentazzjoni") (disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-HCCH, fl-indirizz indikat fin-nota 2), pereżempju, il-Punt 1.5 tal-Kapitolu 1, u l-Kapitoli 5 u 6.

38 Dwar l-obbligu li "jintużaw l-aktar proċeduri rapidi disponibbli", ara l-Artikolu 2.

39 It-talba għal dikjarazzjoni tista' ssir mir-rikorrent jew mill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest fuq inizjattiva proprja jew jekk tintalab mill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti (l-Artikolu 11). Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni (*op. cit.* nota 10), il-paragrafi 104 u 105. L-informazzjoni dwar jekk ittiħdux miżuri biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi f'Parti Kontraenti jaġixxu malajr kemm jista' jkun fi proċedimenti ta' ritorn hija inkluża fil-Profili tal-Pajjiżi (disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH fuq < www.hcch.net > taħt "Child Abduction" imbagħad "Country Profiles"), it-Taqsima 10.3(d).

Dawn l-eċċezzjonijiet jinsabu fl-Artikoli 12(2),[40] 13(1)(a),[41] 13(1)(b), 13(2)[42] u 20[43].

24. Permezz tal-eċċezzjonijiet enumerati, il-Konvenzjoni tirrikonoxxi li n-nuqqas ta' ritorn ta' wild minuri li jitneħħa jew li jinżamm illegalment jista' xi drabi jkun iġġustifikat. Il-kunċett ġenerali li ritorn fil-pront huwa fl-aħjar interessi tal-wild minuri jista' għalhekk jiġi kkonfutat fil-kawża individwali fejn tiġi stabbilita eċċezzjoni.

### g. Interpretazzjoni restrittiva tal-eċċezzjonijiet

25. Dawn l-eċċezzjonijiet enumerati, madankollu, għandhom jiġu applikati b'mod restrittiv. Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jiddikjara li l-eċċezzjonijiet "għandhom jiġu applikati biss sa fejn jaslu iżda mhux aktar", u għalhekk "b'mod restrittiv jekk il-Konvenzjoni mhux se titħalla ssir ineffettiva".[44] Jinnota li "invokazzjoni sistematika tal-eċċezzjonijiet [...], li tissostitwixxi l-forum magħżul mill-persuna li ħatfet lill-wild minuri b'dak tar-residenza tal-wild minuri, twassal għall-kollass tal-istruttura sħiħa tal-Konvenzjoni billi ċċaħħadha mill-ispirtu ta' fiduċja reċiproka li minnu hija mnebbħa".[45]

26. B'mod partikolari, għalkemm l-eċċezzjonijiet jirriżultaw minn kunsiderazzjoni tal-interessi tal-wild minuri,[46] dawn ma jibdlux il-proċedimenti ta' ritorn fi proċedimenti ta' kustodja. L-eċċezzjonijiet huma ffokati fuq (il-possibbiltà li ma jseħħx) ir-ritorn tal-wild minuri. Huma la għandhom jittrattaw kwistjonijiet ta' kustodja u lanqas ma għandhom jordnaw "evalwazzjoni tal-aħjar interessi" sħiħa għal wild minuri fi proċedimenti ta' ritorn. Il-qorti jew l-awtorità kompetenti adita bi proċedimenti tar-ritorn għandha tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u tevita li tintervjeni fuq domandi li għandhom jiġu deċiżi mill-Istat tar-residenza abitwali[47].

---

40 Fejn il-proċedimenti quddiem l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti biex tiddeċiedi dwar ir-ritorn ikunu bdew aktar minn sena mit-tneħħija jew miż-żamma illegali u jintwera li l-wild minuri huwa stabbilit fl-ambjent ġdid tiegħu.

41 Jekk ikun stabbilit li l-persuna, l-istituzzjoni jew xi korp ieħor li għandhom il-kura tal-persuna tal-wild minuri ma kinux attwalment qegħdin jeżerċitaw id-drittijiet ta' kustodja tagħhom fil-mument tat-tneħħija jew taż-żamma, jew jekk ikun stabbilit li l-persuna, l-istituzzjoni jew xi korp ieħor li għandhom il-kura tal-persuna tal-wild minuri taw il-kunsens tagħhom għat-tneħħija jew iż-żamma tal-wild minuri jew aċċettawha sussegwentement.

42 Jekk il-qorti ssib li l-wild minuri joġġezzjona li jiġi rritornat u jkun laħaq età u livell ta' maturità tali li jkun xieraq li l-opinjonijiet tiegħu jittieħdu inkunsiderazzjoni.

43 Jekk l-ordni tar-ritorn tikser il-prinċipji fundamentali tal-Istat rikjest relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali.

44 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni (*op. cit.* nota 10), il-paragrafu 34.

45 *Ibid.*

46 *Ibid.*, il-paragrafu 29.

47 Ara l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tal-1980.

27. Minkejja dan, l-eċċezzjonijiet iservu skop leġittimu, peress li l-Konvenzjoni ma tikkontemplax mekkaniżmu ta' ritorn awtomatiku. L-allegazzjonijiet ta' riskju gravi għandhom jiġu eżaminati fil-pront sa fejn hu meħtieġ mill-eċċezzjoni, fil-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-proċedimenti ta' ritorn.

28. Dan ifisser li filwaqt li l-iskop tal-Konvenzjoni huwa li jiġu indirizzati l-effetti dannużi tal-ħtif internazzjonali ta' wild minuri billi jiġi żgurat ir-ritorn minnufih tal-wild minuri lejn l-Istat tar-residenza abitwali fejn kwalunkwe kwistjoni ta' kustodja/aċċess u kwistjonijiet relatati għandhom jiġu solvuti, jista' jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jippermettu li r-ritorn tal-wild minuri ma jseħħx.

## 2. L-Artikolu 13(1)(b) – fehim tal-eċċezzjoni tar-riskju gravi

29. L-eċċezzjoni ta' riskju gravi hija bbażata fuq "l-interess primarju ta' kwalunkwe persuna li ma tkunx esposta għal periklu fiżiku jew psikoloġiku jew li titqiegħed f'sitwazzjoni intollerabbli"[48].

### a. Tliet tipi ta' "riskju gravi"

30. L-Artikolu 13(1)(b) fih dawn it-tliet tipi differenti ta' riskju:

- riskju gravi[49] li r-ritorn jesponi lill-wild minuri għal ħsara fiżika;
- riskju gravi li r-ritorn jesponi lill-wild minuri għal ħsara psikoloġika; jew
- riskju gravi li r-ritorn b'xi mod ieħor iqiegħed lill-wild minuri f'sitwazzjoni intollerabbli.

31. Kull tip jista' jitqajjem b'mod indipendenti biex jiġġustifika eċċezzjoni għad-dmir li jiġi żgurat ir-ritorn fil-pront tal-wild minuri u, għalhekk, skont il-fatti tal-kawża partikolari, it-tliet tipi tqajmu fi proċedimenti, kull wieħed minnhom fih innifsu. Madankollu, għalkemm huma separati, dawn it-tliet tipi ta' riskji spiss jintużaw flimkien, u l-qrati mhux dejjem iddistingwew b'mod ċar bejniethom fid-deċiżjonijiet tagħhom.

### b. Riskju gravi għall-wild minuri

32. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b) tagħmilha ċara li l-kwistjoni hija jekk hemmx riskju gravi li r-ritorn "jesponi lill-wild minuri għal ħsara fiżika jew psikoloġika jew inkella jqiegħed lill-wild minuri f'sitwazzjoni intollerabbli".

33. Iżda ħsara lil ġenitur, kemm fiżika kif ukoll psikoloġika, tista', f'xi ċirkostanzi eċċezzjonali, toħloq riskju gravi li r-ritorn jesponi lill-wild minuri għal ħsara fiżika jew psikoloġika jew inkella jqiegħed lill-wild minuri f'sitwazzjoni intollerabbli. L-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b) ma teħtieġx, pereżempju, li l-wild minuri jkun il-vittma diretta jew primarja ta' ħsara fiżika jekk ikun hemm evidenza suffiċjenti li, minħabba riskju ta' ħsara diretta lejn il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri, ikun hemm riskju gravi għall-wild minuri.

48 Ara r-Rapport ta' Spjegazzjoni (*op. cit.* nota 10), il-paragrafu 29.

49 Ara, *supra*, "Riskju gravi" u "Eċċezzjoni ta' riskju gravi" fil-Glossarju.

### c. Il-livell ta' "riskju gravi"

34. It-terminu "gravi" jikkwalifika r-riskju u mhux il-ħsara lill-wild minuri. Dan jindika li r-riskju jrid ikun reali u jilħaq tali livell ta' serjetà li għandu jiġi kkaratterizzat bħala "gravi"[50]. Fir-rigward tal-livell ta' ħsara, dan għandu jammonta għal "sitwazzjoni intollerabbli", [51] jiġifieri, sitwazzjoni li wild minuri individwali ma għandux ikun mistenni jittollera. Il-livell relattiv ta' riskju meħtieġ biex jikkostitwixxi riskju gravi madankollu jista' jvarja, skont in-natura u s-serjetà tal-ħsara potenzjali lill-wild minuri.[52]

### d. Eċċezzjoni ta' riskju gravi "li tħares 'il quddiem"

35. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b) tindika wkoll li l-eċċezzjoni "tħares 'il quddiem" fis-sens li tiffoka fuq iċ-ċirkostanzi tal-wild minuri *mar-ritorn* u dwar jekk dawk iċ-ċirkostanzi jesponux lill-wild minuri għal riskju gravi.

36. Għalhekk, għalkemm l-eżami tal-eċċezzjoni ta' riskju gravi normalment ikun jeħtieġ analiżi tal-informazzjoni/tal-evidenza li fuqha jkunu qed jibbażaw il-persuna, l-istituzzjoni jew korp ieħor li jopponu r-ritorn tal-wild minuri (fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri), dan m'għandux ikun limitat għal analiżi taċ-ċirkostanzi li kienu jeżistu qabel jew fiż-żmien tat-tneħħija jew taż-żamma illegali. Minflok, dan jirrikjedi li tingħata ħarsa lejn il-futur, jiġifieri, lejn iċ-ċirkostanzi kif ikunu kieku l-wild minuri kellu jintbagħat lura minnufih.

---

50 *Re E. (Tfal) (Ħtif: Appell dwar Kustodja)* [2011] UKSC 27, [2012] 1 A.C. 144, l-10 ta' Ġunju 2011, il-Qorti Suprema tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 1068] fil-paragrafu 33. Ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni (*op. cit.* nota 10), il-paragrafu 29. It-terminu "riskju gravi" jirrifletti l-intenzjoni ta' dawk li abbozzaw it-test li din l-eċċezzjoni għandha tiġi applikata b'mod ristrett, f'konformità mal-approċċ ġenerali lejn l-eċċezzjonijiet taħt il-Konvenzjoni. Matul il-proċess ta' abbozzar, intlaħaq qbil dwar formulazzjoni iktar ristretta tal-Artikolu 13(1)(b) milli kien ġie inizjalment issuġġerit. It-terminu inizjali użat fl-eċċezzjoni kien "riskju sostanzjali" li kien sostitwit b'"riskju gravi", peress li l-kelma "gravi" kienet meqjusa bħala kwalifikatur aktar qawwi. Ara wkoll *Actes et documents de la Quatorzième session (1980)* (*op. cit.* nota 10), p. 362.

51 Ara, pereżempju, *Thomson* vs *Thomson*, [1994] 3 SCR 551, l-20 ta' Ottubru 1994, il-Qorti Suprema tal-Kanada (il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 11] f'p. 596, fejn il-Qorti ddeċidiet li "il-ħsara fiżika jew psikoloġika kkontemplata mill-ewwel klawsola tal-Artikolu 13(1)(b) hija ħsara sa grad li tammonta wkoll għal sitwazzjoni intollerabbli". Ara wkoll *Re E. (Tfal) (Ħtif: Appell dwar Kustodja)* (ara, *supra,* nota 50), fil-paragrafu 34 u *EW v. LP*, HCMP1605/2011, il-31 ta' Jannar 2013, il-Qorti Għolja tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong (iċ-Ċina) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CNh 1408] fil-para. 11, fejn fiż-żewġ deċiżjonijiet, il-Qrati rispettivi, ikkwotaw mis-sentenza f'*Re D*, [2006] 3 WLR 0989, is-16 ta' Novembru 2006, il-House of Lords tar-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales) (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 880], fil-paragrafu 52, "'[i]ntollerabbli' hija kelma b'saħħitha, iżda meta tiġi applikata għal wild minuri għandha tfisser 'sitwazzjoni li dan il-wild minuri partikolari f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari m'għandux ikun mistenni jittollera'".

52 *Re E. (Tfal) (Ħtif: Appell dwar Kustodja)* (ara, *supra,* nota 50), fil-paragrafu 33, fejn il-Qorti nnotat li: "Għalkemm 'gravi' jikkaratterizza r-riskju aktar milli l-ħsara, hemm rabta fil-lingwa ordinarja bejn it-tnejn. Għalhekk riskju relattivament baxx ta' mewt jew ta' korriment verament serju jista' jiġi kkwalifikat kif suppost bħala 'gravi' filwaqt li jista' jkun meħtieġ livell ogħla ta' riskju għal forom inqas serji ta' ħsara."

L-eżami tal-eċċezzjoni ta’ riskju gravi mbagħad għandu jinkludi wkoll, jekk titqies neċessarja u xierqa, kunsiderazzjoni tad-disponibbiltà ta’ miżuri protettivi adegwati u effettivi fl-Istat tar-residenza abitwali.[53]

37. Madankollu, li wieħed iħares ’il quddiem ma jfissirx li l-imġiba u l-inċidenti tal-passat ma jistgħux ikunu rilevanti għall-evalwazzjoni ta’ riskju gravi[54] mar-ritorn tal-wild minuri lejn l-Istat tar-residenza abitwali. Pereżempju, inċidenti ta’ vjolenza domestika jew fil-familja fil-passat jistgħu, skont iċ-ċirkostanzi partikolari, ikunu ta’ valur probatorju fil-kwistjoni ta’ jekk jeżistix tali riskju gravi. Madankollu, l-imġiba u l-inċidenti fil-passat ma jiddeterminawx fihom infushom il-fatt li m’hemmx miżuri protettivi effettivi disponibbli li jipproteġu lill-wild minuri mir-riskju gravi[55].

---

53 Ara, *infra*, il-paragrafi 43 *et seq*. dwar il-miżuri protettivi fil-kawżi taħt l-Artikolu 13(1)(b).

54 Ara, *supra*, “Riskju gravi” fil-Glossarju.

55 Ara, pereżempju, 12 UF 532/16, is-6 ta’ Lulju 2016, *Oberlandesgericht München Senat für Familiensachen* (il-Ġermanja) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/DE 1405] fil-paragrafu 42, fejn il-Qorti sabet li ma setax jiġi dedott riskju wara r-ritorn minn imġiba vjolenti allegata fil-passat u nnotat li kien hemm ordni vinkolanti ta’ restrizzjoni fis-seħħ biex il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri seta’ jfittex protezzjoni adegwata minn tali mġiba allegata tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta’ oriġini; *H.Z.* vs *l-Awtorita Ċentrali tal-Istat*, is-6 ta’ Lulju 2006, il-Qorti Plenarja tal-Qorti tal-Familja tal-Awstralja f’Melbourne (l-Awstralja) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/AU 876] fil-paragrafu 40 fejn, fid-diskussjoni dwar l-imġiba vjolenti u mhux xierqa fil-passat, l-imħallef sab li “[g]ħalkemm l-imgħoddi jista’ jkun indikatur tajjeb tal-futur, mhuwiex determinanti”, u li d-disponibbiltà ta’ protezzjoni legali kontra tali mġiba impedixxiet sejba ta’ riskju gravi li r-ritorn jesponi lill-wild minuri għal ħsara fiżika jew psikoloġika jew inkella jqiegħed lill-wild minuri f’sitwazzjoni intollerabbli.

# II

## L-Artikolu 13(1)(b) fil-prattika

## 1. Il-kunsiderazzjoni tal-eċċezzjoni tar-riskju gravi

### a. Analiżi pass pass

38. Affermazzjonijiet ta’ riskju gravi jsiru f’firxa ta’ sitwazzjonijiet, inkluż fejn tali riskju jirriżulta minn:

- abbuż fiżiku, sesswali jew forom oħrajn ta’ abbuż tal-wild minuri, jew l-esponiment tal-wild minuri għal vjolenza domestika mill-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta’ oriġini fuq il-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri;
- is-separazzjoni tal-wild minuri mill-ġenitur li ħataf lill-wild minuri, pereżempju fejn il-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri jsostni li ma jistax jirritorna lejn l-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri minħabba raġunijiet ta’ sigurtà, ta’ saħħa jew ekonomiċi, jew minħabba l-istatus ta’ immigrazzjoni tiegħu jew ta’ akkużi kriminali pendenti fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri;
- is-separazzjoni tal-wild minuri minn ħutu;
- tħassib serju ta’ sigurtà, edukazzjoni, saħħa jew tħassib ekonomiku relatat mal-wild minuri fl-Istat tar-residenza abitwali.

39. Il-Konvenzjoni ma tipprovdix għal testijiet differenti biex jiġi evalwat riskju gravi fuq il-bażi tat-tip ta’ riskju jew taċ-ċirkostanzi sottostanti mqajma mill-persuna li topponi r-ritorn. L-affermazzjonijiet kollha ta’ riskju gravi huma għaldaqstant evalwati abbażi tal-istess standard jew limitu u ta’ analiżi pass pass. Madankollu, ċerti tipi ta’ sitwazzjonijiet, pereżempju, dawk li huma aktar probabbli li jqiegħdu l-integrità fiżika jew psikoloġika tal-wild minuri f’riskju immedjat, spiss jinstabu li jilħqu l-limitu għoli stabbilit mill-eċċezzjoni ta’ riskju gravi.

40. Bħala l-ewwel pass, il-qorti għandha tikkunsidra jekk l-affermazzjonijiet humiex ta’ natura tali, u ta’ dettall u sustanza suffiċjenti, li jistgħu jikkostitwixxu riskju gravi. Affermazzjonijiet wesgħin jew ġenerali x’aktarx li ma jkunux suffiċjenti[56].

41. Jekk hija tipproċedi għat-tieni stadju, il-qorti tiddetermina jekk hijiex sodisfatta li l-eċċezzjoni ta’ riskju gravi għar-ritorn tal-wild minuri ġietx stabbilita billi teżamina u tevalwa l-evidenza ppreżentata mill-persuna li topponi r-ritorn tal-wild minuri/mill-informazzjoni miġbura, u billi tieħu inkunsiderazzjoni l-evidenza/l-informazzjoni relatata ma’ miżuri protettivi disponibbli fl-Istat tar-residenza abitwali.

---

56 Ara, pereżempju, *E.S. s/ Reintegro de hijo*, il-11 ta’ Ġunju 2013, *Corte Suprema de Justicia de la Nación* (Arġentina) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/AR 1305] fejn il-Qorti sabet li sempliċi referenza għal trattament ħażin jew vjolenza, mingħajr ma ġiet prodotta xi evidenza, kienet ġenerali wisq biex tammonta għal riskju gravi għall-wild minuri; *Gsponer* vs *Johnson*, it-23 ta’ Diċembru 1988, il-Qorti Plenarja tal-Qorti tal-Familja tal-Awstralja f’Melbourne (l-Awstralja) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/AU 255], fejn evidenza “ġenerali ħafna u mhux speċifika” prodotta mill-ġenitur li ħataf lill-wild minuri ta’ episodji sinifikanti ta’ vjolenza, attakki jew trattament ħażin mill-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta’ oriġini fuq il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri tqieset insuffiċjenti biex tammonta għal riskju gravi li r-ritorn jesponi lill-wild minuri għal ħsara fiżika jew psikoloġika jew inkella jqiegħed lill-wild minuri f’sitwazzjoni intollerabbli.

Dan ifisser li anki meta l-qorti tiddetermina li hemm evidenza jew informazzjoni sufficjenti li turi elementi ta' ħsara potenzjali jew ta' sitwazzjoni intollerabbli, hija għandha madankollu debitament tikkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha, inkluż jekk hemmx miżuri protettivi adegwati disponibbli jew jekk dawn ikollhomx jiġu stabbiliti biex il-wild minuri jiġi protett mir-riskju gravi ta' tali ħsara jew ta' sitwazzjoni intollerabbli,[57] meta tevalwa jekk l-eċċezzjoni ta' riskju gravi ġietx stabbilita.

42. Ladarba ssir din l-evalwazzjoni:

– fejn il-qorti ma *tkunx* sodisfatta li l-evidenza ppreżentata/l-informazzjoni miġbura, inkluż rigward il-miżuri protettivi, tistabbilixxi riskju gravi, hija tordna r-ritorn tal-wild minuri[58];
– fejn il-qorti *tkun* sodisfatta li l-evidenza ppreżentata/l-informazzjoni miġbura, inkluż rigward il-miżuri protettivi, tistabbilixxi riskju gravi, hija mhix marbuta li tordna r-ritorn tal-wild minuri, li jfisser li hija fid-diskrezzjoni tal-qorti li tordna r-ritorn tal-wild minuri minkejja kollox.

---

57 Ara, *infra,* il-paragrafi 43 *et seq.* dwar id-diskussjoni ta' dawn il-miżuri protettivi.

58 Fejn ir-riskju gravi affermat ma jkunx stabbilit u l-wild minuri jiġi rritornat, il-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri jista' jippreżenta evidenza dwar it-tħassib tiegħu għall-wild minuri fi proċedimenti ta' kustodja fl-Istat tar-residenza abitwali.

**Mistoqsijiet ikkunsidrati mill-qorti fl-analiżi tal-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b)**

Il-qrati għandhom jaġixxu mingħajr dewmien fil-proċedimenti għar-ritorn fil-pront tal-wild minuri [il-Preambolu u l-Artikolu 11(1)]

*Il-fatti affermati mill-persuna, l-istituzzjoni jew korp ieħor li jopponu r-ritorn tal-wild minuri huma dettaljati u għandhom mertu suffiċjenti li ¶jistgħu jikkostitwixxu riskju gravi li r-ritorn jesponi ¶lill-wild minuri għal ħsara fiżika jew psikoloġika jew inkella jqiegħed ¶lill-wild minuri f'sitwazzjoni intollerabbli?*

LE → Il-Qorti tordna r-ritorn tal-wild minuri.

IVA ↓

*F'xi ġurisdizzjonijiet, il-qrati jibdew billi jistaqsu: hemm miżuri protettivi adegwati u effettivi disponibbli u/jew stabbiliti li jipproteġu lill-wild minuri mir-riskju gravi affermat?*

LE → Wara l-evalwazzjoni tal-informazzjoni jew tal-evidenza

IVA → Il-Qorti tordna r-ritorn tal-wild minuri.

Il-ġbir u l-evalwazzjoni tal-informazzjoni jew tal-evidenza ssir skont il-liġijiet, il-proċeduri u l-prattiki ta' kull ġurisdizzjoni.

Fir-rigward ta' miżuri protettivi, il-qorti għandha tikkunsidra li tfittex il-kooperazzjoni tal-Awtoritajiet Ċentrali u/jew tal-imħallfin tal-IHNJ.

Wara l-evalwazzjoni tal-informazzjoni jew tal-evidenza:

*Il-persuna, l-istituzzjoni jew korp ieħor li jopponu r-ritorn tal-wild minuri (fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri) issodisfaw lill-qorti li ¶hemm riskju gravi li r-ritorn jesponi lill-wild minuri għal ħsara fiżika jew psikoloġika jew inkella jqiegħed lill-wild minuri ¶f'sitwazzjoni intollerabbli, b'kont meħud ta' kwalunkwe miżura adegwata u effettiva disponibbli jew stabbilita fl-Istat tar-residenza abitwali biex il-wild minuri jiġi protett mir-riskju gravi?*

LE → Il-Qorti tordna r-ritorn tal-wild minuri.

IVA ↓

**L-eċċezzjoni ta' riskju gravi hija stabbilita** u l-qorti M'HIJIEX marbuta li tordna r-ritorn tal-wild minuri.

### b. Miżuri protettivi

43. Il-miżuri protettivi jiġu kkunsidrati l-aktar f'sitwazzjonijiet fejn ir-riskju gravi affermat jinvolvi l-abbuż tal-wild minuri jew vjolenza domestika, iżda mhux esklużivament. Dawn ikopru firxa wiesgħa ta' servizzi, assistenza u appoġġ eżistenti inkluż l-aċċess għal servizzi legali, assistenza finanzjarja, assistenza għall-akkomodazzjoni, servizzi tas-saħħa, postijiet ta' kenn u forom oħra ta' assistenza jew appoġġ lill-vittmi ta' vjolenza domestika, kif ukoll rispons mill-pulizija u permezz tas-sistema tal-ġustizzja kriminali.

44. Il-miżuri protettivi jistgħu jkunu disponibbli u faċilment aċċessibbli fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri jew, f'xi każijiet, jista' jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti qabel ir-ritorn tal-wild minuri. F'dan il-każ, miżuri protettivi speċifiċi għandhom jiġu stabbiliti biss fejn ikunu strettament meħtieġa u direttament biex jindirizzaw ir-riskju gravi. Dawn ma għandhomx jiġu imposti b'mod sistematiku u għandhom ikunu limitati fiż-żmien sa meta l-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri jkun jista' jiddetermina liema miżuri protettivi huma xierqa għall-wild minuri, jekk ikun il-każ.[59] F'ċerti ċirkostanzi, għalkemm il-miżuri protettivi jkunu disponibbli u aċċessibbli fl-Istat tar-residenza abitwali, dawn jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw b'mod effettiv ir-riskju gravi. Eżempju ta' dan jista' jkun fejn il-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kiser b'mod ripetut l-ordnijiet protettivi.

45. Il-qrati normalment jivvalutaw id-disponibbiltà u l-effikaċja ta' miżuri protettivi fl-istess ħin li jeżaminaw l-affermazzjonijiet ta' riskju gravi; inkella, jagħmlu dan biss wara li l-eżistenza ta' riskju gravi u għarfien tan-natura tiegħu jkunu ġew stabbiliti mill-parti li tkun qed toġġezzjona għar-ritorn. Idealment, peress li kwalunkwe dewmien jista' jfixkel l-objettivi tal-Konvenzjoni, il-miżuri protettivi potenzjali għandhom jitqajmu fi stadju bikri fil-proċedimenti sabiex kull parti jkollha opportunità adegwata li tipproduċi evidenza rilevanti fil-ħin fir-rigward tal-ħtieġa għal tali miżuri u l-eżegwibbiltà tagħhom. F'ċerti ġurisdizzjonijiet, fl-interess tal-ħeffa, fejn il-qorti tkun sodisfatta f'kawża partikolari li miżuri protettivi adegwati u effettivi jkunu disponibbli jew stabbiliti fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri biex jindirizzaw ir-riskju gravi affermat, il-qorti tista' tordna r-ritorn tal-wild minuri mingħajr ma jkollha għalfejn tagħmel evalwazzjoni aktar sostantiva tal-fatti allegati.

---

59 Ara, bħala eżempju ta' kawża li kienet tinvolvi miżuri protettivi, *Re E. (Tfal) (Ħtif: Appell dwar Kustodja)* (ara, *supra,* in-nota 50). Ara wkoll *J.D.* vs *P.D.,* (2010) ONCJ 410, id-9 ta' Settembru 2010, il-Qorti tal-Ġustizzja ta' Ontario (il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 1421] fil-paragrafu 47 fejn il-Qorti sabet li hija setgħet "timponi impenji sabiex jassistu r-ritorn u jipproteġu lit-tfal fil-perjodu tranżitorju qabel ma l-qorti fl-Iskozja tieħu l-każ f'idejha". F'*Mbuyi* vs *Ngalula*, (2018) MBQB 176, it-8 ta' Novembru 2018, il-Qorti tal-Queen's Bench ta' Manitoba (il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 1416] fil-paragrafu 62, il-Qorti nnotat li, fid-determinazzjoni ta' jekk l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 13(1)(b) kinitx maħluqa jew le skont is-sitwazzjoni fattwali, "il-Qorti għandha, fi kwalunkwe proċediment tal-*Konvenzjoni* ta' The Hague, tibda mill-bażi li, ħlief fl-aktar każijiet straordinarji jew fejn l-evidenza hija suffiċjenti biex tistabbilixxi l-kuntrarju, il-Qrati u l-awtoritajiet fl-istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri ser ikunu jistgħu jieħdu miżuri biex jipproteġu lill-wild minuri [...]."

46. F'xi Stati, il-qorti li tkun qed tisma' r-rikors għar-ritorn jista' jkollha ġurisdizzjoni interna skont il-liġi nazzjonali biex tordna miżuri protettivi bħala parti mill-ordni ta' ritorn tagħha. Fi Stati oħra, il-qorti jista' ma jkollhiex ġurisdizzjoni bħal din. F'dawn il-każijiet, madankollu, il-qorti tista' tikkunsidra miżuri protettivi fil-forma ta' impenji volontarji mogħtija lill-qorti mill-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini.[60]

47. Kemm jekk f'forma ta' ordni tal-qorti jew ta' impenji volontarji, l-effikaċja tal-miżuri protettivi tiddependi fuq jekk jistgħux ikunu magħmula eżegwibbli fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri, u taħt liema kundizzjonijiet, li jiddependi fuq id-dritt intern ta' dan l-Istat. Għażla minnhom tista' tkun li jingħata effett legali lill-miżura protettiva permezz ta' ordni mera fl-Istat tar-residenza abitwali, jekk possibbli u disponibbli. Iżda l-qorti fl-Istat rikjest ma tistax tagħmel ordnijiet li jeċċedu l-ġurisdizzjoni tagħha jew li mhumiex meħtieġa biex jimmitigaw riskju gravi stabbilit. Għandu jiġi nnotat li l-impenji volontarji mhumiex faċilment eżegwibbli, u għalhekk jistgħu ma jkunux effettivi f'ħafna każijiet. Għalhekk, sakemm l-impenji volontarji ma jkunux jistgħu jiġu eżegwiti fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri, dawn għandhom jintużaw b'kawtela, speċjalment f'każijiet fejn ir-riskju gravi jinvolvi vjolenza domestika.

48. Fir-rigward tal-miżuri protettivi, il-Konvenzjoni tal-1996 tista' tiffaċilita r-ritorn immedjat tal-wild minuri fejn hija fis-seħħ bejn l-Istati involuti. Il-Konvenzjoni tal-1996 fiha raġuni speċifika ta' ġurisdizzjoni li tippermetti lill-qorti fil-Parti Kontraenti fejn wild minuri jkun preżenti (u mhux resident abitwali) li tieħu l-miżuri meħtieġa biex tipproteġi lill-wild minuri f'każijiet ta' urġenza[61]. Il-Konvenzjoni tal-1996 iżżid l-effikaċja ta' miżuri bħal dawn billi tiżgura li dawn jiġu rikonoxxuti *de lege* fil-Partijiet Kontraenti l-oħra kollha[62] u tista' tiġi ddikjarata eżegwibbli fuq talba ta' kwalunkwe parti interessata f'konformità mal-proċedura prevista fil-liġi tal-Istat fejn tintalab l-eżekuzzjoni[63]. Kwalunkwe miżura li tipproteġi lill-wild minuri meħuda abbażi ta' din ir-raġuni speċifika ta' ġurisdizzjoni tiskadi hekk kif il-qrati tal-Istat tar-residenza abitwali (jiġifieri, dak tar-residenza abitwali tal-wild minuri) ikunu ħadu l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni, u b'hekk dan jenfasizza l-importanza tal-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti[64].

---

[60] Ara, pereżempju, *Sabogal* vs *Velarde*, 106 F. Supp. 3d 689 (2015), l-20 ta' Mejju 2015, il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett ta' Maryland (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 1383] fejn il-Qorti kienet lesta li tordna r-ritorn tal-wild minuri soġġett għall-kundizzjonijiet speċifiċi li r-ritorn iseħħ wara li l-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini jirranġa sabiex l-ordni ta' kustodja temporanja favur tiegħu tiġi annullata, b'tali mod li l-ordni ta' kustodja temporanja sottostanti favur il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri tiġi reintegrata, u wara li huwa jkun irranġa biex l-akkużi kriminali kontra l-ġenitur li ħataf lill-wild minuri jiġu miċħuda jew biex l-investigazzjoni tingħalaq. Innota, madankollu, li l-kundizzjonijiet ordnati f'din il-kawża jistgħu ma jkunux possibbli f'għadd ta' Partijiet Kontraenti.

[61] L-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tal-1996.

[62] L-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni tal-1996.

[63] L-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni tal-1996.

[64] Ara wkoll l-Artikolu 27(5) tar-Regolament (UE) Nru 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' wild minuri (riformulazzjoni) ĠU L 178 2.7.2019, p. 1, li se jibda japplika mill-1 ta' Awwissu 2022. L-Artikolu 27(5) tar-Regolament jispeċifika li meta qorti tordna r-ritorn tal-wild minuri, il-qorti tista', fejn xieraq, tieħu miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament sabiex tipproteġi lill-wild minuri mir-riskju gravi msemmi fl-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-1980, sakemm l-eżami u t-teħid ta' tali miżuri ma jdewmux bla bżonn il-proċedimenti ta' ritorn.

### c. Arranġamenti prattiċi

49. F'xi ġurisdizzjonijiet, il-qrati li jordnaw ir-ritorn immedjat tal-wild minuri jistgħu jipprovdu għal arranġamenti prattiċi biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tar-ritorn tal-wild minuri lejn l-Istat tar-residenza abitwali. Eżempju ta' arranġamenti prattiċi huwa meta l-ordni tar-ritorn tiddikjara min għandu jixtri l-biljetti tal-ajru għar-ritorn tal-wild minuri. Arranġamenti bħal dawn huma differenti minn miżuri protettivi minħabba li mhumiex maħsuba biex jindirizzaw riskju gravi ta' ħsara. L-arranġamenti prattiċi la għandhom joħolqu ostakli għar-ritorn tal-wild minuri u lanqas jitfgħu piż żejjed fuq xi parti (b'mod partikolari l-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini), u lanqas m'għandhom jaqbżu l-ġurisdizzjoni limitata tal-qorti.

### d. Regoli proċedurali u ta' prova

50. Il-Konvenzjoni tal-1980 tipprovdi għal ftit regoli proċedurali u ta' prova. Dawn il-kwistjonijiet jitħallew f'idejn il-*lex fori*, jiġifieri l-liġi tal-Istat rikjest fejn tinsab il-qorti. Dan jinkludi regoli dwar l-**istandard** (jew il-quantum) ta' prova.[65] Madankollu, il-kwistjoni tal-**oneru** tal-prova hija indirizzata espliċitament fil-Konvenzjoni.

#### *i. L-oneru tal-prova*

51. L-oneru li tiġi stabbilita l-eċċezzjoni jaqa' fuq il-persuna, l-istituzzjoni jew il-korp l-ieħor li jopponu r-ritorn tal-wild minuri,[66] u b'hekk, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, fuq il-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri. Anki jekk qorti *ex officio* tiġbor informazzjoni jew provi (skont il-proċeduri interni), jew jekk il-persuna jew il-korp li jkunu ppreżentaw ir-rikors għar-ritorn ma jkunux involuti attivament fil-proċedimenti, il-qorti għandha tkun sodisfatta li l-oneru tal-prova li tiġi stabbilita l-eċċezzjoni jkun ġie ssodisfat mill-parti li toġġezzjona għar-ritorn.

---

[65] L-istandard ta' prova applikat mill-Partijiet Kontraenti jista' jvarja. Pereżempju, ħafna Partijiet Kontraenti japplikaw standard ċivili ġenerali ta' "prevalenza tal-evidenza" jew "bilanċ tal-probabbiltajiet"; xi Stati jeżiġu li l-eċċezzjoni tiġi ppruvata bi standard ogħla, pereżempju, "b'evidenza ċara u konvinċenti".

[66] L-Artikolu 13(1); ara wkoll ir-Rapport ta' Spjegazzjoni (*op. cit.* nota 10), il-paragrafu 114, fejn huwa ddikjarat, *inter alia*, li "meta għamlet din l-għażla, il-Konvenzjoni kellha l-intenzjoni li tqiegħed lill-persuna li tilfet il-pussess f'pożizzjoni tajba bħal dik tal-persuna li ħatfet lill-wild minuri li teoretikament għażlet dak li għaliha huwa l-aktar forum konvenjenti".

#### *ii.* ***Il-limitazzjoni tal-informazzjoni u tal-evidenza għall-kwistjoni tar-ritorn***

52. Filwaqt li r-regoli u l-prattiki dwar l-ammissibbiltà u l-ġbir tal-provi jvarjaw fost il-Partijiet Kontraenti,[67] dawn għandhom dejjem jiġu applikati b'kunsiderazzjoni xierqa għar-rekwiżit ta' proċedimenti rapidi u għall-importanza li l-investigazzjoni tal-qorti tiġi limitata biss għal kwistjonijiet ikkontestati li huma direttament rilevanti għall-kwistjoni tar-ritorn (mhux għall-kustodja[68]).

#### *iii.* ***L-ammissibbiltà ta' informazzjoni dwar l-isfond soċjali tal-wild minuri***

53. L-Artikolu 13(3) jiffaċilita r-riċeviment ta' evidenza jew informazzjoni minn barra l-pajjiż billi jipprovdi li qorti "għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni relatata mal-isfond soċjali tal-wild minuri pprovduta mill-Awtorità Ċentrali jew minn awtorità kompetenti oħra tar-residenza abitwali tal-wild minuri" bħal rapporti dwar il-benesseri, rapporti tal-iskola, rapporti mediċi, jekk disponibbli u direttament rilevanti għall-kwistjoni ta' riskju gravi, u jekk jistgħu jinkisbu taħt id-dritt intern tal-Istat tar-residenza abitwali. Din l-evidenza jew din l-informazzjoni għandha tinkiseb biss fejn meħtieġ u b'kont dovut meħud tal-ħtieġa għal proċedimenti rapidi.

#### *iv.* ***Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors għar-ritorn u d-dokumenti mehmuża***

54. Biex tiġi ffaċilitata l-ammissjoni ta' evidenza u ta' informazzjoni, l-Artikolu 23 jipprovdi li l-ebda formalità bħal-legalizzazzjoni ma tista' tkun meħtieġa. Barra minn hekk, l-Artikolu 30 jipprovdi li kull rikors għar-ritorn ippreżentat lil Awtorità Ċentrali jew direttament lil qorti, flimkien ma' dokumenti ta' sostenn u informazzjoni mehmuża jew mogħtija minn Awtorità Ċentrali, "għandhom ikunu ammissibbli fil-qrati jew fl-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Kontraenti". Madankollu, l-Artikolu 30 ma jistipulax il-valur probatorju (tal-evidenza) li għandu jingħata lil dawn id-dokumenti, li jitħalla għad-dritt intern u għad-diskrezzjoni tal-qorti.

## 2. Eżempji ta' affermazzjonijiet li jistgħu jitqajmu taħt l-Artikolu 13(1)(b)

55. Analiżi skont l-Artikolu 13(1)(b) hija speċifika ħafna għall-fatti. Kull deċiżjoni tal-qorti dwar l-applikazzjoni jew in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni hija għalhekk unika, ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-kawża.

---

67 Xi informazzjoni dwar ir-regoli applikabbli fi proċeduri ta' ritorn hija pprovduta mill-Partijiet Kontraenti fil-Profili tal-Pajjiżi (*op. cit.* in-nota 10). Pereżempju, fit-Taqsima 10.3, tingħata informazzjoni, *inter alia*, dwar jekk huwiex possibbli li rikors għar-ritorn jiġi deċiż biss fuq il-bażi ta' dokumentazzjoni (jiġifieri, mingħajr smigħ tal-qorti) u jekk evidenza orali (jiġifieri, evidenza personali) tistax tintlaqa' fi proċedimenti ta' ritorn.

68 Ara, *supra*, il-paragrafu 16.

Għalhekk dejjem hija meħtieġa analiżi attenta pass pass ta' riskju gravi affermat, skont il-qafas legali tal-Konvenzjoni, inkluża l-eċċezzjoni kif spjegat f'din il-Gwida. Madankollu, il-qrati[69] għandhom ikunu konxji tar-rekwiżit tal-Konvenzjoni li jiddeċiedu l-kawżi mingħajr dewmien.

56. Din it-Taqsima tipprovdi xi eżempji dwar kif l-affermazzjonijiet ta' riskju gravi ġew indirizzati minn xi qrati, bl-użu ta' diversi mudelli ta' fatti u lista mhux eżawrjenti ta' kunsiderazzjonijiet jew fatturi rilevanti. Hija ma tittrattax il-piż relattiv li għandu jingħata lil kull kunsiderazzjoni jew lil kull fattur, minħabba li dan jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-kawża. Din it-Taqsima tipprovdi wkoll xi referenza limitata għall-ġurisprudenza internazzjonali sabiex tispjega l-kwistjonijiet speċifiċi li qed jiġu diskussi. Il-qrati u partijiet interessati oħrajn huma mħeġġa jikkonsultaw il-ġurisprudenza ta' INCADAT u dik nazzjonali għad-dettalji u għall-aktar informazzjoni reċenti dwar kif ġew indirizzati diversi kwistjonijiet taħt l-Artikolu 13(1)(b).

### a. Il-vjolenza domestika kontra l-wild minuri u/jew il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri

57. L-affermazzjonijiet ta' riskju gravi li jirriżulta minn vjolenza domestika jistgħu jieħdu diversi forom. Il-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri jista' jsostni li hemm riskju gravi ta' ħsara diretta minħabba abbuż fiżiku, sesswali jew forom oħra ta' abbuż fuq il-wild minuri. Jista' jiġi affermat ukoll li r-riskju gravi jirriżulta mill-esponiment tal-wild minuri għal vjolenza domestika mill-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini fuq il-ġenitur li ħataf il-wild minuri[70]. F'xi sitwazzjonijiet, ir-riskju gravi għall-wild minuri jista' jkun ibbażat ukoll fuq il-ħsara potenzjali fuq il-ġenitur li ħataf il-wild minuri mill-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini mar-ritorn,[71] inkluż

---

[69] Ara, *supra,* in-nota 12.

[70] Ara, pereżempju, *Miltiadous* vs *Tetervak*, 686 F. Supp. 2d 544 (E.D. Pa. 2010), id-19 ta' Frar 2010, il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti, Sezzjoni tal-Lvant ta' Pennsylvania (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/US 1144] fejn il-Qorti sabet li l-abbuż mill-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini fuq il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri, f'dan il-każ, l-omm, inkluż it-theddid ta' mewt u x-xorb eċċessiv, kif ukoll fatturi oħra bħall-inkapaċità tal-awtoritajiet Ċiprijotti li jipproteġuha, u d-disturb minn stress postrawmatiku kroniku tal-bint kienu suffiċjenti biex jammontaw għal riskju gravi.

[71] Ara, pereżempju, *Taylor* vs *Taylor*, 502 Fed.Appx. 854, 2012 WL 6631395 (C.A.11 (Fla.)) (11th Cir. 2012), l-20 ta' Diċembru 2012, il-Qorti tal-Appell għall-Ħdax-il Ċirkwit tal-Istati Uniti (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/US 1184]. Il-Qorti kienet aċċettat evidenza li l-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kien hedded li juża lil terzi persuni sabiex iweġġgħu (u forsi anki joqtlu) lill-ġenitur li kien ħa lill-wild minuri. Il-Qorti nnotat li l-każ kien uniku minħabba li r-riskju għall-wild minuri ma kienx ġej biss minn theddid li sar mill-ġenitur li kien tħalla fil-pajjiż ta' oriġini iżda wkoll minn theddid magħmul minn terzi mhux magħrufa, u li l-attivitajiet frawdolenti tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kienu ħolqu, u x'aktarx kienu se jkomplu joħolqu, riskju sostanzjali ta' ħsara serja lill-familja, u riskju gravi ta' ħsara lill-wild minuri jekk jiġi rritornat. Ara wkoll l-opinjoni ta' LJ Wall f'*Re W. (Wild Minuri)* [2004] EWCA Civ 1366 (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 771], fil-paragrafu 49. F'*Gomez* vs *Fuenmayor*, Nru 15-12075, il-Qorti tal-Appell tal-Istati Uniti (il-11-il Ċirkwit), il-5 ta' Frar 2016 [Referenza ta' INCADAT: HC/E/US 1407] il-Qorti sabet li, "[f]ilwaqt li l-investigazzjoni xierqa tiffoka fuq ir-riskju li jaffaċċja l-wild minuri, mhux il-ġenitur [...] theddid serju biżżejjed u vjolenza kontra ġenitur jistgħu madankollu jippreżentaw riskju gravi ta' ħsara lill-wild minuri wkoll".

fejn tali ħsara tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri li jieħu ħsieb il-wild minuri.

58. Il-fokus speċifiku tal-analiżi tar-riskju gravi f'dawn il-każijiet huwa l-effett tal-vjolenza domestika fuq il-wild minuri mar-ritorn tiegħu lejn l-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri, u jekk tali effett jilħaqx il-limitu għoli tal-eċċezzjoni tar-riskju gravi, fid-dawl ta' tali kunsiderazzjonijiet bħalma huma n-natura, il-frekwenza u l-intensità tal-vjolenza, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom huwa probabbli li sseħħ[72]. L-evidenza tal-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' vjolenza domestika, fiha nnifisha u waħedha mhijiex suffiċjenti biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' riskju gravi għall-wild minuri. [73]

59. F'kawżi fejn il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri stabbilixxa ċirkostanzi li jinvolvu vjolenza domestika li tammonta għal riskju gravi għall-wild minuri, il-qrati għandhom jikkunsidraw id-disponibbiltà, l-adegwatezza u l-effikaċja ta' miżuri li jipproteġu lill-wild minuri mir-riskju gravi[74]. Meta, pereżempju, il-protezzjoni

---

72 Fil-kawżi li ġejjin, il-Qorti sabet li ma kienx hemm evidenza ta' riskju gravi għall-wild minuri. *Tabacchi* vs *Harrison*, 2000 WL 190576 (N.D.Ill.), it-2 ta' Awwissu 2000, il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett tat-Tramuntana ta' Illinois, id-Diviżjoni tal-Lvant (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 465] fejn il-passat ta' abbuż tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini fuq il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri, instab li ma kienx jikkostitwixxi riskju gravi għall-wild minuri tagħhom, peress li l-wild minuri kien preżenti f'żewġ okkażjonijiet biss li fihom il-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kien vjolenti lejn il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri, u peress li, minn mill-ħtif, il-ġenituri kienu rranġaw żjarat mingħajr diffikultajiet u ma kien hemm l-ebda evidenza li l-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kien abbuża jew ippersegwita lill-ġenitur li ħataf lill-wild minuri. Ara wkoll *Is-Segretarju għall-Ġustizzja* vs *Parker*, 1999 (2) ZLR 400 (H), it-30 ta' Novembru 1999, il-Qorti Għolja (iż-Żimbabwe) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/ZW 340] f'paġna 408, fejn il-Qorti nnotat li l-imġiba vjolenti u intimidatorja tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kienet diretta lejn il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri u mhux lejn il-wild minuri, u li l-ambjent stressanti li l-ġenitur li ħataf lill-wild minuri qal li dawn kienu esposti għalih kien ikkawżat mit-tensjoni bejn il-ġenituri. Il-Qorti nnotat ukoll li l-ġenitur li kien ħa lill-wild minuri ma oġġezzjonax għat-talba ta' aċċess tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini u, għall-kuntrarju, deher li ħeġġeġ lill-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini biex ikollu kuntatt mal-ulied minuri.

73 Ara wkoll *Souratgar* vs *Fair*, 720 F.3d 96 (2nd Cir. 2013), it-13 ta' Ġunju 2013, il-Qorti tal-Appell tal-Istati Uniti għat-Tieni Ċirkwit, (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/US 1240] fil-pp. 12 u 16, li fiha l-allegazzjonijiet tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri dwar l-abbuż tal-konjuġi min-naħa tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kienu kkunsidrati mill-Qorti bħala "rilevanti biss taħt l-Artikolu 13(1)(b) jekk jipperikolaw b'mod serju lill-wild minuri. L-investigazzjoni skont l-Artikolu 13(1)(b) mhijiex dwar jekk ir-ripatrijazzjoni tkunx se tpoġġi s-sigurtà [tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri] f'riskju gravi, iżda jekk dan il-fatt huwiex se jissoġġetta lill-wild minuri għal riskju gravi ta' ħsara fiżika jew psikoloġika." F'dik il-kawża, il-Qorti affermat is-sejba tal-qorti distrettwali li, filwaqt li kien hemm okkażjonijiet ta' abbuż domestiku, "fl-ebda ħin ma kienet saret ħsara fuq [il-wild minuri] jew kien fil-mira tal-ħsara", u li "f'dan il-każ, l-evidenza […] ma tistabbilixxix li l-wild minuri jaffaċċja riskju gravi ta' ħsara fiżika jew psikoloġika malli jiġi ripatrijat".

74 Ara, pereżempju, *F.* vs *M. (Ħtif: Riskju Gravi ta' Ħsara)* [2008] 2 FLR 1263, is-6 ta' Frar 2008, il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja tal-Ingilterra u Wales, Sezzjoni tal-Familja (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 1116] fil-paragrafi 13 u 14, fejn il-Qorti nnotat li, jekk "kienet (jew hija) sodisfatta li l-wild minuri se jingħata protezzjoni adegwata mill-qrati tal-Istat rikjedenti u/jew il-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kien ipprovda biżżejjed impenji protettivi, il-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri normalment ma jkunx jista' jibbaża fuq l-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b), speċjalment fil-kawżi fejn tkun tqajmet il-vjolenza domestika." Il-Qorti nnotat ukoll li, f'din il-kawża, il-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kien iddikjara li kien "se jikkoopera ma' kwalunkwe proċediment […] u jipprovdi impenji ta'

legali u s-servizzi soċjali u dawk tal-pulizija jkunu disponibbli fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri biex jassistu lill-vittmi ta' vjolenza domestika, il-qrati ordnaw ir-ritorn tal-wild minuri[75]. F'xi każijiet, madankollu, il-qrati jistgħu jqisu tali protezzjoni u servizzi legali bħala insuffiċjenti biex jipproteġu lill-wild minuri mir-riskju gravi,[76] pereżempju meta il-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini jkun ripetutament kiser ordnijiet ta' protezzjoni,[77] li jista' jpoġġi lill-wild minuri f'riskju gravi ta' ħsara fiżika jew psikoloġika, jew minħabba l-livell ta' vulnerabbiltà psikoloġika tal-wild minuri[78].

---

nuqqas ta' molestja u ta' fastidju". Ara, *supra*, "Mistoqsijiet ikkunsidrati mill-qorti fl-analiżi tal-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b)" f'p. 33.

75 Ara, pereżempju*, X. (l-omm) kontra Y. (il-missier)*, it-22 ta' Frar 2018, *Rechtbank's-Gravenhage* (in-Netherlands) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/NL 1391] f'paġna 6, fejn il-Qorti sabet li d-dikjarazzjonijiet tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri li kien ikun espost regolarment għal vjolenza domestika fil-preżenza tal-wild minuri ma kinux suffiċjenti biex jinstab riskju gravi, peress li "ċ-ċirkostanzi kollha għandhom jitqiesu kif xieraq, inkluż jekk jistgħux jittieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-wild minuri jew isiru arranġamenti adegwati oħrajn biex jiġi żgurat li l-konsegwenzi tal-vjolenza domestika ma joħolqux riskju għall-wild minuri (jew ma jibqgħux joħolqu riskju)." Ara wkoll *Mbuyi v. Ngalula* (ara, *supra*, in-nota 59).

76 Ara, pereżempju, *L-Awtorità Ċentrali tal-Istat, is-Segretarju tad-Dipartiment għas-Servizzi tal-Bniedem* vs *Mander*, is-17 ta' Settembru 2003, il-Qorti tal-Familja tal-Awstralja (l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 574] fil-paragrafi 109 u 111 fejn il-Qorti nnotat li "[h]uwa ċar li l-eżistenza ta' ordnijiet tal-qorti u sanzjonijiet kriminali ma naqqsux il-livell ta' vjolenza", b'tali mod li l-Qorti kienet "sodisfatta bl-eżistenza ta' riskju gravi ta' ħsara f'din il-kawża". Għaldaqstant ir-ritorn tal-wild minuri ġie irrifjutat; No de RG 06/00395, it-30 ta' Mejju 2006, *Cour d'appel de Paris* (Franza) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/FR 1010] fejn il-Qorti sabet li, minkejja li l-ġenitur li kien ħataf lill-wild minuri ressaq ilment li l-wild minuri kien ġie stuprat fir-residenza tal-familja mill-konkubin(a) tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini, ma kienet ittieħdet l-ebda miżura preventiva effettiva meta l-wild minuri kien għamel akkużi serji u esprima riżervi kbar dwar il-fatt li jirritorna jgħix mal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini.

77 Ara, pereżempju, *Achakzad* vs *Zemaryalai* [2011] W.D.F.L. 2, l-20 ta' Lulju 2010, il-Qorti tal-Ġustizzja ta' Ontario (il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 1115] fejn il-Qorti aċċettat l-evidenza tal-omm li ħatfet lill-wild minuri li l-missier li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kien attakkaha jew hedded li jattakkaha f'diversi okkażjonijiet, u anki hedded li jistupraha, u li żamm arma tan-nar ikkargata waqt li hija kellha lill-wild minuri f'dirgħajha. Barra minn hekk, il-Qorti sabet li minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari, ir-riżentiment ċar tal-missier li tħalla fil-pajjiżi ta' oriġini għall-allegazzjonijiet li l-omm li kienet ħatfet lill-wild minuri kienet għamlet kontrih taħt l-Artikolu 13(1)(b), ma setax jiġi injorat. Għalkemm l-impenji jkunu eżegwibbli minħabba li l-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kien lest li jaċċetta ordni ta' livell xieraq ta' protezzjoni f'California, il-Qorti kkunsidrat li l-kwistjoni reali kienet jekk l-aġir futur tiegħu setax jiġi ġestit u kkontrollat b'mod adegwat mill-qrati ta' California, minħabba li huwa kien naqas li josserva s-sistema ġudizzjarja billi gideb tul l-evidenza kollha tiegħu u kiser l-ordnijiet tal-qorti. Barra minn hekk, huwa kien wera li ma kienx kapaċi jikkontrolla l-imġiba tiegħu meta kien ikun irrabjat. Għalhekk, il-Qorti ddeċidiet li r-ritorn f'California kien joħloq riskju gravi għall-ġenitur li ħataf lill-wild minuri u għall-wild minuri li ma setax jiġi kkontrollat b'mod adegwat bl-impenji.

78 Ara, pereżempju, *Ostevoll* vs *Ostevoll*, 2000 WL 1611123 (S.D. Ohio 2000), is-16 ta' Awwissu 2000il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti f'Ohio (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/US 1145] fil-paragrafu 15, fejn żewġ psikologi xehdu f'isem il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri. L-ewwel psikologu ddijanjostika lill-wild minuri b'disturb minn stress postrawmatiku, wara li "esperjenzaw trawma kbira, abbuż fiżiku, abbuż emozzjonali u abbuż verbali" huma nfushom, minbarra li raw l-abbuż fuq il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri. B'mod speċifiku, l-ewwel psikologu "esprima l-opinjoni li r-ritorn tal-wild minuri lejn in-Norveġja

### b. Żvantaġġi ekonomiċi jew ta' żvilupp għall-wild minuri mar-ritorn

60. Meta jsiru dikjarazzjonijiet ta' riskju gravi bbażati fuq żvantaġġi ekonomiċi jew ta' żvilupp mar-ritorn tal-wild minuri,[79] l-analiżi għandha tiffoka fuq jekk il-ħtiġijiet bażiċi tal-wild minuri jistgħux jiġu ssodisfati fl-Istat tar-residenza abitwali. Il-Qorti ma għandhiex tagħmel paragun bejn il-kundizzjonijiet tal-għajxien li kull ġenitur (jew kull Stat) jista' joffri. Dan jista' jkun rilevanti f'kawża ta' kustodja sussegwenti iżda ma għandu l-ebda rilevanza għall-analiżi skont l-Artikolu 13(1)(b)[80]. Għaldaqstant, kundizzjonijiet ta' ħajja aktar modesti[81] u/jew appoġġ aktar limitat għall-iżvilupp[82] fl-Istat tar-residenza abitwali mhumiex suffiċjenti biex tiġi

---

joħloq sitwazzjoni intollerabbli għall-wild minuri". L-"impressjoni dijanjostika" tat-tieni psikologu "kienet minn tal-anqas disturb serju ta' stress għal kull wieħed mill-wild minuri", fejn kull wild minuri ddeskriva x-xorb eċċessiv u diversi inċidenti ta' abbuż min-naħa tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini, diretti lejhom u lejn il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri. It-tieni psikologu kien tal-opinjoni li l-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kien isofri minn disturb tal-karattru narċisistiku li "joħloq riskju gravi ta' ħsara lit-tfal u jpoġġihom f'sitwazzjoni intollerabbli li kieku kellhom jintbagħtu lura lejn in-Norveġja", u li "it-tfal isofru ħsara psikoloġika irreparabbli jekk sempliċement jiġu ordnati jirritornaw lejn in-Norveġja irrispettivament minn jekk jiġux ordnati jmorru lura fil-kustodja tal-[ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini]".

79 Ara, pereżempju, *A.S.* vs *P.S. (Ħtif ta' Wild Minuri)* [1998] 2 IR 244, is-26 ta' Marzu 1998, il-Qorti Suprema (l-Irlanda) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/IE 389]; *K.M.A.* vs *Is-Segretarju għall-Ġustizzja* [2007] NZFLR 891, il-5 ta' Ġunju 2007, il-Qorti tal-Appell ta' New Zealand (New Zealand) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/NZ 1118]; *Il-Kummissarju tal-Pulizija tal-Awstralja t'Isfel* vs *H.,* is-6 ta' Awwissu 1993, il-Qorti tal-Familja tal-Awstralja f'Adelaide (l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 260]; *Re E. (Tfal) (Ħtif: Appell dwar Kustodja)* (ara, *supra,* in-nota 59).

80 Ara No de pourvoi 08-18126, il-25 ta' Frar 2009, *Cour de cassation* (Franza) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/FR 1013] fejn il-Qorti rrifjutat l-argumenti tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri li għandha tqabbel il-kundizzjonijiet ta' għajxien tal-wild minuri f'dak iż-żmien mal-kundizzjonijiet ta' għajxien tagħhom fil-każ tar-ritorn tagħhom biex tevalwa riskju gravi.

81 Ara, pereżempju*, G., P. C. c. H., S. M. s/ reintegro de hijos*, it-22 ta' Awwissu 2012, *Corte Suprema de Justicia de la Nación* (Arġentina) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AR 1315] fejn il-Qorti kkunsidrat argument rigward is-sitwazzjoni finanzjarja tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini iżda sabet li l-ġenitur li ħataf lill-wild minuri ma weriex li kien tali li jimplika l-possibbiltà ta' sitwazzjoni estrema għall-wild minuri; *Y.D.* vs *J.B.,* [1996] R.D.F. 753, is-17 ta' Mejju 1996, il-Qorti Superjuri ta' Quebec (il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 369] fejn il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri argumenta li l-inkapaċità finanzjarja tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini twassal biex il-wild minuri jaffaċċjaw riskju gravi iżda l-Qorti ddeċidiet li d-dgħufija finanzjarja bħala tali ma kinitx raġuni valida għar-rifjut tar-ritorn ta' wild minuri; No de RG 11/02919, id-19 ta' Settembru 2011, *Cour d'appel de Lyon* (Franza) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/FR 1168] fejn il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri ddikjara li r-ritorn tal-wild minuri lejn il-Ġermanja jesponihom għal riskju gravi minħabba l-istandard baxx ta' akkomodazzjoni tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini iżda l-Qorti kkonkludiet li l-ġenitur li kien ħataf lill-wild minuri ma weriex li din ma kinitx tissodisfa l-istandards minimi meħtieġa, filwaqt li nnotat li l-fatt allegat li t-tfal kienu jgawdu minn kundizzjonijiet ta' għajxien aktar favorevoli fi Franza ma setax jiġi kkunsidrat mill-pajjiż rikjest, "li ma kienx meħtieġ biex jiġu evalwati l-merti tad-deċiżjoni barranija"; 17 UF 56/16, l-4 ta' Mejju 2016, *Oberlandesgericht Stuttgart Senat für Familiensachen* (il-Ġermanja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/DE 1406] fejn ġie deċiż li sitwazzjoni ekonomika potenzjalment anqas favorevoli fl-Istat tar-residenza abitwali mar-ritorn ma kinitx tikkostitwixxi riskju gravi ta' ħsara fiżika jew psikoloġika għall-wild minuri.

82 Ara, pereżempju, No de RG 11/01062, it-28 ta' Ġunju 2011, *Cour d'appel de Bordeaux* (Franza) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/FR 1128] fejn il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri

stabbilita l-eċċezzjoni ta’ riskju gravi. Jekk il-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri jsostni li ma jistax jirritorna bil-wild minuri fl-Istat tar-residenza abitwali minħabba s-sitwazzjoni diffiċli jew insostenibbli tiegħu, pereżempju, minħabba li l-istandard tal-għajxien tiegħu jkun aktar baxx, ma jistax isib impjieg f’dak l-Istat, jew inkella jinsab f’ċirkostanzi terribbli, dan normalment ma jkunx suffiċjenti biex tinħareġ ordni kontra r-ritorn[83]. B’mod partikolari, id-dipendenza fuq il-benefiċċji tal-Istat jew fuq appoġġ istituzzjonali ieħor minnha nnifisha ma tammontax għal riskju gravi[84]. Ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna biss jistgħu jwasslu għal riskju gravi għall-wild minuri[85]. Fejn ikunu ġew stabbiliti ċirkostanzi li jammontaw għal riskju gravi, il-qrati jistgħu jikkunsidraw jekk miżuri protettivi jistgħux jipproteġu lill-wild minuri minn riskju bħal dan, bħall-forniment ta’ xi assistenza finanzjarja urġenti għall-perjodu qasir sakemm il-qorti ta’ ġurisdizzjoni kompetenti fl-Istat tar-residenza abitwali tkun tista’ toħroġ kwalunkwe ordni meħtieġa.

---

ddikjara li l-wild minuri lmenta minn malnutrizzjoni, nuqqas ta’ iġjene u negliġenza fl-Istat tar-residenza abitwali, iżda l-Qorti osservat li dan ma kienx suffiċjenti biex jiġi stabbilit riskju gravi, u kien f’idejn il-qrati fl-Istat tar-residenza abitwali li jiddeterminaw min kien l-aktar adattat biex jipprovdi t-tħaris ta’ kuljum tal-wild minuri, u li l-Istat tar-residenza abitwali kellu l-faċilitajiet u l-infrastruttura xierqa biex jissorvelja lit-tfal li jgħixu fit-territorju tiegħu.

83 Ara, pereżempju, *N. R. c. J. M. A. V. s/ reintegro de hijo*, it-28 ta’ Frar 2013, *Corte Suprema* (iċ-Ċili) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/CL 1318] fejn il-Qorti sabet li s-sempliċi fatt li r-ritorn jista’ jkun diffiċli għal ġenitur li ħataf lill-wild minuri minħabba problemi biex isib impjieg ma kienx biżżejjed biex jiġġustifika b’mod raġonevoli r-rifjut tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri li jirritorna lura, u li kwistjonijiet bħal dawn għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sussegwentement fi proċedimenti ta’ kustodja; No de RG 12-19382, l-20 ta’ Marzu 2013, *Cour de cassation* (Franza) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1213] fejn l-omm li ħatfet lill-wild minuri ddikjarat li ma kellhiex xogħol u kellha dħul minimu u dar b’kera baxxa fi Franza, li kien impossibbli li ssib fl-Ingilterra, iżda l-Qorti enfasizzat li l-awtoritajiet Ingliżi kienu għamlu arranġamenti xierqa biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal wara r-ritorn tagħhom u li l-omm li ħatfet lill-wild minuri kienet f’sitwazzjoni differenti fir-rigward tal-benefiċċju ta’ dħul minimu minħabba li l-permanenza tagħha fl-Ingilterra issa kienet imposta b’deċiżjoni Ingliża, u għalhekk ma kien hemm l-ebda riskju gravi; 5A_285/2007/frs, is-16 ta’ Awwissu 2007, *Tribunal fédéral, IIè cour de droit civil* (l-Iżvizzera) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/CH 955] fejn il-Qorti sabet li fid-dawl tan-nuqqas ta’ raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw ir-rifjut tal-omm li ħatfet lill-wild minuri li tirritorna, ma kienx jidher prattikament diffiċli jew ekonomikament insapportabbli għaliha li tirritorna tgħix fl-Iżrael, tal-anqas sakemm ikunu qegħdin isiru l-proċedimenti tal-qorti hemmhekk.

84 Ara, pereżempju, *Re A. (Minuri) (Ħtif: Drittijiet ta' Kustodja)* [1992] Fam 106, it-12 ta’ Frar 1992, il-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales (ir-Renju Unit) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/UKe 48] fejn il-Qorti sabet dipendenza fuq il-benefiċċji tal-Istat tal-Awstralja mar-ritorn ma kinitx suffiċjenti bħala tali biex tikkostitwixxi sitwazzjoni intollerabbli.

85 Ara, pereżempju, il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti f’No de RG 08/04984, it-18 ta’ Frar 2009, *Cour d'appel de Nîmes* (Franza) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1135].

### c. Riskji assoċjati maċ-ċirkostanzi fl-Istat tar-residenza abitwali

61. L-analiżi tar-riskju gravi assoċjat maċ-ċirkostanzi fl-Istat tar-residenza abitwali għandha tiffoka fuq il-gravità tas-sitwazzjoni politika, ekonomika jew ta' sigurtà u l-impatt tagħha fuq il-wild minuri individwali,[86] u fuq jekk il-livell ta' tali impatt huwiex suffiċjenti biex jinvolvi l-eċċezzjoni tar-riskju gravi, aktar milli fuq is-sitwazzjoni politika, ekonomika jew ta' sigurtà fl-Istat inġenerali. Għaldaqstant, l-affermazzjonijiet ta' sitwazzjoni ta' sigurtà, politika jew ekonomika serja fl-Istat tar-residenza abitwali ġeneralment ma jkunux suffiċjenti biex jiskattaw l-eċċezzjoni ta' riskju gravi[87]. B'mod simili, inċidenti vjolenti (iżolati) f'ambjent politiku instabbli normalment ma jammontawx għal riskju gravi[88]. Anki meta l-fatti affermati jkunu ta' tali natura li jistgħu jikkostitwixxu riskju gravi, il-qorti xorta trid tiddetermina jekk il-miżuri protettivi jistgħux jindirizzaw ir-riskju u, jekk iva, il-qorti mbagħad tkun marbuta li tordna r-ritorn tal-wild minuri[89].

---

86 Ara *Escaf* vs *Rodriquez*, 200 F. Supp. 2d 603 (E.D. Va. 2002), is-6 ta' Mejju 2002, il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett tal-Lvant ta' Virginia, Sezzjoni ta' Alexandria (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 798] fejn il-Qorti aċċettat li, filwaqt li kien hemm evidenza li n-negozjanti Amerikani kienu jħabbtu wiċċhom ma' riskju akbar ta' ħtif ta' persuni u vjolenza fil-Kolombja u li l-missier li ħataf lill-wild minuri stess kien ġie mhedded, ma kienx hemm evidenza ċara u konvinċenti ta' periklu serju fil-belt fejn kien jgħix il-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini għal wild minuri ta' 13-il sena b'ċittadinanza doppja Amerikana u Kolombjana u li jgħix hemm mal-ġenitur Kolombjan u l-familja tiegħu.

87 Ara, pereżempju, No de RG 11/02685, it-28 ta' Ġunju 2011, *Cour d'appel de Rennes* (Franza) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/FR 1129] fejn il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri afferma r-riskji tat-tniġġis tal-Belt tal-Messiku, tan-nuqqas ta' sigurtà minħabba l-kriminalità fil-metropoli tal-Belt tal-Messiku, u r-riskji ta' terremoti, iżda ma rnexxilux juri kif dawn ir-riskji kienu jaffettwaw lill-wild minuri personalment u direttament; No de pourvoi 14-17.493, id-19 ta' Novembru 2014, *Cour de cassation* (Franza) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/FR 1309] fejn il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri allega li f'każ ta' ritorn lejn l-Afrika t'Isfel, il-wild minuri kien se jkun espost għal riskju ta' periklu fiżiku serju jekk jerġa' jmur jgħix fir-riżerva ta' Makalali minħabba l-kundizzjonijiet ġenerali tal-ħajja hemmhekk, iżda dawn l-argumenti ġew miċħuda mill-Qorti.

88 Ara, pereżempju, kawżi li jinvolvu ritorn lejn l-Iżrael fejn il-perikli potenzjali allegati inerenti fil-ħajja ta' kuljum normalment jinstabu li huma ġenerali wisq biex tiġi stabbilita kawża taħt l-Artikolu 13(1)(b): *A.* vs *A.,* il-5 ta' Ottubru 2001, il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Buenos Aires (l-Arġentina) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AR 487]; No 03/3585/A, is-17 ta' April 2003, *Tribunal de première instance de Bruxelles* (il-Belġju) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/BE 547]; B-2939-01, il-11 ta' Jannar 2002, *Vestre Landsret* (id-Danimarka) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/DK 519]; *Freier* vs *Freier*, 969 F. Supp. 436 (E.D. Mich. 1996), l-4 ta' Ottubru 1996, il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett tal-Lvant ta' Michigan, Sezzjoni tan-Nofsinhar (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 133]. Ara wkoll: *Proċedura għar-Ritorn Internazzjonali ta' Tfal,* Kawża Nru 2926/2008, is-16 ta' Frar 2009, *Tercera Sala Familiar del Honorable Tribunal Superior de Justicia del Distrito Federal* (il-Messiku) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/MX 1038] fejn id-dimostrazzjonijiet politiċi li jfixklu l-ħajja ta' kuljum fil-Venezwela, u l-inċertezza ġenerali li tirriżulta minnhom, ma tqisux li huma riskju gravi.

89 Ara, *pereżempju*, *A.* vs *A.* (ara, *supra*, in-nota 88) fejn il-Qorti dewmet l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn b'xahrejn, biex tippermetti li s-sitwazzjoni fl-Istat tar-residenza abitwali tistabbilizza ruħha. Ara wkoll *Re D. (Artikolu 13b: Nonritorn)* [2006] EWCA Civ 146, il-25 ta' Jannar 2006, il-Qorti tal-Appell (Ingilterra u Wales) (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 818] fejn iż-żewġ ġenituri kienu vittmi ta' sparaturi premeditati u mmirati u attakki oħra fil-Venezwela. Il-Qorti qablet mal-imħallef tal-proċess fil-paragrafu 28 li "it-tfal ma kinux soġġetti għal xi attakk u huma inqas probabbli li jkunu vittmi fil-mira milli l-ġenituri tagħhom, iżda [kienu] f'periklu ta' offiża fuq il-persuna jekk ikunu preżenti ma' xi wieħed

### d. Riskji assoċjati mas-saħħa tal-wild minuri

62. F'każijiet li jinvolvu affermazzjonijiet assoċjati mas-saħħa tal-wild minuri, l-analiżi tar-riskju gravi normalment għandha tiffoka fuq id-disponibbiltà tal-kura fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri,[90] u mhux fuq paragun bejn il-kwalità tal-kura relattiva f'kull Stat[91]. Riskju gravi tipikament jiġi stabbilit biss f'sitwazzjonijiet fejn il-kura hija jew tkun meħtieġa b'mod urġenti u ma tkunx disponibbli jew aċċessibbli fl-Istat tar-residenza abitwali, jew fejn is-saħħa tal-wild minuri ma tippermettix assolutament li jivvjaġġa lura lejn dak l-Istat[92]. Is-sempliċi fatt li l-Istat tar-residenza abitwali jista' jkollu standard ta' kura tas-saħħa differenti jew klima differenti tipikament ma jkunx suffiċjenti biex tiġi stabbilita l-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b). Pereżempju, li l-kundizzjoni tal-klima fl-Istat rikjedenti hija differenti minn dik fl-Istat rikjest mhijiex, fiha nnifisha u waħedha, suffiċjenti biex tiġi stabbilita l-eċċezzjoni tar-riskju gravi assoċjat mas-saħħa tal-wild minuri. Meta jiġu stabbiliti affermazzjonijiet assoċjati mas-saħħa tal-wild minuri, il-qorti tista' tikkunsidra, pereżempju, miżuri ta' protezzjoni biex tipproteġi lill-wild minuri mir-riskju gravi mar-ritorn, bħal: l-għoti ta' appoġġ finanzjarju, assigurazzjoni tas-saħħa, u/jew it-tħejjija ta' appoġġ mediku għall-wild minuri mar-ritorn.

---

mill-ġenituri tagħhom fil-ħin ta' tali attakki". Il-Qorti nnotat ukoll li l-imħallef fil-proċess sab li "superviżjoni kostanti ta' 24 siegħa minn gwardji armati [...] fiha nnifisha ma tipprovdix protezzjoni kompleta iżda tnaqqas xi ftit ir-riskju".

90 Ara, pereżempju, No de pourvoi 17-11031, l-4 ta' Mejju 2017, *Cour de cassation* (Franza) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/FR 1346] fejn il-Qorti kienet stabbiliet li l-kwalità tas-sistema tal-kura tas-saħħa f'Iżrael kienet sodisfaċenti, u li l-kura antivirali kontra l-HIV li rċieva l-wild minuri f'Iżrael kienet l-istess bħal dik preskritta lilha fi Franza. Għalhekk, kura adegwata kienet disponibbli u ma kienx hemm raġunijiet biex jiġi rrifjutat ir-ritorn tagħha.

91 Ara, pereżempju, No de rôle: 07/78/C, il-25 ta' Jannar 2007, *Tribunal de première instance de Bruxelles* (il-Belġju) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/BE 857] fejn il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri ddikjara li kien hemm riskju gravi għall-wild minuri minħabba li l-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini rrifjuta li jaċċetta r-rakkomandazzjoni urġenti tal-psikologu tal-iskola li tingħata terapija tat-taħdit lill-wild minuri, iżda l-Qorti sabet li dawn il-fatti ma kinux suffiċjenti biex jiġi stabbilit riskju gravi; V.L. B-1572-09, it-23 ta' Settembru 2009, *Vestre Landsret* (id-Danimarka) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/DK 1101] fejn il-wild minuri kellu bżonn attenzjoni speċjali fl-iskola, u l-ġenitur li ħataf lill-wild minuri sostna li r-ritorn mal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini, li kien ibati minn sklerożi multipla u depressjoni, jikkostitwixxi riskju gravi. Madankollu, il-Qorti nnotat ir-relazzjoni tajba bejn il-wild minuri u l-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini, u l-isforzi tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini biex jieħu ħsieb il-wild minuri bl-aħjar mod possibbli, u ma sabitx li dawk l-affermazzjonijiet kienu suffiċjenti biex jiġi stabbilit riskju gravi; *DP* vs *L-Awtorità Ċentrali tal-Commonwealth*, [2001] HC 39, (2001) 180 ALR 402 (l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT HC/E/AU 346] fil-paragrafu 144, fejn, fir-rigward tal-kura ta' wild minuri bl-awtiżmu, il-Qorti nnotat li "jeżistu faċilitajiet fil-Greċja għall-kura tal-awtiżmu fil-wild minuri", fejn kien qed jintalab ir-ritorn, iżda ma daħlitx f'paragun bejn il-kwalità tal-kura relattiva bejn l-Awstralja u l-Greċja. Ara wkoll *Solis* vs *Tibbo Lenoski*, 2015 BCCA 508 (CanLII) (il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT HC/E/CA 1403].

92 Ara *L-Awtorità Ċentrali tal-Istat* vs *Maynard*, id-9 ta' Marzu 2003, il-Qorti tal-Familja tal-Awstralja (l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 541] fil-paragrafi 27, 28 u 30, fejn, peress li evidenza medika estensiva uriet li l-kundizzjoni medika serja tal-wild minuri (attakki epilettiċi) kienet tfisser li "l-ivvjaġġar jista' jirriżulta fi ħsara sinifikanti u serja [lill-wild minuri] jew il-mewt tagħha", il-Qorti, filwaqt li rrifjutat l-argumenti tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri dwar il-kwalità tas-sistema medika Ingliża, sabet li r-ritorn tat-tifla lejn l-Ingilterra jesponiha għal riskju gravi ta' ħsara fiżika.

Madankollu, dawn il-miżuri ma għandhomx joħolqu piżijiet żejda fuq il-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini u għandhom ikunu limitati fiż-żmien, filwaqt li jippermettu biss lill-ġenitur li ħataf lill-wild minuri li jkollu aċċess għall-qrati fl-Istat tar-residenza abitwali li jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex jittrattaw dawn il-kwistjonijiet.

### e. Is-separazzjoni tal-wild minuri mill-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri, meta l-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jirritorna lejn l-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri

63. Affermazzjonijiet ta' riskju gravi ta' ħsara psikoloġika jew ta' tqegħid f'sitwazzjoni intollerabbli li jirriżulta mis-separazzjoni tal-wild minuri mill-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri meta dan il-ġenitur ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jirritorna ta' spiss jitqajmu fi proċedimenti ta' ritorn f'firxa wiesgħa ta' ċirkostanzi. Deċiżjonijiet ġudizzjarji minn bosta Partijiet Kontraenti juru, madankollu, li kien biss rarament li l-qrati laqgħu l-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b) f'kawżi fejn il-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jirritorna mal-wild minuri fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri[93].

64. Il-fokus primarju tal-analiżi tar-riskju gravi f'dawn il-każijiet huwa l-effett fuq il-wild minuri tal-possibbiltà ta' separazzjoni jew ta' nuqqas ta' kura f'każ ta' ordni ta' ritorn, u jekk l-effett jilħaqx il-limitu għoli tal-eċċezzjoni tar-riskju gravi, jekk wieħed iqis id-disponibbiltà ta' miżuri protettivi biex jiġi indirizzat ir-riskju gravi[94]. Iċ-ċirkostanzi jew ir-raġunijiet għall-inkapaċità tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri li jirritorna lejn l-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri huma separati mill-evalwazzjoni tal-effett tal-possibbiltà ta' separazzjoni fuq il-wild minuri, għalkemm jistgħu jiffurmaw parti minnha.

65. Meta s-separazzjoni mill-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri tkun tissodisfa l-limitu għoli ta' riskju gravi, iċ-ċirkostanzi jew ir-raġunijiet għall-inkapaċità tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri li jirritorna lejn l-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri jistgħu jkunu rilevanti b'mod partikolari fid-determinazzjoni ta' liema miżuri protettivi huma disponibbli biex jitneħħa l-ostakolu għar-ritorn tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri u biex jiġi indirizzat ir-riskju gravi[95]. Eżempji ta' xi ostakli komuni mqajma mill-ġenituri li jaħtfu lill-wild minuri u t-tipi ta' miżuri li l-qrati jistgħu jikkunsidraw f'xenarji differenti, huma pprovduti hawn taħt (il-paragrafi 67-72).

---

93 Ara, *infra,* il-paragrafi 67-72.

94 Ara, pereżempju, No de RG 11/01437, l-1 ta' Diċembru 2011, *Cour d'appel d'Agen* (Franza) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/FR 1172] fejn il-Qorti kkonkludiet li separazzjoni tal-wild minuri mill-ġenitur li ħataf lill-wild minuri ma kinitx riskju gravi, anki jekk il-ġenitur li kien ħataf lill-wild minuri kien dak li dejjem ħa ħsieb il-wild minuri, peress li l-wild minuri kellu relazzjoni tajba mal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini u familja li tħobbu fl-Istat tar-residenza abitwali; 7 UF 660/17, il-5 ta' Lulju 2017, *Oberlandesgericht Nürnberg Senat für Familiensachen* (il-Ġermanja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/DE 1409] fejn il-Qorti ffokat fuq jekk ir-riskju gravi ta' ħsara psikoloġika lill-wild minuri kienx ser ikun tali li jeċċedi b'mod sinifikanti l-istress emozzjonali li wild minuri normalment jesperjenza minħabba ritorn, u sabet li f'dak il-każ ma kien hemm l-ebda evidenza li kien se jiġri dan.

95 Il-qrati f'xi ġurisdizzjonijiet jistgħu jikkunsidraw miżuri possibbli biex jitneħħa l-ostaklu għar-ritorn tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri qabel ma jivvalutaw l-allegazzjonijiet fattwali ta' riskju gravi. Fejn tali miżuri jistgħu jiġu implimentati, il-qorti tista' tkun tista' tiddisponi mir-rikors għar-ritorn mingħajr ma jkollha għalfejn tevalwa l-allegazzjonijiet tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri ta' riskju gravi għall-wild minuri li jirriżulta minn separazzjoni.

Alternattivament, fejn l-ostakli għar-ritorn tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri ma jkunux jistgħu jitneħħew, kunsiderazzjonijiet oħrajn fl-evalwazzjoni ta' miżuri protettivi possibbli jistgħu jinkludu l-għażla li l-ġenitur li jkun tħalla fil-pajjiż ta' oriġini jew persuna oħra jieħdu ħsieb il-wild minuri mar-ritorn tiegħu lejn l-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri sakemm qorti f'dak l-Istat tkun tista' tiddetermina l-kustodja.

66. Fejn biex jiġi indirizzat riskju gravi huwa importanti li proċedimenti ta' kustodja pendenti fl-Istat tar-residenza abitwali jkunu elenkati fil-pront,[96] il-qorti li tordna r-ritorn tista' teħtieġ, bħala miżura ta' protezzjoni għall-wild minuri, li l-proċedimenti ta' kustodja għandhom isiru kemm jista' jkun malajr mar-ritorn tal-wild minuri fl-Istat tar-residenza abitwali. Fejn ikun xieraq taħt il-liġijiet u l-proċeduri rilevanti, il-partijiet jistgħu jiġu informati dwar proċeduri aċċellerati li jistgħu jeżistu fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri. Barra minn hekk, skont iċ-ċirkostanzi, u fejn dan ikun possibbli fiż-żewġ Stati kkonċernati, il-qorti li tordna r-ritorn tista' tgħin ukoll biex tiffaċilita l-elenkar fil-pront tal-proċedimenti permezz ta' komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti[97].

### *i. Prosekuzzjoni kriminali kontra l-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri minħabba tneħħija jew żamma illegali*

67. Il-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri jista' jirrifjuta li jirritorna minħabba r-riskju li jinżamm kriminalment responsabbli għat-tneħħija jew għaż-żamma illegali tal-wild minuri, u fejn il-priġunerija tal-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri tista' twassal għal separazzjoni minn dak il-ġenitur li tista' toħloq riskju gravi għall-wild minuri. Il-Qorti tista' tikkunsidra li titlob informazzjoni dwar l-istatus ta' mandat ta' arrest jew proċedimenti kriminali pendenti, kif ukoll dwar il-possibbiltà li l-mandat jew l-akkużi jiġu rtirati. Pereżempju, il-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini jew l-awtoritajiet rilevanti fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri jistgħu jipprovdu assigurazzjoni li mhumiex se jiftħu proċedimenti kriminali jew proċedimenti oħrajn, jew tal-anqas li ma jarrestawx lill-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri, jekk ikun possibbli[98]. Iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' akkużi pendenti jew,

---

[96] Ara, *supra*, "Elenkar" fil-Glossarju.

[97] Ara, pereżempju, *Re G. (Ħtif: Irtirar ta' Proċedimenti, Qbil, Residenza Abitwali)* [2007] EWHC 2807 (Fam), it-30 ta' Novembru 2007, il-Qorti Għolja (Ingilterra u Wales), Sezzjoni tal-Familja (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 966] fil-paragrafu 78, fejn il-Qorti ħarġet ordni ta' ritorn fuq il-bażi li l-partijiet jieħdu passi immedjati biex iressqu l-kwistjoni quddiem il-Qorti fil-Kanada (l-Istat tar-residenza abitwali) għal deċiżjoni bbażata fuq investigazzjoni sħiħa ta' assistenza soċjali rigward l-arranġamenti futuri għall-wild minuri. Għal dan il-għan, l-imħallef ivverifika mal-Imħallef tal-Court of Queen's Bench f'Alberta indikat bħala l-kuntatt għall-provinċja ta' Alberta fi kwistjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1980 u ġie żgurat li, fuq rikors minn kwalunkwe parti, setgħu jsiru arranġamenti għal smigħ rapidu f'dik il-provinċja.

[98] Ara, pereżempju, *Mozzjoni għad-Dritt tal-Appell (Kwistjonijiet tal-Familja)* 5690/10, l-10 ta' Awwissu 2010, il-Qorti Suprema (l-Iżrael) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/1290] fil-paragrafi 3 u 5, fejn il-Qorti, wara l-affermazzjonijiet tal-omm li ħatfet lill-wild minuri li kien hemm riskju sostanzjali li tiġi arrestata minħabba t-tneħħija illegali, innotat li l-mandat ta' arrest ġie annullat, u li l-avukat tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini kien kiteb lill-prosekutur lokali fl-Istati Uniti biex javżah li l-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini ma kienx interessat u ma kellu l-ebda intenzjoni li jiftaħ proċedimenti kriminali kontra l-omm li ħatfet lill-wild minuri, u talab li l-pożizzjoni tiegħu rigward il-kwistjoni tingħata piż sostanzjali. Il-Qorti

fejn xieraq, ta’ mandat ta’ arrest jistgħu jiġu assigurati bl-assistenza ta’ awtoritajiet kriminali jew ġudizzjarji, inkluż, fejn xieraq, bl-użu ta’ komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti, jekk dan ikun permess fl-Istat rikjest u fl-Istat tar-residenza abitwali[99]. L-Awtoritajiet Ċentrali jistgħu jkunu jistgħu joffru assistenza jew jipprovdu informazzjoni f’dan ir-rigward kif permess skont id-dritt intern. Jekk l-akkużi jew, fejn xieraq, il-mandat ta’ arrest jiġu rtirati, l-allegat impediment għall-ġenitur biex jirritorna ma jibqax jeżisti. Min-naħa l-oħra, jekk l-akkużi jew il-mandat ma jkunux jistgħu jiġu rtirati, il-qorti jista’ jkollha tevalwa r-riskju gravi affermat li jirriżulta minn separazzjoni possibbli mill-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri, kif deskritt fil-paragrafi 63 sa 66, inklużi miżuri protettivi eventwali li jirranġaw għall-kura tal-wild minuri matul separazzjoni. F’każijiet bħal dawn, jista’ jkun hemm il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri li se jinżamm il-ħabs sakemm ikunu għaddejjin il-proċedimenti kriminali immedjatament malli jirritorna fl-Istat tar-residenza abitwali tal-wild minuri, u ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri li jista’ jaffaċċja priġunerija eventwali wara l-proċess kriminali tiegħu f’dak l-Istat. Il-fatt li l-akkużi jew il-mandat ma jistgħux jiġu rtirati ġeneralment ma jkunx suffiċjenti biex jinvolvi l-eċċezzjoni ta’ riskju gravi[100].

---

nnotat li, għalkemm il-prosekutur ma kienx marbut b’din l-ittra, “l-esperjenza tindika li ħlief għal każijiet straordinarji [...] il-possibbiltà li [l-ġenitur li ħataf lill-wild minuri] jiġi arrestat ma [kinitx] għolja”; *Sabogal v. Velarde* (ara, *supra,* in-nota 60) fejn il-Qorti ordnat ritorn taħt il-kundizzjoni li l-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta’ oriġini jirranġa sabiex, fost l-oħrajn, l-akkużi kriminali jew l-investigazzjoni kontra l-ġenitur li ħataf lill-wild minuri jiġu miċħuda jew jingħalqu minħabba li l-wild minuri, minħabba ċ-ċirkostanzi, ma setgħux jitqiegħdu mal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta’ oriġini mar-ritorn tagħhom.

99 Ara, pereżempju, *Re M. u J. (Ħtif) (Kollaborazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali)* [1999] 3 FCR 721, is-16 ta’ Awwissu 1999, il-Qorti Għolja (Ingilterra u Wales) (ir-Renju Unit) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/UKe 266] fejn ritorn volontarju kien żgurat permezz ta’ kollaborazzjoni internazzjonali bejn il-il-Qorti Għolja tal-Ingilterra u Wales (ir-Renju Unit), l-Awtorità Ċentrali Ingliża, il-Qorti Superjuri ta’ California, l-Avukat Distrettwali ta’ California, l-Imħallef Superviżorju tad-Dipartiment tal-Liġi tal-Familja tal-Qorti Superjuri ta’ Los Angeles. F’din il-kawża, il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri kiser il-probation meta neħħa l-wild minuri, u kien qed jaffaċċja perjodu sinifikanti ta’ priġunerija kieku kellu jirritorna. Fi proċedura barra l-qorti, kull persuna jew istituzzjoni b’interess f’din il-kawża ħadmu, waħda wara l-oħra, biex iwaqqgħu l-proċedimenti kriminali kontra l-ġenitur li ħataf lill-wild minuri, iħaffu l-proċedimenti ta’ kustodja fuq il-mertu, u jipprijoritizzaw l-investigazzjonijiet neċessarji dwar l-assistenza. Impenn miftiehem innegozjat bejn il-ġenituri aktar tard ippermetta lill-ġenitur li ħataf lill-wild minuri jirritorna b’mod volontarju bil-wild minuri lejn l-Istat tar-residenza abitwali.

100 Ara, għal darba oħra, *Mozzjoni għad-dritt tal-Appell (Kwistjonijiet tal-Familja)* (ara, *supra,* in-nota 98) fejn il-Qorti, wara l-isforzi tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta’ oriġini biex jirtira l-akkużi, innotat li għalkemm dawk l-isforzi ma jorbtux lill-awtoritajiet, il-possibbiltà li l-ġenitur li ħataf lill-wild minuri jiġi arrestat kien baxx. Il-Qorti enfasizzat li l-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri m’għandux ikun intitolat li jargumenta li wild minuri għandu jitħalla fl-Istat fejn ittieħed minħabba tħassib rigward l-arrest tal-ġenitur fl-Istat li minnu ġie maħtuf il-wild minuri.

### *ii. Kwistjonijiet ta' immigrazzjoni ffaċċjati mill-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri*

68. Dikjarazzjonijiet ta' ostakli għar-ritorn tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri li jinvolvu kwistjonijiet ta' immigrazzjoni, pereżempju, fejn ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri jafferma li ma jistax jidħol fl-Istat tar-residenza abitwali minħabba l-iskadenza tal-viża rilevanti jew in-nuqqas ta' drittijiet ta' residenza, jistgħu tipikament jiġu indirizzati fi stadju bikri fil-proċedimenti ta' ritorn bil-kisba tal-permessi rilevanti tal-immigrazzjoni, kemm bl-isforzi tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri stess, kif ukoll fejn possibbli u xieraq b'kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali u/jew awtoritajiet kompetenti oħra, li għandhom ikunu involuti kemm jista' jkun malajr f'kawżi rilevanti. Anki meta dan ma jkunx possibbli, il-qrati normalment joqogħdu lura milli jqisu l-affermazzjonijiet ta' riskju gravi għall-wild minuri li jirriżultaw minn separazzjoni possibbli jekk il-ġenitur ikun jista' jirritorna fl-Istat rikjedenti għal mill-inqas perjodu qasir meħtieġ biex jattendi l-proċedimenti tal-kustodja, jew fejn id-dħul tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri fl-Istat tar-residenza abitwali jkun soġġett għal ċerti kundizzjonijiet[101]. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li, bħala regola, il-ġenitur m'għandux, minħabba n-nuqqas ta' azzjoni jew dewmien tiegħu fl-applikazzjoni għall-approvazzjonijiet tal-immigrazzjoni meħtieġa, jitħalla joħloq sitwazzjoni li potenzjalment tagħmel ħsara lill-wild minuri, u mbagħad jibbaża fuqha biex jistabbilixxi riskju gravi.

### *iii. In-nuqqas ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja fl-Istat tar-residenza abitwali*

69. Il-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri jista' jafferma, pereżempju, li ma jixtieqx imur lura lejn l-Istat tar-residenza abitwali minħabba li ma jiflaħx iħallas għal rappreżentant legali, li l-qrati f'dak l-Istat huma ppreġudikati, jew li hemm ostakli għall-aċċess għal qorti għal proċedimenti ta' kustodja[102]. Jekk hemm tħassib li l-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri ġenitur mhux ser ikollu aċċess effettiv għall-ġustizzja, il-qorti tista' tikkunsidra li tikkoordina mal-Awtoritajiet Ċentrali rilevanti jew tuża komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti biex tevalwa dawn id-

---

101 Ara, pereżempju, 2Ob90/10i, it-8 ta' Lulju 2010, *Oberster Gerichtshof* (l-Awstrija) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AT 1047]; *H.* vs *H.* [1995] 12 FRNZ 498, l-4 ta' Diċembru 1995, il-Qorti Għolja f'Wellington (New Zealand) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/NZ 30].

102 Ara, pereżempju, No de RG 11/02685, it-28 ta' Ġunju 2011, *Cour d'appel de Rennes* (Franza) (ara, *supra,* in-nota 87) fejn id-dikjarazzjonijiet mhux sostanzjati tal-omm li ħatfet lill-wild minuri li d-dritt tagħha għal smigħ ġust fil-Messiku seta' jkun ippreġudikat, ġew miċħuda mill-Qorti; *Is-Segretarju għall-Ġustizzja* vs *N., ex parte C.*, l-4 ta' Marzu 2001, il-Qorti Għolja f'Wellington (New Zealand) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/NZ 501] fejn il-Qorti rrifjutat l-argumenti li saru mill-omm li ħatfet lill-wild minuri dwar is-sitwazzjoni legali tagħha fiċ-Ċilì, billi nnotat li kien hemm sistema ta' qrati speċjalizzati tal-familja f'dak l-Istat fejn l-interessi tal-wild minuri jitqiesu bħala fundamentali fit-teħid ta' deċiżjoni dwar kwistjonijiet ta' kustodja; *Pliego* vs *Hayes*, 843 F.3d 226 (6$^{th}$ Cir. 2016), il-5 ta' Diċembru 2016, il-Qorti tal-Appell għas-Sitt Ċirkwit (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/US 1386] fil-paragrafu 2, fejn il-Qorti kkonfermat is-sejba tal-qorti distrettwali u ċaħdet l-argumenti tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri li "hemm riskju gravi ta' 'sitwazzjoni intollerabbli' minħabba li l-istatus diplomatiku tal-[ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini] [kien] jimmina l-kapaċità tal-qrati Torok li jiddeċiedu dwar il-kustodja b'mod xieraq". Il-Qorti sabet, fil-p. 8, li "[i]t-test tal-Artikolu 13(1)(b) jappoġġa l-interpretazzjoni li "sitwazzjoni intollerabbli" tista' tinkludi sitwazzjonijiet fejn ġenitur wieħed jipprova jirritorna wild minuri lejn pajjiż fejn il-qrati ma jkunux jistgħu jiddeċiedu dwar il-kustodja", iżda li l-ġenitur li ħataf lill-wild minuri naqas milli jistabbilixxi 'sitwazzjoni intollerabbli' skont il-fatti tal-kawża inkwistjoni (punt 11).

dikjarazzjonijiet u/jew tagħmel arranġamenti, jekk possibbli, biex tiffaċilita l-aċċess għall-proċedimenti fil-qrati ftit wara r-ritorn. Is-sempliċi fatt li l-ġenitur jista' ma jkunx jiflaħ iħallas għal rappreżentant legali nstab li mhuwiex suffiċjenti biex jiġi stabbilit nuqqas ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja[103]. Fi kwalunkwe każ, peress li l-Konvenzjoni hija bbażata fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati, l-evalwazzjonijiet fil-proċedimenti ta' ritorn m'għandhomx iqabblu l-kwalità relattiva tas-sistemi ġudizzjarji fiż-żewġ Stati (pereżempju, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħeffa tal-proċedimenti).

### *iv. Raġunijiet mediċi jew familjari li jirrigwardaw lill-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri*

70. Meta jiġu stabbiliti raġunijiet mediċi li jinvolvu lill-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri, il-karatteristiċi u s-serjetà tal-kundizzjoni medika (fiżika jew psikoloġika) u l-possibbiltà ta' trattament mediku xieraq fl-Istat tar-residenza abitwali jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni biex jiġu evalwati l-merti tal-inkapaċità tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri li jirritorna[104]. Jekk il-kura meħtieġa tkun aċċessibbli jew ikunu jistgħu jsiru arranġamenti għaliha, l-ostakli allegati għar-ritorn tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri jistgħu jitneħħew. Madankollu, jista' jkun hemm każijiet fejn id-disponibbiltà tat-trattament mediku tista' ma tkunx suffiċjenti biex jitneħħew l-ostakli għar-ritorn tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri.

---

103 Ara, pereżempju, *F.* vs *M. (Ħtif: Riskju Gravi ta' Ħsara)* (ara, *supra,* in-nota 74) fil-paragrafu 15, fejn l-omm li ħatfet lill-wild minuri argumentat li ritorn iqiegħed lill-wild minuri f'sitwazzjoni intollerabbli minħabba l-pożizzjoni tagħha *vis-à-vis* is-sistema legali Franċiża. Hija ddikjarat li ma kinitx ser tkun tista' tikseb rappreżentanza, li l-qrati u l-konsulenti soċjali fi Franza kienu kontriha, li ma kienx irnexxielha tikkonvinċihom jirrikonoxxu jew jikkunsidraw l-allegazzjonijiet dettaljati tagħha, u li kienet f'riskju, minħabba l-opinjoni tagħhom dwar il-konkubin attwali tagħha, li titlef it-tielet wild tagħha għall-kura tal-Istat. Il-Qorti ddeċidiet fil-paragrafu 18 li kien "kważi impossibbli li wieħed jafferma mingħajr każ speċifiku u dettaljat li l-proċess legali ta' [Franza] huwa tali li, minnu nnifsu, ipproduċa xi forma ta' intollerabbiltà; fi kliem ieħor iċ-ċirkostanzi attwali ta' kull possibbiltà ta' intollerabbiltà għandhom jiġu ġġustifikati." Il-Qorti ddeċidiet fil-paragrafu 19 li "[I]l-kortezija u r-rispett għall-politika tal-Konvenzjoni jobbligaw[ha] [...] sakemm ma jkunx hemm l-aktar evidenza konvinċenti li turi l-kuntrarju, li tiddetermina li l-qrati Franċiżi huma daqstant kapaċi li jinvestigaw b'mod ġust u li jiddeċiedu fuq it-talbiet tal-partijiet li jikkompetu ma' xulxin".

104 Ara, pereżempju, *LPQ* vs *LYW* [2014] HKCU 2976, il-15 ta' Diċembru 2014, il-Qorti Għolja tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong (iċ-Ċina) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CNh 1302] fejn il-missier li ħataf lill-wild minuri ddikjara li huwa nnifsu ma setax imur lura lejn il-Ġappun peress li kien se "jitkisser mentalment" u r-ritorn tat-tfal mingħajru, il-persuna ewlenija li tieħu ħsiebhom, iqiegħdhom f'sitwazzjoni intollerabbli, anki minħabba l-iskeda ta' xogħol mimlija tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini, in-nuqqas ta' affezzjoni għat-tfal, u t-temperament ħażin tiegħu. Il-Qorti ċaħdet l-allegazzjonijiet mhux sostanzjati tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri, billi ddikjarat fil-paragrafu 48 li l-Artikolu 13(1)(b) kien jirrigwarda primarjament lill-wild minuri u mhux l-impatt tar-ritorn fuq il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri; *Re E. (Tfal) (Ħtif: Appell dwar Kustodja)* (ara, *supra,* in-nota 50) fejn il-Qorti sabet li, jekk is-saħħa mentali tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri tiddeterjora jkun hemm riskju gravi ta' ħsara psikoloġika għall-wild minuri, iżda li kien hemm stabbiliti miżuri ta' protezzjoni xierqa biex jiġi indirizzat dan it-tħassib, fosthom l-impenji tal-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta' oriġini li jħalli d-dar tal-familja disponibbli għall-okkupazzjoni esklużiva tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri u tal-wild minuri u li jipprovdi appoġġ finanzjarju.

Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, jekk ikun hemm ir-riskju li s-saħħa psikoloġika tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri tiddeterjora b'mod estrem,[105] jekk jirritorna lejn l-Istat tar-residenza abitwali. F'każijiet bħal dawn, il-qorti jkollha tevalwa r-riskju gravi affermat għall-wild minuri, kif deskritt hawn fuq fil-paragrafi 63 sa 66. Bħala parti mill-evalwazzjoni tagħha, il-qorti tikkunsidra kwalunkwe miżura protettiva li tipproteġi lill-wild minuri mir-riskju gravi malli jirritorna fl-Istat tar-residenza abitwali tiegħu.

71. Ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri jista' jafferma li ma jistax jirritorna lejn l-Istat tar-residenza abitwali minħabba familja ġdida ffurmata fl-Istat rikjest[106]. Meta l-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri jkun l-omm, it-talba tagħha tista' tinkludi l-fatt li hija qed tistenna tarbija jew li qed tredda' tarbija li għadha kemm kellha. Jekk l-omm li taħtaf lill-wild minuri tallega li ċ-ċirkostanzi tagħha ma jippermettulhiex li tagħmel arranġamenti għar-ritorn tagħha, il-qorti tkun trid tevalwa l-affermazzjonijiet tagħha ta' riskju gravi għall-wild minuri, kif deskritt fil-paragrafi 63 sa 66. F'każijiet bħal dawn, il-fatt li l-omm tkun qed taffaċċja dilemma skomda ma jistax jitqies bħala suffiċjenti biex jiġi konkluż li r-ritorn tal-wild minuri l-kbir ser jesponi lil dak il-wild minuri għal riskju gravi[107].

---

105 Ara, pereżempju, *Direttur Ġenerali, Dipartiment tal-Familji* vs *R.S.P.* [2003] FamCA 623, is-26 ta' Awwissu 2003, il-Qorti Plenarja tal-Qorti tal-Familja tal-Awstralja (l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 544] fejn il-Qorti sabet, fuq il-bażi ta' evidenza mhux ikkontestata ta' psikjatra, li kieku l-wild minuri kellu jiġi rritornat kien ikun hemm riskju gravi li l-ġenitur li ħataf lill-wild minuri jagħmel suwiċidju, u li l-effett tas-suwiċidju tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri fuq il-wild minuri kien ikun devastanti. Ara wkoll: *Re S. (Wild Minuri) (Ħtif: Drittijiet ta' Kustodja)* [2012] UKSC 10, [2012] 2 A.C. 257, l-14 ta' Marzu 2012, il-Qorti Suprema tar-Renju Unit (Ingilterra u Wales) (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 1147] fejn il-Qorti aċċettat evidenza medika waqt il-proċess li turi li s-saħħa tal-omm li ħatfet lill-wild minuri, li kienet tbati minn forma ta' Disturb minn Stress Postrawmatiku magħrufa bħala Sindromu tan-Nisa Msawta, tmur lura ħafna li kieku kien ikollha tirritorna lejn l-Awstralja, u fid-dawl tal-fraġilità tas-saħħa psikoloġika tal-omm li ħatfet lill-wild minuri, il-miżuri protettivi offruti ma jeliminawx ir-riskju gravi li, jekk jiġi rritornat lejn l-Awstralja, il-wild minuri jitqiegħed f'sitwazzjoni intollerabbli.

106 Ara, pereżempju, *Re C. (Ħtif: Riskju Gravi ta' Ħsara Psikoloġika)* [1999] 1 FLR 1145, it-2 ta' Diċembru 1999, il-Qorti tal-Appell (Ingilterra u Wales) (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 269] fejn il-Qorti ddeċidiet li l-imħallef tal-proċess wettaq żball meta ta wisq piż lill-fatt li s-sieħeb il-ġdid tal-omm li ħatfet lill-wild minuri ma jistax jirritorna lejn l-Istat tar-residenza abitwali għal raġunijiet ta' immigrazzjoni, u li l-omm li ħatfet lill-wild minuri u s-sieħeb tagħha, li kienu konxji mill-problemi potenzjali, kienu ħolqu l-kundizzjonijiet avversi li fuqhom issa kienu qed jippruvaw jibbażaw.

107 Ara, pereżempju, *Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Familji, iż-Żgħażagħ u l-Ħarsien tal-Komunità u Hobbs,* l-24 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Familja tal-Awstralja fi Brisbane (l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 294] fejn kien argumentat li l-wild minuri jaffaċċja riskju gravi minħabba li l-ġenitur li ħataf lill-wild minuri ma xtaqx, u ma setax, fil-fatt, jirritorna lejn l-Afrika t'Isfel. Dan kien dovut għall-fatt li l-ġenitur, l-omm, minn meta waslet l-Awstralja, kellha wild ieħor u kienet għadha qed treddgħu. Barra minn hekk, is-sieħeb ġdid tagħha rrifjuta li jippermetti lit-tarbija tat-twelid tiegħu tmur l-Afrika t'Isfel. Il-Qorti ddeċidiet li s-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha l-omm li ħatfet lill-wild minuri kienet fil-parti l-kbira kkawżata minnha stess u li d-dilemma skomda tal-omm li ħatfet lill-wild minuri ma kinitx twassal għall-konklużjoni li r-ritorn tal-wild minuri l-kbir kien ser jesponih għal riskju gravi.

### *v. Rifjut inekwivoku ta' ritorn*

72. F'ċerti sitwazzjonijiet, il-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri jafferma b'mod inekwivoku li mhux ser imur lura fl-Istat tar-residenza abitwali, u li s-separazzjoni tal-wild minuri mill-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri hija inevitabbli, jekk jiġi rritornat. F'każijiet bħal dawn, għalkemm ir-ritorn tal-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri mal-wild minuri fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jipproteġi lill-wild minuri mir-riskju gravi, kwalunkwe sforz biex jiġu introdotti miżuri ta' protezzjoni jew biex isiru arranġamenti biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn tal-ġenitur jista' jkun ineffettiv peress li l-qorti ma tistax, b'mod ġenerali, iġġiegħel lill-ġenitur imur lura. Għandu jiġi enfasizzat li, bħala regola, il-ġenitur m'għandux jitħalla, permezz tat-tneħħija jew taż-żamma illegali tal-wild minuri, joħloq sitwazzjoni li tista' tkun potenzjalment ta' ħsara għall-wild minuri, u mbagħad jibbaża fuqha biex jistabbilixxi l-eżistenza ta' riskju gravi għall-wild minuri[108].

### f. Separazzjoni mill-aħwa tal-wild minuri

73. Il-qorti adita bi proċedimenti ta' ritorn, tista' tittratta affermazzjoni ta' riskju gravi li jirriżulta mill-possibbiltà ta' separazzjoni mill-aħwa f'każijiet fejn, pereżempju, wieħed mill-aħwa joġġezzjona li jiġi rritornat skont l-Artikolu 13(2), u l-qorti tikkunsidra li tirrifjuta r-ritorn ta' dak il-wild minuri fuq dik il-bażi[109]. Jew, f'xenarju ieħor, il-qorti ssib li wild minuri jitneħħa jew jinżamm b'mod illegali mill-ġenitur li ħataf lill-wild minuri flimkien ma' ħuh/oħtu minn żwieġ ieħor li għalihom ma jiġi ppreżentat l-ebda rikors għar-ritorn ta' The Hague jew li għalihom ma tapplikax il-Konvenzjoni (pereżempju, meta l-wild minuri jkun għalaq is-16-il sena jew meta l-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini ma jkollux drittijiet ta' kustodja kif definit fil-Konvenzjoni fir-rigward ta' dak il-wild minuri).

74. F'xi każijiet, is-separazzjoni tal-aħwa tista' tkun diffiċli u ta' tfixkil għal kull wild minuri. Il-fokus tal-analiżi skont l-Artikolu 13(1)(b), madankollu, huwa jekk is-separazzjoni taffetwax lill-wild minuri b'tali mod u sa punt li tikkostitwixxi riskju gravi mar-ritorn[110]. Din l-analiżi għandha ssir individwalment għal kull wild minuri,

---

108 Ara, pereżempju, *Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tal-Awtorità Ċentrali għas-Servizzi lill-Komunità* vs *J.C. u J.C. u T.C.*, il-11 ta' Lulju 1996, il-Qorti Plenarja tal-Qorti tal-Familja tal-Awstralja f'Sydney (l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 68]. Ara wkoll *G., P. C. c. H., S. M. s/ reintegro de hijos* (ara, *supra,* in-nota 81) fejn il-Qorti ddeċidiet li, jekk tippermetti li l-mekkaniżmu ta' ritorn jiġi ddiżattivat awtomatikament fuq is-sempliċi kunsiderazzjoni tar-rifjut tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri li jirritorna, is-sistema mfassla mill-komunità internazzjonali tkun qed tiġi soġġetta għall-volontà unilaterali tal-konvenut.

109 Ara, pereżempju, *Fil-kwistjoni ta' L.L. (Tfal)*, it-22 ta' Mejju 2000, il-Qorti tal-Familja ta' New York (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/USs 273].

110 Ara, pereżempju, *O.* vs *O.* 2002 SC 430, it-3 ta' Mejju 2002, il-Qorti Suprema Ċivili tal-Iskozja, Sede tal-Ewwel Istanza (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKs 507] fejn ġie affermat li r-ritorn lejn l-Irlanda kien se joħloq diffikultajiet għat-tfal, b'mod partikolari minħabba li kienu se jiġu sseparati mit-tliet ulied tas-sieħeb il-ġdid tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri, iżda ma ġie stabbilit l-ebda riskju gravi speċifiku jew finali ta' ħsara fiżika jew psikoloġika. Ara, ukoll, *Re T. (Ħtif: Oġġezzjonijiet tal-Wild Minuri għar-Ritorn)* [2000] 2 F.L.R. 192, it-18 ta' April 2000, il-Qorti tal-Appell (Ingilterra u Wales) (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 270] fejn il-Qorti ddeċidiet li r-ritorn tal-wild minuri ż-żgħir ikun ifisser li jitqiegħed f'sitwazzjoni intollerabbli. Hu u oħtu kienu għexu ġranet diffiċli flimkien, u kien jiddependi fuq oħtu li xi drabi kienet qisha "ommu ż-żgħira".

mingħajr ma tinbidel f'analiżi ta' "l-aħjar interessi".[111] Konsegwentement, is-separazzjoni tal-aħwa li tirriżulta min-nuqqas ta' ritorn ta' wild minuri wieħed (irrispettivament mill-bażi legali għan-nuqqas ta' ritorn) normalment ma tirriżultax f'determinazzjoni ta' riskju gravi għall-wild minuri l-ieħor.[112]

75. Kif iddikjarat fil-paragrafu 72**Error! Reference source not found.**, bħala regola, ġenitur m'għandux jitħalla, permezz ta' tneħħija jew żamma illegali, joħloq sitwazzjoni li hija potenzjalment ta' ħsara għall-wild minuri, u mbagħad jinqeda b'dik is-sitwazzjoni biex jasserixxi riskju gravi. Dan japplika mhux biss għal allegazzjoni ta' riskju gravi ta' ħsara bħala riżultat ta' separazzjoni ta' wild minuri minn ġenitur, iżda wkoll għal allegazzjonijiet li jikkonċernaw is-separazzjoni tal-aħwa. F'kull kawża, il-qrati għandhom għalhekk jikkunsidraw jekk l-allegazzjoni tal-possibbiltà ta' separazzjoni tal-aħwa permezz tar-ritorn ta' wieħed minnhom biss tirriżultax mill-azzjonijiet jew mill-imġiba tal-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri, pereżempju, fejn il-ġenitur li jkun ħataf lill-wild minuri essenzjalment jiddeċiedi li ma jirritornax lill-wild minuri li s-sitwazzjoni tiegħu mhijiex koperta mill-Konvenzjoni,[113] mhux minħabba li tali ritorn mhuwiex possibbli jew jista' jikkawża ħsara lil dak il-wild minuri, iżda sabiex jallega li hemm riskju gravi għall-wild minuri l-ieħor li s-sitwazzjoni tiegħu tinsab quddiem il-qorti abbażi ta' separazzjoni possibbli tal-aħwa jekk il-qorti tordna r-ritorn tal-wild minuri. F'kawżi bħal dawn, il-qrati għandhom ikunu partikolarment kawti fl-evalwazzjoni tal-allegazzjoni ta' riskju gravi sabiex ma jippermettux lill-ġenitur japprofitta minn sitwazzjoni li tirriżulta mill-azzjonijiet jew mill-imġiba tiegħu.[114]

76. F'kawża li tinvolvi, b'mod partikolari, il-possibbiltà ta' separazzjoni tal-aħwa, il-qrati għandhom jikkunsidraw ukoll li l-ordni tar-ritorn m'għandhiex għalfejn tirriżulta f'nuqqas ta' kuntatt bejn it-tfal jew twassal għal separazzjoni permanenti tal-aħwa.[115] Jista' jkun possibbli, jew bi ftehim jew b'ordni tal-qorti fl-Istat tar-residenza abitwali jew tal-qorti adita bil-proċedimenti ta' ritorn, li jinżamm kuntatt bejn l-aħwa, wiċċ imbwiċċ jew b'mezzi oħra. Il-qrati għandhom iżommu f'moħħhom li l-qrati tal-Istat tar-residenza abitwali ser ikollhom l-opportunità li jikkunsidraw fejn għandhom jirrisjedu l-aħwa u jekk għandhomx jgħixu flimkien, bħala parti minn evalwazzjoni sħiħa tal-aħjar interessi, fi kwalunkwe proċedimenti ta' kustodja mar-ritorn.

---

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti kkonkludiet li kien ġie stabbilit riskju gravi għall-wild minuri ż-żgħir.

111 *Chalkley* vs *Chalkley* (1995) ORFL (4th) 422, it-13 ta' Jannar 1995, il-Qorti tal-Appell ta' Manitoba, il-Kanada [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 14] fejn il-Qorti nnotat li l-Artikolu 13 japplika għal "wild minuri" li huwa s-suġġett ta' rikors għar-ritorn. Ma jirreferix għal "tfal" jew "aħwa".

112 Ara, pereżempju, *LM* vs *MM Nevo,* RFamA 2338/09, it-3 ta' Ġunju 2009, il-Qorti Suprema (l-Iżrael) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/IL 1037].

113 Ara, *supra*, il-paragrafu 73.

114 Ara, pereżempju, *DZ* vs *YVAMVD*, RFAmA 2270, it-30 ta' Mejju 2013, il-Qorti Suprema (l-Iżrael) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/IL/1211].

115 Ara, pereżempju, *K.M.A.* vs *Is-Segretarju għall-Ġustizzja* (ara*, supra,* in-nota 79).

# III

# Prattika tajba għall-qrati fil-kawżi taħt l-Artikolu 13(1)(b)

77. Kwalunkwe prattika tajba kondiviża f’din it-Taqsima tal-Gwida għandha tiġi kkunsidrata biss jekk tkun xierqa għal, u permessa taħt, il-liġijiet u l-proċeduri rilevanti tal-Parti Kontraenti individwali, u jekk titqies minn qorti bħala xierqa għal kawża speċifika.

## 1. Prinċipju ġenerali: ġestjoni effettiva tal-kawżi

78. L-iskop ta’ din it-Taqsima huwa li tiġi identifikata prattika tajba li hija maħsuba biex tiffaċilita l-kapaċità tal-qorti li tittratta affermazzjonijiet ta’ riskju gravi b’mod effettiv u b’mod iffokat u rapidu. Prattika tajba hija ppreżentata bħala parti mill-ġestjoni effettiva tal-kawżi fi sforz biex jiġi żgurat li l-proċedimenti jibqgħu ffokati fuq is-suġġett/il-kamp ta’ applikazzjoni limitat tal-proċedimenti ta’ ritorn, inkluża l-eċċezzjoni ta’ riskju gravi, u biex titħaffef is-soluzzjoni tal-kwistjoni.

79. Il-ġestjoni effettiva tal-kawżi tippermetti lill-qorti tissorvelja u tippjana l-ġestjoni u l-progress tal-kawża sabiex tiżgura li l-kawżi jkunu lesti biex jinstemgħu fil-pront, u li ma jkun hemm l-ebda dewmien bla bżonn fil-proċedimenti. Dan jinvolvi li l-qorti tikkomunika jew tiltaqa’ mal-partijiet u/jew mal-avukat tagħhom fl-istadji bikrija tal-proċedimenti ta’ ritorn, u matul il-proċedimenti kollha kif meħtieġ.

80. Il-ġestjoni tal-kawżi għandha tibda kmieni kemm jista’ jkun u tkompli mill-inqas sad-deċiżjoni dwar ir-ritorn jew anki, skont ir-rwol tal-qrati fl-istadju tal-eżekuzzjoni u, fejn xieraq, skont il-liġijiet u l-proċeduri nazzjonali, sakemm l-ordni tkun ġiet eżegwita jew implimentata b’mod ieħor. Hija r-responsabbiltà tal-imħallef li jiddisponi mill-proċedimenti stabbiliti skont il-Konvenzjoni malajr kemm jista’ jkun. Dan jinkludi li jagħti d-deċiżjoni mill-aktar fis possibbli u jieħu l-passi kollha biex jiżgura li l-ordnijiet magħmula jkunu f’forma li tiżgura li jidħlu fis-seħħ malajr kemm jista’ jkun.

81. Bħala parti mill-ġestjoni effettiva tal-kawżi, il-qorti għandha, fejn xieraq skont il-liġijiet u l-proċeduri rilevanti:

- tiżgura li l-kwistjonijiet jiġu identifikati fi stadju bikri sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu evidenza rilevanti;
- tikkunsidra jekk tistax tinkiseb informazzjoni jew assistenza mingħand l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest u/jew tal-Istat rikjedenti jew permezz tagħha dwar l-affermazzjonijiet taż-żewġ partijiet u/jew dwar id-disponibbiltà ta’ miżuri protettivi biex jiġi indirizzat ir-riskju gravi, kif ukoll biex jiġu ffaċilitati l-arranġamenti għar-ritorn tal-wild minuri;
- tikkunsidra jekk tistax tinkiseb informazzjoni jew assistenza permezz tal-IHNJ jew permezz ta’ komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti,[116] fejn disponibbli, rigward l-affermazzjonijiet taż-żewġ partijiet u/jew dwar id-disponibbiltà ta’ miżuri protettivi biex jiġi indirizzat ir-riskju gravi, kif ukoll biex jiġu ffaċilitati l-arranġamenti għar-ritorn tal-wild minuri.

116 Ara Emerging Guidance on Judicial Communications (*op. cit.* in-nota 1).

## 2. Prattiki tajbin ta’ ġestjoni tal-kawżi

### a. Identifikazzjoni bikrija tal-kwistjonijiet rilevanti

82. Huwa importanti li l-kwistjonijiet rilevanti jiġu identifikati b’mod preċiż bħala mezz biex jiġu limitati n-natura u l-ammont ta’ evidenza u argumenti li għandhom jiġu ppreżentati. Bħala parti mill-ġestjoni bikrija tal-kawżi,[117] l-imħallef għandu, fejn xieraq skont il-liġijiet u l-proċeduri rilevanti:

- jara x’ inhuma l-kwistjonijiet rilevanti;
- jidentifika l-kwistjonijiet ikkontestati u jiżgura li l-partijiet jillimitaw il-preżentazzjonijiet tagħhom għal dak li huwa rilevanti skont il-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-eċċezzjoni jekk tkun tqajmet;
- jidentifika liema informazzjoni/evidenza l-partijiet għandhom l-intenzjoni li jippreżentaw;
- jidentifika kwalunkwe fatt maqbul jew mhux ikkontestat.

### b. Soluzzjoni bonarja

83. Il-ġestjoni effettiva tal-kawżi tinvolvi li tiġi diskussa s-soluzzjoni tat-tilwima u li jiġu pprovduti opportunitajiet għall-partijiet biex isolvu t-tilwima tagħhom fi proċeduri li mhumiex proċedimenti tal-qorti[118]. Skont il-liġijiet, il-proċeduri u l-prattiki rilevanti ta’ kull Stat, il-medjazzjoni[119] jew forom oħra ta’ mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim jistgħu jkunu disponibbli biex jgħinu lill-ġenituri jaqblu dwar l-arranġamenti għar-ritorn jew in-nuqqas ta’ ritorn tal-wild minuri, u jekk xieraq, dwar kwistjonijiet sostantivi, li jistgħu jinkludu arranġamenti għar-rilokazzjoni tal-wild minuri lejn l-Istat rikjest u għall-kuntatt mal-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta’ oriġini. Bħala parti mill-ġestjoni bikrija tal-kawżi tal-proċedimenti ta’ ritorn, fejn hemm disponibbli l-medjazzjoni jew forom oħrajn ta’ mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-qorti għandha, fejn xieraq skont il-liġijiet u l-proċeduri rilevanti:

- tevalwa bir-reqqa, kif huwa meħtieġ b’mod ġenerali, jekk il-medjazzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta’ mekkaniżmu alternattiv ta’ soluzzjoni għat-tilwim humiex xierqa.[120]

---

117 F’ħafna ġurisdizzjonijiet, tiġi organizzata seduta preliminari biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

118 Pereżempju, fin-Netherlands, il-medjazzjoni bejn il-ġenitur li jaħtaf lill-wild minuri u l-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta’ oriġini hija inkorporata fil-proċedimenti tar-ritorn ta’ The Hague, ara K.L. Wehrung u R.G. de Lange-Tegelaar f'*The Judges’ Newsletter on International Child Protection,* Vol. XVI, Rebbiegħa 2010 (disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH fuq < www.hcch.net > taħt “Publications” u mbagħad “Judges’ Newsletter”), paġni 45-48.

119 Dwar il-medjazzjoni f’kawżi ta’ ħtif internazzjonali ta’ wild minuri, ara: HCCH, *Guide to Good Practice under the 1980 Hague Convention – Mediation* , The Hague, 2012 (minn hawn ’il quddiem, il-“Gwida għal Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni”) (disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-HCCH, ara l-indirizz indikat fin-nota 2).

120 B’mod ġenerali, huwa importanti li jiġi żgurat li l-involviment fil-medjazzjoni ma jirriżultax fi żvantaġġ għal xi waħda mill-partijiet u kull każ għandu jiġi evalwat rigward jekk huwiex xieraq għal medjazzjoni; Ara *ibid.*, *inter alia*, it-Taqsimiet 1.2 u 2.1 u l-Kapitolu 10.

Tali evalwazzjoni tista' tkun partikolarment importanti, fejn isiru affermazzjonijiet ta' riskju gravi minħabba vjolenza domestika jew fil-familja, biex jiġi stabbilit jekk il-każ partikolari huwiex xieraq għal medjazzjoni;[121]

– tinkoraġġixxi lill-partijiet jikkunsidraw il-medjazzjoni jew forom oħrajn ta' mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim;
– tiżgura li l-medjazzjoni jew kwalunkwe forma oħra ta' mekkaniżmu alternattiv għas-soluzzjoni tat-tilwim, meta jitqiesu xierqa u fejn tkun disponibbli l-kompetenza meħtieġa, ma ddewwimx bla bżonn il-kontinwazzjoni u l-konklużjoni f'waqtha tal-proċedimenti ta' ritorn billi tistabbilixxi skadenzi stretti.[122] Pereżempju, jekk il-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini jkun beħsiebu jattendi personalment is-seduta ta' smigħ fil-qorti, il-preżenza tiegħu fl-Istat rikjest tista' tintuża biex issir medjazzjoni f'perjodu ta' żmien qasir ħafna qabel is-seduta tal-qorti. Il-medjaturi li joffru l-assistenza tagħhom f'kawżi bħal dawn għandhom ikunu lesti li jkunu disponibbli fi żmien qasir ħafna.

Wara evalwazzjoni ġudizzjarja preliminari, l-evalwazzjoni dettaljata tal-idoneità għall-medjazzjoni għandha ssir minn medjaturi kwalifikati.

### c. Il-parteċipazzjoni tal-partijiet fil-proċedimenti

84. L-iżgurar tal-ġustizzja sabiex il-partijiet kollha, irrispettivament mir-rappreżentanza legali, ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ u jippreżentaw l-informazzjoni/l-evidenza kollha b'mod effettiv mingħajr dewmien żejjed huwa fattur ewlieni tal-ġestjoni effettiva tal-kawżi. Kemm jista' jkun malajr, u fejn xieraq skont il-liġijiet u l-proċeduri rilevanti, il-qorti għandha b'mod partikolari:

---

121 Xi Stati ma jippermettux medjazzjoni fi kwalunkwe każ fejn tiġi allegata vjolenza domestika (irrispettivament minn jekk jintweriex li l-allegazzjoni hija vera jew le) jew jippermettu medjazzjoni f'dawn il-każijiet soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Fi Spanja, pereżempju, skont il-*Ley Orgánica 1/2004*, il-medjazzjoni ma ssirx f'kawżi fejn tiġi affermata l-eżistenza ta' vjolenza domestika. Fl-Istati Uniti tal-Amerka, kull stat għandu regoli differenti li jirregolaw il-medjazzjoni li jistgħu jinkludu regoli dwar it-trattament ta' kawżi li jinvolvu affermazzjonijiet b'rabta mal-vjolenza domestika; ċerti programmi ta' medjazzjoni ma jagħmlux medjazzjoni f'kawżi li jinvolvu vjolenza domestika serja. Ara t-Taqsima 19.4 tal-Profili tal-Pajjiżi ta' Spanja u tal-Istati Uniti tal-Amerka (*op. cit.* in-nota 39). Ara wkoll il-Gwida għal Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni (*op. cit.* in-nota 119), Kapitolu 10, il-paragrafu 266.

122 Ara wkoll il-Gwida għall-Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni (*ibid*.), Taqsima 2.1. Ara wkoll il-"Conclusions and Recommendations of the Fourth Meeting of the Special Commission to review the operation of the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction (22-28 March 2001)", K & R Nru 1.11 li tgħid li "[i]l-miżuri użati sabiex tingħata assistenza ħalli jiġi żgurat ir-ritorn volontarju tal-wild minuri jew sabiex tinkiseb soluzzjoni bonarja tal-kwistjonijiet ma għandhiex tirriżulta f'dewmien żejjed fil-proċeduri ta' ritorn" , li ġie affermat mill-ġdid fil-"Conclusions and Recommendations of the Fifth Meeting of the Special Commission to review the operation of the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction and the practical implementation of the Hague Convention of 19 October 1996 on jurisdiction, applicable law, recognition, enforcement and co-operation in respect of parental responsibility and measures for the protection of children (30 October – 9 November 2006) ", K & R Nru 1.3.1. Il-konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kummissjoni Speċjali għar-reviżjoni tal-operazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1980 huma disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH (ara l-indirizz indikat fin-nota 17).

- taċċerta ruħha li l-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta’ oriġini ġie mgħarraf bin-natura tal-affermazzjonijiet ta’ riskju gravi kemm permezz tal-motivi tal-parti li qed topponi r-ritorn jew permezz ta’ avukat jew jekk ikun xieraq, l-Awtorità Ċentrali, u li jista’ jipparteċipa fil-proċedimenti b’mod li tiddetermina l-qorti;[123]
- taċċerta jekk il-ġenitur li tħalla fil-pajjiż ta’ oriġini hux ser jidher personalment u/jew ser jiġi rrappreżentat minn avukat, speċjalment jekk ir-rikorrent huwa l-Awtorità Ċentrali jew, fejn applikabbli, il-prosekutur pubbliku;
- tiddetermina l-proċedura, jekk mhux diġà stabbilita fil-leġiżlazzjoni, li biha l-partijiet se jaraw, jiskambjaw u jservu d-dokumenti, fejn applikabbli.

85. Ir-rappreżentanza legali, speċjalment minn avukati speċjalizzati, hija dejjem ta’ għajnuna iżda jekk il-partijiet għall-proċedimenti ta’ ritorn humiex meħtieġa jkunu rrappreżentati legalment, u jekk għajnuna legali jew rappreżentanza *pro bono* tkunx disponibbli, jiddependi fuq il-liġijiet u l-prattiki nazzjonali rilevanti[124].

### d. Il-parteċipazzjoni tal-wild minuri fil-proċedimenti

86. Mill-adozzjoni tal-Konvenzjoni ’l hawn, kien hemm bidliet fl-oqfsa legali internazzjonali. Pereżempju, fil-livell globali, l-adozzjoni tal-UNCRC affettwat kwistjonijiet bħall-parteċipazzjoni tat-tfal fil-proċedimenti ta’ ritorn skont il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 fil-ġurisdizzjonijiet li huma wkoll Parti għall-UNCRC, inkluż fejn titqajjem l-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b).[125]

---

123 Hemm vantaġġi li ż-żewġ partijiet ikunu preżenti; jekk ma jkunx possibbli, xi ġurisdizzjonijiet jipprevedu mezzi oħra ta’ komunikazzjoni, bħal vidjokonferenza, soġġett għal-liġijiet u l-proċeduri rilevanti tal-Istati kkonċernati.

124 Ara l-Artikolu 26, kif ukoll it-tabella tal-istatus għall-Istati li għamlu riżerva għal dan l-Artikolu, f’konformità mal-Artikolu 42, u għalhekk mhumiex obbligati jipprovdu assistenza legali mingħajr ħlas ħlief sa fejn dan ikun ipprovdut mis-sistema ta’ għajnuna legali rilevanti. Il-Konvenzjoni tipprovdi fl-Artikolu 7(2)(g) li l-Awtoritajiet Ċentrali, jew direttament jew permezz ta’ kwalunkwe intermedjarju, għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa “fejn iċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, biex jipprovdu jew jiffaċilitaw l-għoti ta’ għajnuna u pariri legali, inkluża l-parteċipazzjoni ta’ avukati u konsulenti”. Għal aktar informazzjoni, ara, pereżempju, il-Guide to Good Practice on Central Authority Practice (*op. cit.* in-nota 2), Taqsima 4.13. Fi kwalunkwe każ, il-qrati jridu jiżguraw li kull parti tingħata opportunità ġusta li tipproduċi u tikkontesta l-evidenza u li l-motivi tagħhom jiġu kkunsidrati mill-qorti, irrispettivament minn jekk il-parti hijiex legalment irrappreżentata jew le. Informazzjoni dwar ir-rappreżentanza u l-assistenza legali fir-rigward tar-rikorsi ta’ ritorn hija inkluża fil-Profili tal-Pajjiżi (*op. cit.*, in-nota 39), Taqsima 8.

125 Ara, pereżempju, l-Artikolu 12 tal-UNCRC. Fil-livell reġjonali, l-adozzjoni tar-Regolament Brussell IIa fl-Unjoni Ewropea (UE) tippreskrivi l-mod kif il-proċedimenti ta’ ritorn għandhom isiru fi ħdan l-Istati Membri tal-UE fejn japplika r-Regolament (ara: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta’ Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta’ sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 Ara b’mod partikolari l-Artikolu 11 tar-Regolament. Ir-Regolament Brussell IIa japplika direttament fil-pajjiżi kollha tal-UE, bl-eċċezzjoni tad-Danimarka. Ir-Regolament ġie rivedut u ssostitwit bir-Regolament (UE) Nru 2019/1111 tal-25 ta’ Ġunju 2019 (ara, *supra,* in-nota 64). Ir-riformulazzjoni kompliet issaħħaħ id-dritt tat-tfal li jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom.).

87. Jekk, u l-mod kif, il-wild minuri jinstema', u kif l-opinjonijiet tiegħu jinkisbu u jinġiebu quddiem il-qorti, ivarja skont il-proċeduri u l-prattiki interni tal-Partijiet Kontraenti. F'xi Stati, il-wild minuri jinstema' direttament mill-qorti u fi Stati oħrajn il-wild minuri jiġi intervistat minn espert li mbagħad jirrapporta l-fehmiet tal-wild minuri lill-qorti. F'tali każijiet, il-persuna li tkun qed tisma' jew tintervista lill-wild minuri għandu jkollha l-kwalifiki xierqa għal dan il-kompitu u għandu jkollha għarfien speċifiku dwar il-Konvenzjoni tal-1980, il-proċedimenti ta' ritorn u l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b).[126]

88. Bħala parti mill-ġestjoni effettiva tal-kawżi, il-qorti għandha, fejn xieraq skont il-liġijiet u l-proċeduri rilevanti:

89.

- tikkunsidra, fejn disponibbli u xieraq, il-ħatra ta' rappreżentant separat għall-wild minuri;[127]
- tinforma jew tinkoraġġixxi lill-partijiet, lir-rappreżentant separat għall-wild minuri jew espert maħtur biex jinformaw lill-wild minuri dwar il-proċess li jkun għaddej u l-konsegwenzi possibbli fil-ħin u b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-maturità tal-wild minuri;
- tikkunsidra, meta tikseb l-opinjonijiet tal-wild minuri, għodod bħar-rapporti tal-familja (imfassla apposta għall-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-proċedimenti ta' ritorn) imħejjija minn esperti kkwalifikati kif xieraq biex jgħinu lill-qorti fid-determinazzjoni ta' x'piż għandu jingħata lill-fehmiet tal-wild minuri;
- tiżgura, meta tittieħed deċiżjoni biex jinkisbu l-fehmiet tal-wild minuri, li l-proċess biex jinkisbu l-fehmiet tal-wild minuri ma jikkawżax dewmien żejjed fil-kunsiderazzjoni tal-kawża fil-proċedimenti ta' ritorn billi tistabbilixxi skadenzi stretti.

### e. Evidenza

90. Wieħed mill-għanijiet ġenerali tal-ġestjoni effettiva tal-kawżi huwa li evidenza rilevanti biss tiġi aċċettata mill-qorti, u li l-ġbir tal-informazzjoni u l-produzzjoni tal-evidenza ma jikkawżawx dewmien bla bżonn. Il-prattika tajba stabbilita f'din it-Taqsima hija maħsuba biex tgħin lill-qorti biex tilħaq dawn l-għanijiet.

---

[126] Ara wkoll Conclusions and Recommendations of the Sixth Meeting of the Special Commission on the practical operation of the 1980 and 1996 HCCH Conventions (ara l-indirizz indikat fin-nota 17).

[127] Fin-Netherlands, prattika permanenti bbażata fuq l-Artikolu 250 tal-Ktieb 1 tal-Kodiċi Ċivili issa hija li jinħatar "tutur *ad litem*" f'kull kawża taħt il-Konvenzjonijiet tal-HCCH li tinvolvi tfal mill-età ta' tliet snin. Dan it-tutur *ad litem*, ġeneralment psikologu (tat-tfal) u/jew medjatur irreġistrat, jirrappreżenta lill-wild minuri matul il-proċedura riżultanti (l-ewwel istanza u appell) billi jesprimi l-opinjoni tal-wild minuri u jevalwa l-maturità tiegħu u sa liema punt il-wild minuri jidher li jħossu liberu li jesprimi ruħu. L-istess prattika sseħħ fil-Ġermanja, fejn "*Verfahrensbeistand*" (kuratur *ad litem*) jinħatar b'mod regolari fi proċedimenti taħt il-Konvenzjoni tal-1980 skont l-Artikolu 158 tal-Att dwar il-Proċedimenti fi Kwistjonijiet tal-Familja u fi Kwistjonijiet ta' Ġurisdizzjoni mhux Kontenzjuża.

### f. Perizja

91. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-perizja, l-użu tagħha għandu jkun limitat biex ikun konsistenti man-natura u l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-eċċezzjoni tar-riskju gravi. Bħala parti minn prattika tajba ta' ġestjoni tal-kawżi, il-qorti għandha, fejn xieraq skont il-liġijiet u l-proċeduri rilevanti, u fejn xieraq fil-kawża speċifika:

- tikkunsidra li tistabbilixxi lista ta' esperti xierqa li għandhom għarfien dwar il-Konvenzjoni, il-proċedimenti ta' ritorn u n-natura speċifika tal-eċċezzjoni tar-riskju gravi, u ta' min minnhom ikun disponibbli fi żmien qasir;
- tinkoraġġixxi, fejn iż-żewġ partijiet ikollhom l-intenzjoni li jipproduċu perizja, li jintuża espert wieħed ikkwalifikat kif xieraq li jkun hemm qbil konġunt fuqu jew li jinħatar mill-qorti skont kif applikabbli, aktar milli kull parti li tressaq espert;
- tevalwa/tikkunsidra, mal-partijiet u mal-ewwel opportunità, jekk kwistjoni relatata mal-allegazzjonijiet ta' riskju gravi teħtieġx opinjoni esperta/perizja; jekk l-opinjoni esperta titqies neċessarja:
    - tidentifika l-mistoqsijiet speċifiċi li dwarhom qed tintalab il-perizja, pereżempju, permezz ta' ittra ta' struzzjoni, ordni tal-qorti jew briefing;
    - tfakkar lill-partijiet u lill-espert dwar il-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-proċedimenti ta' ritorn u l-fokus limitat tal-eċċezzjoni ta' riskju gravi, u dwar il-ħtieġa li jiġu strettament limitati l-mistoqsijiet li dwarhom jistgħu jkunu jixtiequ jippreżentaw opinjoni esperta/perizja;
    - tistabbilixxi l-iskadenza sa meta għandha tingħata l-perizja lill-qorti u/jew lill-partijiet, kif xieraq, verbalment jew bil-miktub biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda dewmien żejjed;
    - meta l-qorti jkollha s-setgħa li taħtar l-espert, tagħżel espert xieraq u tiżgura li tingħatalu l-informazzjoni rilevanti; u
    - tiffissa data biex tkompli s-smigħ tal-kawża, u tiżgura li l-espert ikun disponibbli dakinhar biex jipprovdi evidenza u informazzjoni, jekk ikun meħtieġ;
- tikkunsidra l-possibbiltà li l-espert jirrapporta verbalment personalment jew b'konnessjoni awdjo jew awdjoviżiva minflok bil-miktub biex jiġi evitat dewmien bla bżonn fil-proċedimenti.

### g. Assistenza minn Awtoritajiet Ċentrali u komunikazzjonijiet ġudizzjarja diretti

92. F’konformità mal-liġijiet u l-proċeduri rilevanti u fejn jitqies xieraq fl-evalwazzjoni tal-affermazzjonijiet ta’ riskju gravi, il-qrati jistgħu jfittxu informazzjoni addizzjonali permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali sabiex jifhmu aħjar il-qafas legali jew is-sistema ta’ protezzjoni tal-wild minuri fis-seħħ fl-Istat tar-residenza abitwali, jew biex jiċċaraw ċerti affermazzjonijiet ta’ fatti[128]. Il-qrati jkunu jistgħu wkoll jistaqsu b’mod speċifiku għal informazzjoni disponibbli dwar l-isfond soċjali tal-wild minuri permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali. Madankollu, huma għandhom jevitaw li jitolbu lill-Awtoritajiet Ċentrali biex iwettqu inkjesti jew investigazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-funzjonijiet u s-setgħat tagħhom (ara t-Taqsima IV).

Il-qrati jistgħu wkoll jiksbu informazzjoni rilevanti billi jibdew komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti permezz ta’ kuntatt ma’ imħallfin oħra fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom jew imħallfin f’Partijiet Kontraenti oħra. F’dan l-aħħar każ, il-qrati jistgħu jirrikorru għall-IHNJ, network magħmul minn membru wieħed jew aktar tal-ġudikatura tal-Partijiet Kontraenti. L-IHNJ jiffaċilita l-komunikazzjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-imħallfin fil-livell internazzjonali, sabiex jgħin fl-operazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni. L-imħallfin jistgħu jivverifikaw fuq is-sit web tal-HCCH jekk hemmx imħallef fil-ġurisdizzjoni tagħhom maħtur għall-IHNJ[129]. Jekk iva, l-imħallfin għandhom jikkuntattjaw lill-membru tal-IHNJ tagħhom sabiex jibdew komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti permezz tan-network, u/jew jiksbu appoġġ sabiex jagħmlu dan. L-imħallfin li jikkontemplaw li jibdew komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti huma mistiedna jikkonsultaw id-dokument Emerging Guidance and General Principles for Judicial Communications, ippubblikat mill-HCCH[130]. Jekk ikun xieraq taħt il-liġijiet u l-proċeduri rilevanti, l-Awtoritajiet Ċentrali jistgħu wkoll ikunu f’pożizzjoni li jiffaċilitaw il-komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti.

---

128 Ara, pereżempju, *Kovacs* vs *Kovacs* (2002), 59 O.R. (3d) 671 (Sup. CT.), it-23 ta’ April 2002, il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta’ Ontario (il-Kanada) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/CA 760] fejn il-Qorti ordnat lill-avukati tal-partijiet biex jagħmlu talba konġunta lill-Awtorità Ċentrali Federali Kanadiża għall-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 biex tieħu l-aktar passi effettivi disponibbli fl-Istat tar-residenza abitwali sabiex tiddetermina jekk ir-rikorrent instabx ħati u jekk ġiex ikkundannat u jekk is-sentenza li tirrispetta l-kundanna kinitx awtentika. Ara wkoll: *M.G.* vs *R.F.*, 2002 R.J.Q. 2132, it-23 ta’ Awwissu 2002, il-Qorti tal-Appell ta' Quebec (il-Kanada) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/CA 762] fejn il-Qorti semgħet mingħand l-avukat li kien qed jaġixxi għall-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest li l-għajnuna finanzjarja mħallsa mill-Istat rikjest kienet se tibqa’ disponibbli għall-ġenitur li ħataf lill-wild minuri anki jekk il-ġenitur li ħataf lill-wild minuri kellu joħroġ mill-ġurisdizzjoni għal perjodu massimu ta’ sitt xhur, u b’hekk xejjen l-allegazzjonijiet tal-ġenitur li ħataf lill-wild minuri li kien hemm nuqqas ta’ riżorsi finanzjarji u ta’ riżorsi oħrajn.

129 Ara l-Lista tal-Membri tal-IHNJ, disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH (indirizz indikat fin-nota 34).

130 Ara l-Emerging Guidance on Judicial Communications (*op. cit.* in-nota 1).

# IV

# Prattika Tajba għall-Awtoritajiet Ċentrali fil-kawżi taħt l-Artikolu 13(1)(b)

93. Kwalunkwe prattika tajba kondiviża f'din it-Taqsima għandha tiġi kkunsidrata biss jekk ikun permess mil-liġijiet u l-proċeduri rilevanti tal-Parti Kontraenti individwali. Barra minn hekk, il-prattika tajba kondiviża f'din it-Taqsima m'għandhiex tiġi interpretata bħala li timponi xi obbligi mandatorji fuq l-Awtoritajiet Ċentrali tal-Partijiet Kontraenti lil hinn minn dawk previsti fil-Konvenzjoni (l-Artikolu 7).

## 1. Dmirijiet ġenerali tal-Awtoritajiet Ċentrali – kooperazzjoni u għoti ta' informazzjoni

94. Funzjoni importanti tal-Awtorità Ċentrali hija li tieħu l-miżuri xierqa kollha biex tiffaċilita l-istabbiliment ta' proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi bil-ħsieb li jinkiseb ir-ritorn sikur tal-wild minuri (l-Artikolu 7(2)(f) u (h)). Il-mod kif l-Awtorità Ċentrali tissodisfa dan id-dmir ivarja f'kull Parti Kontraenti skont ir-rwol mogħti lilha fl-Istat tagħha u l-funzjonijiet u l-poteri pprovduti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li taħtha hija stabbilita. Differenza notevoli hija li, f'xi Stati, l-Awtorità Ċentrali jew prosekutur pubbliku jibdew il-proċedimenti ta' ritorn billi jippreżentaw rikors quddiem il-qorti, filwaqt li fi Stati oħra, il-ġenitur li jitħalla fil-pajjiż ta' oriġini jressaq ir-rikors quddiem il-qorti.

95. Bħala parti mir-responsabbiltajiet tagħhom, l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom ukoll id-dmir li jikkooperaw ma' xulxin u li jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet interni biex jiżguraw ir-ritorn immedjat tal-wild minuri (l-Artikolu 7(1)). F'kawżi fejn tkun tqajmet l-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(1)(b), tali kooperazzjoni tista', b'mod partikolari, tippermetti lill-Awtoritajiet Ċentrali jirrispondu malajr għat-talbiet mill-qorti biex jipprovdu informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' miżuri protettivi biex il-wild minuri jiġi protett mir-riskju gravi, soġġett għal-liġijiet rilevanti. Fejn rilevanti, xieraq u permess mil-liġi, l-Awtoritajiet Ċentrali jistgħu wkoll jiskambjaw informazzjoni dwar l-isfond soċjali tal-wild minuri (l-Artikolu 7(2)(d)).

## 2. Rwol limitat tal-Awtoritajiet Ċentrali rigward l-eċċezzjoni ta' riskju gravi

96. L-evalwazzjoni ta' kwistjonijiet fattwali u legali, inklużi kwalunkwe affermazzjoni taħt l-Artikolu 13(1)(b), hija kwistjoni esklużiva tal-qorti li tiddeċiedi dwar ir-rikors għar-ritorn.[131] Dan huwa importanti biex jiġi definit dak li *mhuwiex* ir-rwol tal-

---

[131] Ara t-"Table of Conclusions and Recommendations of previous Meetings of the Special Commission (SC) on the 1980 Child Abduction Convention and the 1996 Child Protection Convention (1989 (1st SC), 1993 (2nd SC), 1997 (3rd SC), 2001 (4th SC), 2002 (follow-up SC), 2006 (5th SC), 2011-2012 (6th SC))" , Dok. Prel. Nru 6 ta' Lulju 2017 għall-attenzjoni tas-Seba' Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar l-operazzjoni prattika tal-Konvenzjoni tal-1980 dwar il-Ħtif ta' wild minuri u tal-Konvenzjoni tal-1996 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal (Ottubru 2017), Partita Nru 38, "Il-Kummissjoni Speċjali terġa' tenfasizza li – (a) fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-aċċettazzjoni ta' rikorsi, l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jirrispettaw il-fatt li l-evalwazzjoni ta' kwistjonijiet fattwali u legali (bħar-residenza abitwali, l-eżistenza ta' drittijiet ta' kustodja, jew allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika) hija, b'mod ġenerali, kwistjoni tal-qorti jew ta' awtorità kompetenti oħra li tiddeċiedi dwar ir-rikors għar-ritorn; (b) […]" , ara 2011 SC K & R Nru 13 & 2006 SC K & R Nru 1.1.3 (disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH, indirizz indikat fin-nota 17).

Awtorità Ċentrali: mhuwiex il-kompitu tal-Awtorità Ċentrali li tevalwa l-affermazzjonijiet taħt l-Artikolu 13(1)(b) jew li taġixxi fuq kwalunkwe evalwazzjoni tal-affermazzjonijiet.[132] Għalhekk, l-Awtorità Ċentrali għandha tkun attenta li ma ddewwimx il-proċedimenti billi tieħu inizjattivi li ma jkunux meħtieġa, b'mod partikolari fi Stati fejn l-Awtorità Ċentrali stess jew aġent ikunu inkarigati li jagħtu bidu għall-proċedimenti quddiem il-qorti. Jekk ikun fi ħdan il-funzjonijiet u s-setgħat tagħha, u mingħajr ma jinħoloq dewmien għall-bidu tal-proċedura ġudizzjarja, l-Awtorità Ċentrali għandha, madankollu, tieħu passi minn kmieni fil-proċess ta' ritorn biex tiġbor informazzjoni li x'aktarx tkun meħtieġa jew mitluba biex tassisti lill-qorti fil-pront u biex tevita li l-proċedimenti jiġu differiti sabiex tinġabar din l-informazzjoni.

## 3. Prattika tajba għall-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti

97. Bħala kwistjoni ta' prattika tajba, fejn mitluba tagħmel dan u kif xieraq skont il-liġijiet u l-proċeduri rilevanti, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti għandha tkun lesta li:

– tipprovdi informazzjoni dwar il-liġijiet u l-proċeduri fil-ġurisdizzjoni tagħha stess;
– tipprovdi rapport dwar l-isfond soċjali tal-wild minuri, sakemm ikun rilevanti, xieraq u permess mil-liġi li din l-informazzjoni tiġi kondiviża;
– tipprovdi informazzjoni fattwali permezz ta' risposta, fejn rilevanti, xieraq, u permess mil-liġi, dwar ċirkostanzi partikolari fl-Istat rikjedenti, jekk din tintalab;
– tipprovdi informazzjoni, jekk din tkun mitluba, dwar il-forniment ta' arranġamenti amministrattivi, u tiffaċilitah, kif jista' jkun meħtieġ u xieraq biex jiġi żgurat ir-ritorn sikur tal-wild minuri;
– taġixxi fl-iqsar żmien possibbli u tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tirrispetta l-iskadenzi identifikati mill-qorti sabiex ma tikkawżax dewmien bla bżonn; tipprovdi informazzjoni, jekk tiġi mitluba, lill-awtoritajiet fl-Istat rikjedenti sabiex tiffaċilita, sa fejn ikun possibbli, l-effettività tal-miżuri protettivi, bħan-notifika tal-wasla imminenti tal-wild minuri lill-awtoritajiet rilevanti tal-assistenza soċjali għal azzjoni meħtieġa biex jiġi indirizzat ir-riskju gravi.

---

132 L-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni, li jagħti diskrezzjoni limitata ħafna lill-Awtorità Ċentrali li ma taċċettax rikors għal ritorn, għalhekk m'għandux jiġi interpretat b'mod li jippermetti lill-Awtorità Ċentrali tirrifjuta li taċċetta rikors għal ritorn abbażi ta' allegazzjoni ta' riskju gravi.

## 4. Prattika tajba għall-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest

98. Bħala kwistjoni ta’ prattika tajba, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest għandha tkun lesta, fejn xieraq taħt il-liġijiet u l-proċeduri rilevanti, li:

- tinforma lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti immedjatament dwar kwalunkwe informazzjoni mitluba mill-qorti u dwar l-iskeda ta’ żmien stabbilita mill-qorti għall-għoti ta’ din l-informazzjoni;
- tinforma lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti b’mod regolari u kif meħtieġ dwar kwistjonijiet rilevanti inklużi l-progress u l-eżiti, kif ukoll kwalunkwe rekwiżit stabbilit mill-qorti b’rabta mal-ordni għar-ritorn tal-wild minuri, ordnijiet mera jew ordnijiet oħrajn għall-protezzjoni tal-wild minuri minn riskju gravi u li jiffaċilitaw ir-ritorn sikur ta’ wild minuri;
- taġixxi fl-iqsar żmien possibbli u tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tirrispetta l-iskadenzi identifikati mill-qorti sabiex ma tikkawżax dewmien bla bżonn.



# V

## Rižorsi utli

99. Sabiex jiksbu u jtejbu l-għarfien u l-fehim tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b), il-qrati, l-Awtoritajiet Ċentrali u oħrajn jistgħu jirreferu għar-riżorsi li ġejjin.

## 1. Ir-Rapport ta’ Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980

100. Ir-Rapport ta’ Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni[133] li, fost affarijiet oħra, jipprovdi informazzjoni dwar il-ħidma preparatorja u ċ-ċirkostanzi tal-konklużjoni tal-Konvenzjoni, jista’ jintuża bħala mezz supplimentari ta’ interpretazzjoni tal-Konvenzjoni[134].

## 2. Il-*Proċedimenti tal-Erbatax-il Sessjoni* (1980)

101. Il- Proċedimenti tal-Erbatax-il Sessjoni[135], li jinkludu r-Rapport ta’ Spjegazzjoni, jinkludu wkoll il-ħidma preparatorja kollha li wasslet għall-adozzjoni tat-test tal-Konvenzjoni bħal Dokumenti Preliminari, Dokumenti ta’ Ħidma mħejjija mid-delegazzjonijiet li attendew is-Sessjoni u l-minuti tal-laqgħat tas-Sessjoni. Dawn id-dokumenti jistgħu jintużaw bħala mezz supplimentari ta’ interpretazzjoni tal-Konvenzjoni[136].

## 3. Il-Bażi tad-*Data* dwar il-Ħtif Internazzjonali ta’ wild minuri (INCADAT)

102. INCADAT[137] ġiet stabbilita biex tiffaċilita l-fehim reċiproku u interpretazzjoni aktar konsistenti tal-Konvenzjoni. Hija disponibbli online mingħajr ħlas bl-Ingliż, bil-Franċiż u bl-Ispanjol. INCADAT fiha sommarji u t-testi sħaħ ta’ deċiżjonijiet sinifikanti minn madwar id-dinja rilevanti għall-ħtif internazzjonali ta’ wild minuri. Hija tipprovdi wkoll kompendji ta’ analiżi legali konċiża dwar kwistjonijiet, inkluż l-Artikolu 13(1)(b), li ħafna drabi huma s-suġġett ta’ litigazzjoni u interpretazzjoni ġudizzjarja fi proċedimenti ta’ ritorn[138].

---

133 *Op. cit*. in-nota 10.

134 Ara l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta’ Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tat-23 ta’ Mejju tal-1969.

135 *Op. cit.* in-nota 10.

136 Ara l-Artikolu 32 tal-Konvenzjoni ta’ Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tat-23 ta’ Mejju tal-1969.

137 Disponibbli fuq < www.incadat.com >.

138 Għal analiżi tal-Artikolu 13(1)(b), ara s-sit web tal-HCCH fuq < www.hcch.net > taħt “Child Abduction” imbagħad “The Convention”, imbagħad “Case Law Analysis”, imbagħad “Exceptions to Return” u mbagħad “Grave Risk of Harm”.

## 4. Il-Gwidi għal Prattika Tajba ppubblikati mill-HCCH

103. Minbarra din il-Gwida, l-HCCH ippubblikat Gwidi għal Prattika Tajba[139] oħrajn li jappartjenu għall-Konvenzjoni, li jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-qrati, għall-Awtoritajiet Ċentrali u għal oħrajn fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b):

- Guide to Good Practice under the 1980 Hague Child Abduction Convention: Part I – Central Authority Practice;
- Guide to Good Practice under the 1980 Hague Child Abduction Convention: Part II – Implementing Measures;
- Guide to Good Practice under the 1980 Hague Child Abduction Convention: Part III – Preventive Measures;
- Guide to Good Practice under the 1980 Hague Child Abduction Convention: Part IV – Enforcement;
- Guide to Good Practice under the 1980 Hague Child Abduction Convention: Part V – Mediation; u
- Transfrontier Contact Concerning Children – General Principles and Guide to Good Practice.

## 5. In-Network Internazzjonali tal-Imħallfin ta' The Hague (IHNJ)

104. Il-ħolqien tal-IHNJ li jispeċjalizza fi kwistjonijiet tal-familja kien propost għall-ewwel darba fis-Seminar De Ruwenberg tal-1998 għall-Imħallfin dwar il-protezzjoni internazzjonali tat-tfal. Ġie rrakkomandat li l-awtoritajiet rilevanti (pereżempju, il-presidenti tal-qrati jew uffiċjali oħrajn kif xieraq fi ħdan il-kulturi legali differenti) fil-ġurisdizzjonijiet differenti jaħtru membru wieħed jew aktar tal-ġudikatura biex jaġixxu bħala mezz ta' komunikazzjoni u kollegament mal-Awtoritajiet Ċentrali nazzjonali tagħhom, ma' mħallfin oħra fil-ġurisdizzjoni tagħhom u ma' mħallfin f'Partijiet Kontraenti oħra, fir-rigward, tal-inqas inizjalment, ta' kwistjonijiet rilevanti għall-Konvenzjoni tal-1980. L-IHNJ jiffaċilita l-komunikazzjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-imħallfin fil-livell internazzjonali bil-ħsieb li jiżgura l-operazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni. L-imħallfin huma mistiedna jirreferu għal-Lista tal-Membri tal-IHNJ, disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH[140].

---

139 Dawn il-pubblikazzjonijiet kollha huma disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH fuq < www.hcch.net > taħt "Publications" u mbagħad "Guides to Good Practice".

140 Ara l-Lista tal-Membri tal-IHNJ, disponibbli fuq is-sit web tal-HCCH (ara l-indirizz indikat fin-nota 34.

## 6. *The Judges' Newsletter* on International Child Protection

105. *The Judges' Newsletter* jiggarantixxi ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali tat-tfal. Dan ġie ppubblikat għall-ewwel darba mill-HCCH fl-1999.Attwalment, il-Bullettin jiġi ppublikat kull sentejn[141].

## 7. Dokumenti mħejjija mill-awtoritajiet nazzjonali

106. Matul is-snin, l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali ppubblikaw kotba dwar proċeduri legali għall-imħallfin u dokumenti simili biex jassistu lill-qrati li jittrattaw dawn il-kawżi kumplessi, pereżempju:

- il-ktieb elettroniku dwar proċeduri legali għall-imħallfin ippubblikat min-National Judicial Institute of Canada (l-Istitut Ġudizzjarju Nazzjonali tal-Kanada)[142];
- the National Domestic and Family Violence Bench Book of Australia[143];
- il-Protokoll Arġentin għall-Operazzjoni tal-Konvenzjonijiet dwar il-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri[144];
- il-gwida elettronika ppubblikata mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġeneral tal-Brażil[145].

---

[141] Il-volumi kollha ta' *The Judges' Newsletter* huma disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż, u ċerti volumi huma disponibbli wkoll bl-Ispanjol, fuq is-sit web tal-HCCH (ara l-indirizz indikat fin-nota 118). Il-Volum V ta' *The Judges' Newsletter* iffoka b'mod speċjali fuq l-Artikolu 13(1)(b).

[142] The 1980 Hague Convention on the Civil Aspects of International Child Abduction , Ktieb Elettroniku dwar Proċeduri Legali għall-Imħallfin, l-Istitut Ġudizzjarju Nazzjonali, aġġornat f'Mejju 2018.

[143] Dan il-ktieb elettroniku dwar proċeduri legali għall-imħallfin huwa disponibbli fuq: < https://aija.org.au/publications/national-domestic-and-family-violence-bench-book/ > (ikkonsultat l-aħħar fil-5 ta' Frar 2020).

[144] *Protocolo de actuación para el funcionamiento de los convenios de sutracción internacional de niños*, approvat fit-28 ta' April 2017. Il-Protokoll huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Qorti Suprema tal-Arġentina fuq: < http://www.cij.gov.ar/adj/pdfs/ADJ-0.305074001493756538.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fil-5 ta' Frar 2020).

[145] Din il-gwida hija disponibbli fuq < http://www.agu.gov.br/page/content/detail/id_conteudo/157035 > (ikkonsultat l-aħħar fil-5 ta' Frar 2020).



# Indiċi tal-ġurisprudenza ċċitata

## Indiċi tal-ġurisprudenza ċċitata

Id-deċiżjonijiet kollha ċċitati f'din il-Gwida u msemmija hawn taħt huma disponibbli fuq INCADAT[146] b'test sħiħ tad-deċiżjoni bil-lingwa oriġinali tagħha kif ukoll sommarju tagħha bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bl-Ispanjol, taħlita ta' tnejn minn dawn il-lingwi, jew fit-tliet lingwi. In-numru ta' Referenza individwali ta' INCADAT indikat f'parenteżi kwadri jippermetti aċċess faċli għal deċiżjoni billi jiddaħħal dan in-numru fil-kaxxa tat-tiftix rilevanti.

Iċ-ċifri jirreferu għan-numri tal-paġni.

### L-Arġentina

*A.* vs *A.*, il-5 ta' Ottubru 2001, il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Buenos Aires, (l-Arġentina) ¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/AR 487] ---------------------------------------------- 43

*E.S. s/ Reintegro de hijo*, il-11 ta' Ġunju 2013, *Corte Suprema de Justicia de la Nación ¶*(l-Arġentina) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AR 1305] ------------------------------ 31

*G., P. C. c. H., S. M. s/ reintegro de hijos*, it-22 ta' Awwissu 2012, *Corte Suprema ¶de Justicia de la Nación* (l-Arġentina) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AR 1315] --------- 41

### L-Awstralja

*Id-Direttorat Ġeneralli, l-Awtorità Ċentrali tad-Dipartiment tas-Servizzi Komunitarji* vs *J.C. ¶u J.C. u T.C.*, il-11 ta' Lulju 1996, il-Qorti Plenarja tal-Qorti tal-Familja tal-Awstralja ¶f'Sydney, (l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 68] ---------------------- 51

*Id-Direttur Ġenerali għad-Dipartiment tal-Familji, iż-Żagħżagħ u l-Kura fil-Komunità u Hobbs,* ¶l-24 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Familja tal-Awstralja fi Brisbane, (l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 294] ------------------------------------ 50

*Id-Direttur Ġenerali, id-Dipartiment għall-Familji vs R.S.P.* [2003] FamCA 623, ¶is-26 ta' Awwissu 2003, il-Qorti Plenarja tal-Qorti tal-Familja tal-Awstralja, (l-Awstralja) ¶ ( ¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 544] ---------------------------------------------- 50

*DP* vs *l-Awtorità Ċentrali tal-Commonwealth*, [2001] HC 39, (2001) 180 ALR 402 ¶(l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT HC/E/AU 346] ------------------------------------- 44

*Gsponer* vs *Johnson*, it-23 ta' Diċembru 1988,il-Qorti Plenarja tal-Qorti tal-Familja ¶tal-Awstralja f'Melbourne, (l-Awstralja) (tal-Awstralja f'Melbourne, l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 255] ------------------------------------------------------------ 31

*H.Z.* vs *l-Awtorità Ċentrali tal-Istat*, is-6 ta' Lulju 2006, il-Qorti Plenarja tal-Qorti tal-Familja ¶tal-Awstralja f'Melbourne, (l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 876] ----------------------------------------------------------------------------- 28

*Il-Kummissarju tal-Puluzija tan-Nofsinhar tal-Awstralja* vs *H.,* is-6 ta' Awwissu 1993, il-Qorti tal-Familja tal-Awstralja f'Adelaide, (l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 260] ---------------------------------------------------------------------------- 51

*L-Awtorità Ċentrali tal-Istat* vs *Maynard*, id-9 ta' Marzu 2003, il-Qorti tal_Familja tal-Awstralja¶(l-Awstralja) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/AU 541] ---------------------- 44

[146] Ara t-Taqsima V ta' din il-Gwida.

*L-Awtorità Ċentrali tal-Istat, is-Segretarju għad-Dipartiment għas-Servizzi tal-Bniedem* vs *Mander*, ¶is-17 ta’ Settembru 2003, il-Qorti tal-Familja tal-Awstralja, (l-Awstralja) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/AU 574] ---------------------------------------------- 40

**L-Awstrija**

2Ob90/10i, it-8 ta’ Lulju 2010, *Oberster Gerichtshof*(l-Awstrija) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/AT 1047]; ------------------------------------------------------------------------ 48

**Il-Belġju**

Nru 03/3585/A, is-17 ta’ April 2003, *Tribunal de première instance de Bruxelles* ¶(il-Belġju) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/BE 547] ---------------------------------------- 43

No de rôle: 07/78/C, il-25 ta’ Jannar 2007, *Tribunal de première instance de Bruxelles* (il-Belġju) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/BE 857] ------------------------------------ 44

**Iċ-Ċilì**

*N. R. c. J. M. A. V. s/ reintegro de hijo*, it-28 ta’ Frar 2013, *Corte Suprema* (iċ-Ċilì) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/CL 1318] -------------------------------------------- 42

**Iċ-Ċina**

*EW* vs *LP*, HCMP1605/2011, il-31 ta’ Jannar 2013, Il-Qorti Għolja tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ¶ ta’ Hong Kong, (iċ-Ċina) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/CNh 1408] --------------------------------------------------------------------------- 27

*LPQ* vs *LYW* [2014] HKCU 2976, il-15 ta’ Diċembru 2014, Il-Qorti Għolja tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ¶ta’ Hong Kong, (iċ-Ċina) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/CNh 1302] --------------------------------------------------------------------------- 49

**Id-Danimarka**

B-2939-01, il-11 ta' Jannar 2002, *Vestre Landsret* (id-Danimarka) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/DK 519] ------------------------------------------------------------------ 43

V.L. B-1572-09, it-23 ta’ Settembru 2009, *Vestre Landsret* (id-Danimarka) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/DK 1101] ------------------------------------------------------------- 44

**Franza**

No de pourvoi 08-18126, il-25 ta’ Frar 2009, *Cour de cassation* (Franza) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1013] ----------------------------------------------------------------- 41

No de pourvoi 14-17.493, id-19 ta’ Novembru 2014, *Cour de cassation* (Franza) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1309] -------------------------------------------- 43

No de pourvoi 17-11031, l-4 ta’ Mejju 2017, *Cour de cassation* (Franza) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1346] ----------------------------------------------------------------- 44

No de RG 06/00395, it-30 ta’ Mejju 2006, *Cour d’appel de Paris* ( Franza) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1010] ------------------------------------------------------------ 40

No de RG 08/04984, it-18 ta’ Frar 2009, *Cour d’appel de Nîmes* (Franza) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1135] ------------------------------------------------------------ 42

No de RG 11/01062, it-28 ta’ Ġunju 2011, *Cour d’appel de Bordeaux* (Franza) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1128] -------------------------------------------- 41

No de RG 11/01437, l-1 ta’ Diċembru 2011, *Cour d’appel d’Agen* (Franza) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1172] ------------------------------------------------------------ 45

No de RG 11/02685, it-28 ta’ Ġunju 2011, *Cour d’appel de Rennes* (Franza) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1129] ------------------------------------------------------------ 43

No de RG 11/02919, id-19 ta’ Settembru 2011, *Cour d’appel de Lyon* (Franza) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1168] ---------------------------------------------- 41

No de RG 12-19382, l-20 ta’ Marzu 2013, *Cour de cassation* (Franza) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/FR 1213] ---------------------------------------------------------------- 42

**Il-Ġermanja**

12 UF 532/16, is-6 ta’ Lulju 2016, *Oberlandesgericht München Senat für Familiensachen* ¶(il-Ġermanja) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/DE 1405] ------------------------------ 28

17 UF 56/16, l-4 ta’ Mejju 2016, *Oberlandesgericht Stuttgart Senat für Familiensachen* ¶(il-Ġermanja) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/DE 1406] ------------------------------ 41

7 UF 660/17, il-5 ta’ Lulju 2017, *Oberlandesgericht Nürnberg Senat für Familiensachen* ¶(il-Ġermanja) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/DE 1409] ------------------------------ 45

**L-Irlanda**

*A.S.* vs *P.S. (Ħtif ta' Wild Minuri)* [1998] 2 IR 244, is-26 ta’ Marzu 1998, il-Qorti Suprema¶(l-Irlanda) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/IE 389] ------------------------- 41

**L-Istati Uniti tal-Amerka**

*Abbott* vs *Abbott*, 130 S. Ct. 1983 (2010), is-17 ta’ Mejju 2010, il-Qorti Suprema, l-Istati Uniti ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/USf 1029] --------------------------------- 21

*Escaf* vs *Rodriquez*, 200 F. Supp. 2d 603 (E.D. Va. 2002), is-6 ta’ Mejju 2002, ¶il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett tal-Lvant ta’ Virginia, Diviżjoni ta’ Alexandria ¶(l-Istati Uniti) ( ) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/USf 798] --------------------------- 43

*Freier* vs *Freier*, 969 F. Supp. 436 (E.D. Mich. 1996), l-4 ta’ Ottubru 1996, ¶il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett tal-Lvant ta’ Michigan, Diviżjoni tan-Nofsinhar¶( (l-Istati Uniti) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/USf 133] -------------------------------- 43

*Gomez* vs *Fuenmayor*, Nru 15-12075, il-Qorti tal-Appell tal-Istati Uniti (il-11-il Ċirkwit), ¶il-5 ta’ Frar 2016 (l-Istati Uniti) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/US 1407] ---------- 38

*Fil-kwistjoni ta' L.L. (Tfal)*, it-22 ta’ Mejju 2000, il-Qorti tal-Familja ta’ New York (l-Istati Uniti) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/USs 273] -------------------------------------- 48

*Miltiadous* vs *Tetervak*, 686 F. Supp. 2d 544 (E.D. Pa. 2010), id-19 ta’ Frar 2010, ¶il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti, id-Diviżjoni tal-Lvant ta’ Pennsylvania (l-Istati Uniti) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/US 1144] --------------------------------------------- 38

*Ostevoll* vs *Ostevoll*, 2000 WL 1611123 (S.D. Ohio 2000), is-16 ta’ Awwissu 2000, ¶il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti f’Ohio (l-Istati Uniti) [Referenza ta’ INCADAT: HC/E/US 1145] ---------------------------------------------------------------------------- 40

*Pliego* vs *Hayes*, 843 F.3d 226 (6th Cir. 2016), il-5 ta’ Diċembru 2016, il-Qorti tal-Appell għas-Sitt Ċirkwit (l-Istati Uniti) Referenza ta’ INCADAT: HC/E/US 1386] ------------- 48

*Sabogal* vs *Velarde*, 106 F. Supp. 3d 689 (2015), l-20 ta’ Mejju 2015, il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett ta’ Maryland (l-Istati Uniti) ¶[Referenza ta’ INCADAT: HC/E/USf 1383] ---------------------------------------------------------------------------- 35

*Souratgar* vs *Fair*, 720 F.3d 96 (2nd Cir. 2013), it-13 ta' Ġunju 2013, il-Qorti tal-Appell tal-Istati Uniti għat-Tieni Ċirkwit, (l-Istati Uniti) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/US 1240] ---------------------------------------------------------------------------------------- 39

*Tabacchi* vs *Harrison,* 2000 WL 190576 (N.D.Ill.), it-2 ta' Awwissu 2000, il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett tat-Tramuntana ta' Illinois, id-Diviżjoni tal-Lvant, (l-Istati Uniti) ¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/USf 465] ---------------------- 39

*Taylor* vs *Taylor*, 502 Fed.Appx. 854, 2012 WL 6631395 (C.A.11 (FLA.)) (11 th Cir. 2012), ¶l-20 ta' Diċembru 2012, il-Qorti tal-Appell tal-Istati Uniti għall-Ħdax-il Ċirkwit, (l-Istati Uniti) ¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/US 1184]--------------------------------------- 38

### L-Iżrael

*DZ* vs *YVAMVD,* RFAmA 2270, it-30 ta' Mejju 2013, il-Qorti Suprema¶(l-Iżrael) ¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/IL/1211] --------------------------------------------- 52

*LM* vs *MM Nevo,* RFamA 2338/09, it-3 ta' Ġunju 2009, il-Qorti Suprema ¶(l-Iżrael) ¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/IL 1037] --------------------------------------------- 52

*Mozzjoni għad-dritt tal-Appell (Kwistjonijiet tal-Familja)* 5690/10, l-10 ta' Awwissu 2010, il-Qorti Suprema ¶(l-Iżrael) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/1290] -- 46

### L-Iżvizzera

5A_285/2007/frs, is-16 ta' Awwissu 2007, *Tribunal fédéral, IIè cour de droit civil* ¶ (l-Iżvizzera) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CH 955] ------------------------------------ 42

### Il-Kanada

*Achakzad* vs *Zemaryalai* [2011] W.D.F.L. 2, l-20 ta' Lulju 2010, il-Qorti tal-Ġustizzja ta' Ontario ¶(il-Kanada) ( [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 1115] ---------------------- 40

*Chalkley* vs *Chalkley* (1995) ORFL (4th) 422, it-13 ta' Jannar 1995, il-Qorti tal-Appell ¶ta' Manitoba (il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 14] --------------------- 52

*J.D.* vs *P.D.*, (2010) ONCJ 410, id-9 ta' Settembru 2010, il-Qorti tal-Ġustizzja ta' Ontario ¶(il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 1421] -------------------------------- 34

*Kovacs* vs *Kovacs* (2002), 59 O.R. (3d) 671 (Sup. Ct.), it-23 ta' April 2002, ¶il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja ta' Ontario (il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 760] 61

*M.G.* vs *R.F.*, 2002 R.J.Q. 2132, it-23 ta' Awwissu 2002, il-Qorti tal-Appell ta' Quebec (il-Kanada)¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 762] ----------------------------------- 61

*Mbuyi* vs *Ngalula*, (2018) MBQB 176, it-8 ta' Novembru 2018, IlCourt of Queen's Bench ¶ta' Manitoba (il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 1416] ------------------ 34

*L-Uffiċċju tal-Avukat tat-Tfal* vs *Balev*, 2018 SCC 16, il-Qorti Suprema tal-Kanada¶(il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 1389] ------------------------------------ 16

*Thomson* vs *Thomson*, [1994] 3 SCR 551, l-20 ta' Ottubru 1994, il-Qorti Suprema tal-Kanada ¶(il-Kanada) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 11] ------------------------- 27

*Solis* vs *Tibbo Lenoski*, 2015 BCCA 508 (CanLII) (il-Kanada) ¶[Referenza ta' INCADAT HC/E/CA 1403] --------------------------------------------------------------------------- 44

*Y.D.* vs *J.B.,* [1996] R.D.F. 753, is-17 ta' Mejju 1996, il-Qorti Superjuri ta' Quebec (il-Kanada) ¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/CA 369]-------------------------------------- 41

## Il-Messiku

*Proċedura għar-Ritorn Internazzjonali tat-Tfal,* il-Kawża Nru 2926/2008, ¶is-16 ta' Frar 2009, *Tercera Sala Familiar del Honorable Tribunal Superior de Justicia ¶del Distrito Federal* (il-Messiku) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/MX 1038] ------------------------ 43

## In-Netherlands

*X. (l-omm) kontra Y. (il-missier)*, it-22 ta' Frar 2018, *Rechtbank's-Gravenhage* ¶(in-Netherlands) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/NL 1391] -------------------------------- 40

## New Zealand

*H.* vs *H.* [1995] 12 FRNZ 498, l-4 ta' Diċembru 1995, il-Qorti Għolja f'Wellington ¶(New Zealand) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/NZ 30] --------------------------------------- 48

*K.M.A.* vs *Is-Segretarju tal-Ġustizzja* [2007] NZFLR 891, il-5 ta' Ġunju 2007, il-Qorti tal_Appell ¶ta' New Zealand (New Zealand) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/NZ 1118] - ------------------------------------------------------------------------------------41, 52

*Is-Segretarju tal_Ġustizzja* vs *N., ex parte C.,* l-4 ta' Marzu 2001, il-Qorti Għolja f'Wellington ¶(New Zealand) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/NZ 501] ---------------- 48

## Ir-Renju Unit

*F. vs M. (Ħtif: Riskju Gravi ta' Ħsara)* [2008] 2 FLR 1263, is-6 ta' Frar 2008, ¶il-Qorti Għolja tal-Ingilterra u Wales, Sezzjoni tal-Familja, (ir-Renju Unit) ¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 1116] ------------------------------------------------------ 39, 49

*O.* vs *O.* 2002 SC 430, it-3 ta' Mejju 2002, Outer House of the Court of Session ¶tal-Iskozja, (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKs 507] --------------------- 51

*Re A. (Minuri) (Ħtif: Drittijiet ta' Kustodja)* [1992] Fam 106, it-12 ta' Frar 1992, ¶il-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales), (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 48] ------------------------------------------------------------------------------------------ 42

*Re C. (Ħtif: Riskju Gravi ta' Ħsara Psikoloġika)* [1999] 1 FLR 1145, ¶it-2 ta' Diċembru 1999, il-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales (ir-Renju Unit) ¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 269] ---------------------------------------------------------------- 50

*Re D.* [2006] 3 WLR 0989, is-16 ta' Novembru 2006, il-House of Lords tar-Renju Unit ¶(Ingilterra u Wales) (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 880] ------ 27

*Re D. (l-Artikolu 13b: Nonritorn)* [2006] EWCA Civ 146, il-25 ta' Jannar 2006, il-Qorti tal-Appell ¶tal-Ingilterra u Wales (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 818] ------------------------------------------------------------------------------- 43

*Re E. (Tfal) (Ħtif: Appell għall-Kustodja)* [2011] UKSC 27, ¶[2012] 1 A.C. 144, l-10 ta' Ġunju 2011, il-Qorti Suprema tar-Renju Unit tal-Ingilterra u Wales, (ir-Renju Unit) ¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 1068] -------------------------------- 27, 34, 41, 49

*Re G. (Ħtif: Irtirar tal-Proċedimenti, Qbil, Residenza Abitwali)* ¶[2007] EWHC 2807 (Fam), it-30 ta' Novembru 2007, il-Qorti Għolja (Sezzjoni tal-Familja) tal-Ingilterra u Wales (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 966] ----------------------- 46

*Re M. and J. (Ħtif) (Kollaborazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali)* [1999] 3 FCR 721, ¶is-16 ta' Awwissu 1999, il-Qorti Għolja tal-Ingilterra u Wales, (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 266] ------------------------------------------------------------ 47

*Re S. (Wild minuri) (Ħtif: Drittijiet ta' kustodja)* [2012] UKSC 10, ¶[2012] 2 A.C. 257, l-14 ta' Marzu 2012, il-Qorti Suprema tal-Ingilterra u Wales) (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 1147] ------------------------------------------------------------ 50

*Re T. (Ħtif: Oġġezzjonijiet tal-Wild Minuri għar-Ritorn)* [2000] 2 F.L.R. 192, ¶it-18 ta' April 2000, il-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales (ir-Renju Unit) ¶[Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 270] ---------------------------------------------------------------- 51

*Re W. (Wild Minuri)* [2004] EWCA Civ 1366 (ir-Renju Unit) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/UKe 771] ---------------------------------------------------------------------------- 38

**Iż-Żimbabwe**

*Is-Segretarju tal-Ġustizzja* vs *Parker*, 1999 (2) ZLR 400 (H), it-30 ta' Novembru 1999, il-Qorti Għolja (iż-Żimbabwe) [Referenza ta' INCADAT: HC/E/ZW 340] -------------- 39